Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ID-DIRETTIVA 2004/22/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Marzu 2004

dwar l-istrumenti tal-kejl

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►M2	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008
►M3	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/137/KE tal-10 ta' Novembru 2009	L 294	7	11.11.2009
►M4	Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012	L 316	12	14.11.2012

▼B

ID-DIRETTIVA 2004/22/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Marzu 2004

dwar l-istrumenti tal-kejl

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Numru ta' strumenti tal-kejl huma koperti b'Direttivi speċifiċi, adottati fuq il-bażi tad-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE ta-26 ta' Lulju 1971 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disposizzjonijiet komuni kemm sabiex ikelju l-istrumenti u kemm għall-metodi tal-kontroll metroloġiku ([4]). Id-Direttivi speċifiċi li għadda żmienhom teknikment għandhom jiġu mħassra u mibdula b'Direttiva indipendenti li tirrifletti l-ispirtu tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar avviċinament ġdid għall-armonizazzjoni teknika u l-i*standards* tekniċi ([5]).

(2) L-istrumenti korretti u traċċjabbli tal-kejl jistgħu jintużaw għal varjetà ta' kompiti tal-kejl. Jistgħu jeħtieġu l-użu ta' strumenti tal-kejl ikkontrollat b'mod legali dawk li jirrispondu għall-interes pubbliku, is-saħħa pubblika, is-salvagward u l-ordni, il-protezzjoni ta' l-ambjent u tal-konsumatur, il-liġijiet tal-ġbir tat-taxxi u tad-dazji u tal-kummerċ ġust, li jaffettwaw il-ħajja taċ-ċittadini direttament u indirettament f'ħafna modi.

(3) Il-kontroll metroloġiku legali ma għandux iwassal għal xkilijiet għall-moviment ħieles ta' l-istrumenti tal-kejl. Id-disposizzjonijiet interessati għandhom ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha u l-prova tal-konformità għandha tiġi aċċettata fil-Komunità kollha.

(4) Il-kontroll metroloġiku legali jeħtieġ il-konformità nal-ħtiġiet speċifikati tat-twettiq tax-xogħol. Il-ħtiġiet tat-twettiq tax-xogħol li l-istrumenti tal-kejl jridu jissodisfaw għandhom jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni. L-istima tal-konformità għandha tipprovdi livell għoli ta' fiduċja.

([1]) ĠU C 62 E, tas-27.2.2001, p. 1 u
ĠU C 126 E, tat-28.5.2002, p. 368.
([2]) ĠU C 139, tal-11.5.2001, p. 4.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2001 (ĠU C 65 E, ta' l-14.3.2002, p.34). Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 (ĠU C 252 E, tal-21.10.2003, p. 1) u l-Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 200 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2004.
([4]) ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).
([5]) ĠU C 136, ta' l-4.6.1985, p. 1.

▼B

(5) Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kontroll metroloġiku legali. Meta jiġi stabbilit il-kontroll metroloġiku legali, għandhom jintużaw biss l-istrumenti tal-kejl li jħarsu l-ħtiġet komuni tat-twettiq tax-xogħol.

(6) Il-prinċipju tal-għażla mdaħħal b'din id-Direttiva, li bih l-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiddeċiedu jekk jirregolawx jew le wieħed mill-istrumenti koperti b'din id-Direttiva, għandu jkun jista' japplika biss safejn u sakemm dan ma jikkawżax kompetizzjoni inġusta.

(7) Ir-responsabbiltajiet tal-fabbrikant sabiex iħares il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva għandhom ikuu ddikjarati b'mod speċifiku.

(8) It-twettiq tax-xogħol ta' l-istrumenti tal-kejl huwa sensittiv partikolarment għall-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent elettromenjetiku. L-immunità ta' l-istrumenti tal-kejl mill-interferenza elettro-manjetika tagħmel parti integrali minn din id-Direttiva, u l-ħtiġiet ta' l-immunità tad-Direttiva tal-Kunsill 89/336/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibbilità elettro-manjentika ([1]) għalhekk ma għandhomx japplikaw.

(9) Il-leġislazzjoni Komunitarja għandha tispeċifika l-ħtiġiet essenzali li ma jimpedux il-progres tekniku, preferibbilment il-ħtiġiet tat-twettiq tax-xogħol. Id-diposizzjonijiet għalbiex jitneħħew ix-xkilijiet tekniċi għandhom isegwu r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar avviċinament ġdid għall-armonizzazzjoni teknika u l-i*standards* tekniċi.

(10) Sabiex iqisu d-differenzi fil-kondizzjonijiet klimatiċi jew tal-livelli differenti tal-protezzjoni tal-konsumaturi li jistgħu japplikaw fil-livell nazzjonali, il-ħtiġet essenzali jistgħu jwasslu għall-ħolqien li jiġu stabbiliti klassijiet ambjentali jew ta' l-eżattezza.

(11) Sabiex iħaffu l-kompitu tal-prova tal-konformità mal-ħtiġiet essenzali u sabiex jgħinu li tiġi stmata l-konformità, huwa mixtieq li jkun hemm *standards* armonizzati. Dawn l-i*standards* armonizzati jitfasslu minn korpi tal-liġijiet privati u għandhom iżommu l-istatus tagħhom ta' testi mhux mandatorji. Għal dan il-fini, il-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni (*CEN*), il-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni Elettro-teknika (*CENLEC*) u l-Istitut Ewropew ta' l-I*standards* tat-Telekomunikazzjoni (*ETSI*) huma magħrufa bħala l-korpi kompetenti sabiex jiġu adottati l-i*standards* armonizzati skond il-linji gwida ġenerali dwar il-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-korpi Ewropej ta' l-Istandardizzazzjoni ffirmati fit-13 ta' Novembru 1984.

(12) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tat-twettiq tax-xogħol tad-dokumenti normattivi miftiehma internazzjonalment jistgħu jikkonformaw ukoll, fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom, mal-ħtiġiet essenzali stabbiliti b'din id-Direttiva. F'dawn il-każijiet, l-użu ta' dawn id-dokumenti normattivi miftiehma internazzjonalment jistgħu jkunu alternattiva għall *standards* armonizzati u, taħt kondizzjonijiet speċifiċi, jistgħu jwasslu li joħolqu l-preżunzjoni ta' konformità.

([1]) ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1).

▼B

(13) Il-konformità mal-ħtiġiet essenzali stabbiliti b'din id-Direttiva jistgħu jiġu pprovvduti wkoll mill-ispeċifikazzjonijiet li ma jkunux forniti minn *standard* tekniku Ewropew jew dokument normattiv miftiehem internazzjonalment. L-użu ta' l-i*standards* tekniċi Ewropej jew ta' dokumenti normattivi miftiehma internazzjonalment għandhom għalhekk ikunu fuq għażla.

(14) L-istima tal-konformità tas-sub-tagħqid għandha tirrispetta d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Jekk is-sub-tagħqidiet jiġu kkummerċjati b'mod separat u indipendenti minn strument, l-eżerċizzju tal-konformità għandu jiġi midħul għalih b'mod indipendenti mill-istrument interessat.

(15) L-iktar stat avvanzat fit-teknoloġija tal-kejl huwa bla ħsara għal evoluzzjoni kostanti li tista' twassal għal bidliet fil-ħtiġiet ta' l-istimi tal-konformità. Għalhekk, għal kull kategorija ta' kejl u, meta approprjat, għas-sub-tagħqid, irid ikun hemm proċedura approprjata jew għażla bejn il-proċeduri differenti ta' strettezza ekwivalenti. Il-proċeduri adottati huma kif meħtieġa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 li tirigwarda l-moduli għall-fażijiet differenti tal-proċeduri ta' l-istima tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u l-użi tal-marki "*CE*", li huma maħsuba li jridu jintużaw fid-Direttivi ta' l-armonizzazzjoni teknika ([1]). Madankollu, jista' jkollhom jsiru derogi għal dawn il-moduli sabiex jirriflettu aspetti speċifiċi tal-kontroll metroloġiku. Għandha ssir disposizzjoni sabiex il-marki "*CE*" jiġu mwaħħla matul il-proċess tal-fabbrikazzjoni.

(16) L-iżvilupp issoktat fit-teknoloġija tal-kejl kif ukoll tħassib espress minn dawk li għadhom sehem dwar iċ-ċertifikazzjoni, jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żgurati l-proċeduri ta' l-istima konsistenti tal-konformità għall-prodotti industrijali, kif mitluba mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill adottata fl-10 ta' Novembru 2003 ([2]).

(17) L-Istati Membri ma għandhomx ifixklu t-tqegħid fis-suq u/jew it-tidħil fl-użu ta' l-istrumenti tal-kejl li jġorru l-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

(18) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni approprjata sabiex jipprevjienu l-istrumenti li ma jikkonformawx milli jitqiegħdu fis-suq u/jew jiddaħħal fl-użu. Hija għalhekk meħtieġa l-koperazzjoni adegwata bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat l-effett ta' dan il-għan mal-Komunità kollha.

(19) Il-fabbrikanti għandhom jiġu mgħarrfa bir-raġunijiet li fuqhom kienu ttieħdu d-deċiżjonijiet negattivi rigward il-prodotti tagħhom, u tar-rimedji legali disponibbli għalihom.

(20) Il-fabbrikanti għandhom jiġu offruti l-possibbiltà li jeżerċitaw id-drittijiet miksuba qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, matul perjodu transitorju raġjonevoli taż-żmien.

([1]) ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 23.
([2]) ĠU C 282, tal-25.11.2003, p. 3.

▼B

(21) L-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali li jirrigwardaw il-ħtiġiet approprjati nazzjonali fl-użu ma għandhomx jinterferu mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar "it-tidħil fl-użu",

(22) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(23) L-attività tal-Kumitat ta' l-Istrumenti tal-Kejl għandu jinkudi konsultazzjonijiet xierqa mar-rappreżentanti tal-partijiet interessati.

(24) Id-Direttivi 71/318/KEE, 71/319/KEE, 71/348/KEE, 73/362/KEE, 75/33/KEE, sa fejn jirrigwardaw l-arloġġi ddefiniti fl-Anness MI-001 ta' din id-Direttiva, 75/410/KEE, 76/891/KEE, 77/95/KEE, 77/313/KEE, 78/1031/KEE u 79/830/KEE għandhom għalhekk jiġu mħassra,

ADDOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-iskop

Din id-Direttiva tapplika għall-mezzi u s-sistemi b'funzjoni tal-kejl iddefiniti fl-annessi speċifiċi għall-istrumenti li jirrigwardaw l-arloġġi ta' l-ilma (MI = 001), l-arloġġi tal-gass u l-mezzi li jaqilbu l-volum (MI-002), l-arloġġi attivi ta' l-enerġija elettrika (MI-003), l-arloġġi tas-sħana (MI-004), is-sistemi tal-kejl għall-kejl kontinwu u dinamiku ta' kwantitajiet ta' likwidi oħra għajr l-ilma (MI-005), l-istrumenti awtomatiċi tal-kejl (MI-006), it-tassimetri (MI-007), il-miżuri materjali (MI-008), il-miżuri tal-kejl tad-dimensjonijiet (MI-009) u l-analizzaturi tal-gassijiet tat-tubi ta' l-emissjoni (MI-010).

Artikolu 2

1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-użu ta' l-istrumenti tal-kejl imsemmija fl-Artikolu 1 sabiex ikejlu l-kompiti għal raġunijiet ta' l-interess pubbliku, is-saħħa pubblika, l-ordni pubblika, il-protezzjoni ta' l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-ordnijiet tal-ġbir tat-taxxi u d-dazji u l-kummerċ ġust, li jikkunsidrawh iġġustifikat.

2. Meta l-Istati Membri ma jistabbilixxux dan l-użu, għandhom jikkomunikaw ir-raġunijiet għalihom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 3

Il-Għan

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġiet li jridu jissodisfaw il-mezzi u s-sistemi riferiti fl-Artikolu 1 bil-ħsieb li jitqiegħdu fis-suq u/jew jiddaħħlu fl-użu għal dawk il-kompiti msemmija fl-Artikolu 2(1).

Din id-Direttiva hija Direttiva speċifika rigward il-ħtiġiet ta' l-immunità elettro-manjetika fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/336/KEE. Id-Direttiva 89/336/KEE tissokta tapplika rigward il-ħtiġiet ta' l-emissjonijiet.

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

Artikolu 4

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "strument tal-kejl" ifisser kull mezz jew sistema bil-funzjoni tal-kejl li huma koperti bl-Artikoli 1 u 3;

(b) "sub-tagħqida" tfisser mezz ta' materjal iebes, imsemmi ta' hekk fl-annessi speċifiċi, li jiffunzjona b'mod indipendenti u jagħmel strument tal-kejl flimkien:

— ma' sub-tagħqidiet oħra li magħhom huwa kompatibbli, jew

— ma' strument tal-kejl li magħhom huwa kompatibbli;

(ċ) "kontroll metroloġiku legali" ifisser il-kontroll għall-kompiti tal-kejl maħsuba għall-kamp ta' l-applikazzjoni ta' strument tal-kejl, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, is-saħħa pubblika, is-igurtà pubblika, l-ordni pubbliku, il-protezzjoni ta' l-ambjent, il-liġijiet għall-ġbir tat-taxxi u tad-dazji, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-kummerċ ġust;

(d) "fabbrikant" ifisser persuna naturali jew legali responsbbli mill-konformità ta' strument tal-kejl ma' din id-Direttiva bil-ħsieb jew li jqiegħdu fis-suq taħt u f'ismu u/jew idaħħlu fl-użu għall-għanijiet tiegħu;

(e) "tqegħid fis-suq" ifisser li jintgħamel disponibbli għall-ewwel daba fil-Komunità strument maħsub għall-utent aħħari, sewwa jekk bi qligħ u sewwa jekk bla ħlas;

(f) "tidħil fl-użu" ifisser l-ewwel użu ta' strument maħsub għall-utent aħħari għall-għanijiet li għalih kien maħsub;

(g) "rappreżentant awtorizzat" ifisser persuna naturali jew legali li huwa stabbilit ġewwa l-Komunità u awtorizzat minn fabbrikant, bil-miktub, sabiex jaġixxi f'ismu għall-kompiti speċifikati fit-tifsira ta' din id-Direttiva;

(h) "*standard* armonizzat" ifisser speċifikazzjoni teknika adottata mis-*CEN*, is-*CENELEC* jew l-*ETSI*, jew konġuntament minn tnejn minn dawn l-orgnizzazzjonijiet jew minn kollha fuq it-talba tal-Kummissjni skond id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-kamp ta' l-i*standards* u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta ta' l-Informatika ([1]) u mħejjija skond il-Linji Gwida Ġenerali miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-i*standards*.

(i) "dokument normattiv" ifisser dokument li jkun fih speċifikazzjonijiet tekniċi adottati mill-*Organisation Internationale de Métrologie Légale* (*OIML*), bla ħsara għall-proċdura stabbilita fl-Artikolu 16(1).

([1]) ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE (ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18).

▼B

Artikolu 5

L-applikabbiltà għas-sub-tagħqid

Meta jeżistu annessi speċifiċi, li jistabbilixxi l-ħtiġiet essenzali għas-sub-tagħqid, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva *mutatis mutandis* għal dawn is-sub-tagħqidiet.

Is-sub-tagħqid u l-istrumenti tal-kejl jistgħu jiġu stmati indipendenement u separatament bil-għan li tiġi stabbilita l-konformità.

Artikolu 6

Il-ħtiġiet essenzali u l-istima tal-konformità

1. Strument tal-kejl għandu jissodisfa l-ħtiġiet essenzali stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness rilevanti speċifiku għall-istrumenti.

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu, jekk meħtieġ għall-użu korrett ta' l-istrument, it-tagħrif riferit fl-Anness I jew fl-annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument li jridu jiġu pprovvduti fl-ilsien/ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih l-istrument jitqiegħed fis-suq.

2. Il-konformità ta' strument tal-kejl mal-ħtiġiet essenzali għandha tiġi stmata skond l-Artikolu 9.

Artikolu 7

Il-għoti tal-marka tal-konformità

1. Il-konformità ta' strument tal-kejl mad-disposizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għandha tiġi indikata bil-preżenza fuqha tal-marka "*CE*" u tal-marka supplimetari tal-metroloġija kif speċifikat fl-Artikolu 17.

2. Il-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija għandhom jiġu mwaħħla minn, jew fuq ir-responsabblità tal-fabbrikant. Dawn il-marki jistgħu jitwaħħlu ma' l-istrument matul il-proċess tal-fabbrikazzjoni, jekk iġġustifikati.

3. It-twaħħil ta' marki fuq strument tal-kejl li x'aktarx iqarrqu lil partijiet terzi rigward it-tisfira u/jew il-għamla tal-marka "*CE*" għandu jkun ipprojbit. Tista' titwaħħal kull marka oħra fuq l-istrument tal-kejl, sakemm b'daqshekk ma jitnaqqsux il-viżibbiltà u l-leġibbiltà tal-marka "*CE*"' u l-marka supplimentari tal-metroloġija.

4. Meta l-istrument tal-kejl ikun bla ħsara għall-miżuri adottati skond Direttivi oħra li jkorpu aspetti oħra li jeħtieġu t-twaħħil tal-marka "*CE*", il-marka għandha tindika illi l-istrument fil-kwistjoni huwa wkoll preżunt li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dawn id-Direttivi l-oħra. F'dan il-każ, trid tingħata r-referenza għall-pubblikazzjoni tad-Direttivi msemmija, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, fid-dokumenti, l-avviżi jew l-istruzzjonijiet meħtieġa minn dawn id-Direttivi u mill-istrument tal-kejl.

▼B

Artikolu 8

It-tqegħid fis-suq u t-tidħil fl-użu

1. L-Istati Membri ma għandhomx, għal raġunijiet koperti b'din id-Dirtetiva. ifixklu t-tqegħid fis-suq u/jew it-tidħil fl-użu ta' kull strumenti tal-kejl li jġorr il-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija skond l-Artikolu 7.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw illi l-istrumenti tal-kejl jitqiegħdu fis-suq u/jew jiddaħħlu fl-użu jekk jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva biss.

3. Stat Membru jista' jeħtieġ li strument tal-kejl jissodisfa d-disposizzjonijiet li jirregolaw it-tidħil fl-użu li jkun iġġustifikat bil-kondizzjonijit klimatiċi lokali. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jagħżel il-limiti approprjati tal-temperaturi l-iktar għolja u l-iktar baxxi mit-Tabella 1 ta' l-Anness I u, b'żieda ma' dan, jista' jispeċifika l-kondizzjonijiet ta' l-umdità (il-kondensazzjoni u n-nuqqas tal-kondensazzjoni) u jekk il-post maħsuba ta' l-użu tkunx fil-miftuħ jew magħluqa.

4. Meta jiġu ddefiniti klassijiet differenti ta' l-eżattezza għal strument tal-kejl:

(a) il-miżuri speċifiċi għall-istrumenti taħt l-intestatura "Tidħil fl-użu" tista' tindika l-klassijiet ta' l-eżattezza li jridu jiġu wżati għal speċifikazzjonijiet speċifiċi.

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, Stat Membru jista' jistabbilixxi l-klassijiet ta' l-eżattezza li jridu jintużaw għal applikazzjonijiet speċifiċi ġewwa l-klassijiet iddefiniti, bla ħsara li jiġi permess l-użu tal-klassijiet kollha ta' l-eżattezza fit-territorju tiegħu.

F'kull wieħed miż-żewġ każi taħt il-(a) jew il-(b), jistgħu jintużaw strumenti tal-kejl ta' klassi aħjar ta' eżattezza jekk is-sid hekk jagħżel.

5. Fil-fieri, l-esibizzjonijiet, id-demostrazzjonijiet, eċċ. kummerċjali, l-Istati Membri ma għandhomx jipprevjienu li juru l-istrumenti mhux f'konformità ma' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli jindika biċ-ċar in-nuqqas tal-konformità u n-nuqqas tad-disponibbiltà tat-tqegħid tagħhom fis-suq u/jew it-tidħil tagħhom fl-użu sakemm jinġiebu f'konformità.

Artikolu 9

L-istima tal-konformità

L-istima tal-konformità ta' strument tal-kejl bil-ħtiġiet essenzali rilevanti għandha titwettaq bl-applikazzjoni, fuq il-għażla tal-fabbrikant, ta' waħda mill-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati fl-anness speċifikat għall-istrumenti. Meta approprjat, il-fabbrikant għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni teknika għall-istrumenti speċifiċi jew il-gruppi ta' l-istrumenti kif iddikjarati fl-Artikolu 10.

Il-moduli ta' l-istima tal-konformità li jagħmlu l-proċeduri huma deskritti fl-Annessi minn A sa H1.

Ir-reġistri u l-korrispondenza li għandhom x'jaqsmu ma' l-istima tal-konformità għandhom jitfasslu fl-ilsien/ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp innotifikat li jwettaq il-proċeduri ta' l-istima tal-Konformità, jew f'ilsien aċċettat minn dan il-korp.

▼B

Artikolu 10

Id-dokumentazzjoni teknika

1. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tagħmel intelliġibbli d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument tal-kejl u għandha tippermetti stima tal-konformità tiegħu mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

2. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tkun iddettaljata b'mod suffiċjenti għalbiex tiżgura:

— id-definizzjoni tal-karatteristiċi metroloġiċi,

— ir-riproduċibbiltà tat-twettiq tax-xogħol metroloġiku ta' l-istrumenti prodotti meta aġġustati kif jixraq bl-użu approprjat tal-mezzi maħsuba, u

— l-integrità ta' l-istrument.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi safejn u sakemm rilevanti għall-istima u l-identifikazzjoni tat-tip u/jew l-istrument:

(a) deskrizzjoni ġenerali ta' l-istrument;

(b) disinn konċettwali u t-tpinġijiet u l-pjani tal-fabbrikazzjoni tal-komponenti, tas-sub-tagħqid, taċ-ċirkwiti, eċċ.;

(ċ) il-proċeduri tal-fabbrikazzjoni sabiex jiżguraw produzzjoni konsistenti;

(d) jekk japplikaw, deskrizzjoni tal-mezzi elettroniċi bi tpinġijiet, dijagrammi, dijagrammi tal-moviment tal-loġika u tagħrif ġenerali dwar is-*software* li jispjega l-karatteristiċi u l-ħidma tagħhom;

(e) id-deskrizzjonijiet u l-ispjegi meħtieġa sabiex jinftiehmu l-paragrafi (b), (ċ) u (d), inkluża l-ħidma ta' l-istrument;

(f) lista ta' l-i*standards* u/jew id-dokumenti normattivi riferiti fl-Artikolu 13, applikat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu;

(g) id-dekrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet essenzali meta ma jkunux ġew applikati l-i*standards* u/jew id-dokumenti normattivi riferiti fl-Artikolu 13;

(h) ir-riżultati tal-kalkoli tad-disinni, l-eżamijiet, eċċ.;

(i) ir-riżultati tat-testijiet approprjati, meta meħtieġa, sabiex juru illi t-tip u/jew l-istrumenti jikkonformaw ma':

— il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva skond kondizzjonijiet iddikjarati rrattati tal-ħidma u skond id-disturbanzi ambjentali speċifikati,

— l-ispeċifikazzjonijiet tad-durabbiltà għall-arloġġi tal-gass, ta' l-ilma u tas-sħana kif ukoll għal likwidi oħra għajr l-ilma.

(j) iċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip "*EC*" jew iċ-ċertifikati ta' l-eżami tad-disinn "*EC*" rigward l-istrumenti li jkun fihom partijiet identiċi għal dawk fid-disinn.

▼B

4. Il-fabbrikant għandu jispeċifika meta kienu applikati s-siġilli u l-għoti tal-marki.

5. Il-fabbrikant għandu jindika l-kondizzjonijiet għall-kompatibbiltà ma' l-*interfaces* u s-sub-tagħqidiet, meta rilevanti.

Artikolu 11

In-Notifika

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-korpi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, li jkunu nnominaw sabiex iwettqu l-kompiti li jappartjienu għall-moduli ta' l-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9, flimkien man-numri ta' l-identifikazzjoni mogħtija lilhom mill-Kummissjoni skond il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-kwalità/jiet ta' l-istrument tal-kejl li għalih kull korp kien innominat u, b'żieda ma' dawn, meta rilevanti, il-klassijiet ta' l-eżattezza ta' l-istrument, il-firxa tal-kejl, it-teknoloġija tal-kejl u kull karatteristika oħra ta' l-istrument li tillimita l-iskop tan-notifika.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji ddikjarati fl-Artikolu 12 għan-nomina ta' dawn il-korpi. Il-korpi li jilħqu l-kriterji stabbiliti fl-i*standards* nazzjonali li jittrasponu l-i*standards* armonizzati rilevanti, li r-referenzi għalihom ikunu ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom jiġu preżunti li jilħqu l-kriterji korrispondenti. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-referenzi ta' dawn l-i*standards* nazzjonali.

Jekk Stat Membru ma jkunx daħħal il-leġislazzjoni għall-kompiti msemmija skond l-Artikolu 2, għandu jżomm id-dritt li jonnomina u jinnotifika korp għall-kompiti li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istrument.

3. Stat Membru li jkun innotifika korp għandu:

— jiżgura illi l-korp jissokta jissodisfa l-kriterji ddikjarati fl-Artikolu 12,

— jirtira din in-notifika jekk isib illi l-korp ma jissodisfax dawn il-kriterji iktar.

Għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan l-irtirar.

4. Kull wieħed mill-korpi li jrid jiġi nnotifikat għandu jingħata numru ta' l-identifikazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-korpi nnotifikati, flimkien mat-tagħrif rigward l-iskop tan-notifika riferita fil-paragrafu 1, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, Serje Ċ, u għandha tiżgura illi l-lista tinżamm aġġornata.

Artikolu 12

Il-kriterji li jridu jiġu ssodisfatti mill-korpi nnominati

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin għan-nomina tal-korpi skond l-Artikolu 11(1).

▼B

1. Il-korp, id-direttur u l-personal tiegħu involuti fil-kompiti ta' l-istima tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-fabbrikant, il-fornitur jew l-utent ta' l-istrumenti tal-kejl li jispezzjonaw, u l-anqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' wieħed minnhom. B'żieda ma' dan, ma jistgħux ikunu involuti direttament fid-disinn, il-fabbrikazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew il-manutenzjoni ta' l-istrumenti, u lanqas ma jirrappreżentaw lill-partijiet imħaddħla f'dawn l-attivitajiet. Il-kriterju preċedenti ma għandu, madankollu, jipprekludi fl-ebda manjiera l-possibbiltà ta' l-iskambji tat-tagħrif tekniku bejn il-fabbrikant u l-korp għall-għanijiet ta' l-istima tal-konformità.

2. Il-korp, id-direttur u l-pesonal tiegħu involuti fil-kompiti ta' l-istima tal-konformità għandhom ikunu ħielsa mill-pressjonijiet u t-tħajjir kollha, b'mod partikolari t-tħajjir finanzjarju, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati ta' l-istima tagħhom tal-konformità, b'mod speċjali minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' l-istimi.

3. L-istima tal-konformità għandha titwettaq bil-ogħla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza mitluba fil-kamp tal-metroloġija. Jekk il-korp jissubkontratta kompiti speċifiċi, għandu l-ewwel jiżgura illi s-sub-kuntrattur jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari ta' dan l-Artikolu. Il-korp għandu jżomm id-dokumenti rilevanti li jistmaw il-kwalifiki tas-sub-kuntrattur u x-xogħol imwettaq minnu skond din id-Direttiva għad-disposizzjoni ta' l-awtorità notifikatur.

4. Il-korp għandu jkollu l-kapabbiltà li jwettaq il-kompiti kollha ta' l-istima tal-konformità li għalihom ikun ġie nnominat, sewwa jekk dawn il-kompiti jitwettqu mill-korp innifsu u sewwa jekk f'ismu jew fuq ir-responsabbiltà tiegħu. Għandu jkollu għad-disposizzjoni tiegħu il-personal meħtieġ u għandu jkollu aċċess għall-faċilitajiet meħtieġa sabiex iwettaq f'manjiera xierqa l-kompiti tekniċi u amministrattivi involuti fl-istima tal-konformità.

5. Il-personal tal-korp għandu jkollu:

   — taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-kompiti kollha ta' l-istima tal-konformità li għalihom il-korp kien innominat,

   — għerf sodisfaċenti dwar ir-regoli li jirregolaw il-kompiti li jwettaq, u esperjenza adegwata ta' dawn il-kompiti,

   — il-ħila mitluba sabiex ifasslu ċ-ċertifikati, ir-reġistrazzjonijiet u r-rapporti li juru li twettqu l-kompiti.

6. Għandha tkun garantita l-imparzjalità tal-korp, tad-direttur u tal-persunal tiegħu. Il-ħlas tal-korp ma għandux jiddependi mir-riżultati tal-kompiti li jwettaq. Il-ħlas tad-direttur u tal-peronal tal-korp ma għandhomx jiddependu min-numri ta' kompiti mwettqa jew mir-riżultati ta' dawn il-kompiti.

7. Il-korp għandu jidħol f'assigurazzjoni ta' lijabbiltà ċivili jekk il-lijabbiltà ċivili tiegħu ma tkunx koperta mill-Istat Membru interessat skond il-liġijiet nazzjonali.

8. Id-direttur u l-personal tal-korp għandhom ikunu marbuta li josservaw is-segreteza professjonali rigward it-tagħrif kollu miksub fit-twettiq tax-xogħol fid-dmirijiet tagħhom skond din id-Direttiva għajr rigward l-awtorità ta' l-Istat Membru li jkun innomina lill-korp.

▼B

Artikolu 13

L-i*standards* armonizzati u d-dokumenti normattivi

1. L-Istati Membri għandhom jippreżumu l-konformità mal-ħtiġiet essenzali riferiti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrumenti ta' strument tal-kejl li jkkonforma ma' l-elementi ta' l-i*standards* nazzjonali li jimplimentaw l-i*standard* Ewropew armonizzat li jikkorrispondi ma' dawn l-elementi ta' dan l-i*standard* Ewropew armonizzat li r-riferimenti fir-rigward tiegħu ikunu ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, Serje Ċ.

Meta strument tal-kejl jikkonforma ma' parti biss ta' l-elementi ta' l-i*standard* nazzjonali riferiti fl-ewwel sub-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jippreżumu l-konformità mal-ħtiġiet essenzali li jikkorrispondu ma' l-elementi ta' l-i*standard* nazzjonali li magħhom jikkonforma l-istrument.

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-riferimenti għall-i*standards* nazzjonali riferiti fl-ewwel sub-paragrafu.

2. L-Isatati Membri għandhom jippreżumu l-konformità mal-ħtiġiet essenzali riferiti fl-Annes I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrumenti rigward strument tal-kejl li jikkonforma mal-partijiet korrispondenti tad-dokumenti normattivi u tal-listi riferiti fl-Artikolu 16(1)(a), li r-riferimenti fir-rigward tiegħu kienu ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, Serje Ċ.

Meta strument tal-kejl jikkonforma ma' parti biss tad-dokument normattiv riferit fl-ewwel sub-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jippreżumu l-konformità mal-ħtiġiet essenzali li jikkorrispondi ma' l-elementi normattivi li magħhom jikkonforma l-istrument.

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-riferimenti għad-dokument normattiv riferit fl-ewwel sub-paragrafu.

3. Fabbrikant jista' jagħżel li juża kull soluzzjoni teknika li tikkonforma mal-ħtiġiet essenzali riferiti fl-Annes I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrumenti (minn MI-001 sa MI-010). B'żieda ma' dan, sabiex jibbenefika mill-preżunzjoni tal-konformità, il-fabbrikant irid japplika b'mod korrett is-soluzzjonijiet imsemmija jew fl-i*standards* Ewropej armonizzati rilevanti, jew fil-partijiet korrispondenti tad-dokumenti u l-listi normattivi riferiti fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Istati Membri għandhom jippreżumu l-konformità mat-testijiet approprjati msemmija fil-punt (i) ta' l-Artikolu 10 jekk il-programm korrispondenti tat-testijiet ikun ġie mwettaq skond id-dokumenti rilevanti msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 3 jekk ir-riżultati tat-testijiet jiżguraw il-konformità mal-ħtiġiet essenzali.

▼M4

———

▼B

Artikolu 15

Il-Kumitat ta' l-Istrumenti tal-Kejl

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-Istrumenti tal-Kejl.

▼B

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu ġew ikkunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼M2

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

_____

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura illi t-tagħrif rilevanti dwar il-miżuri previsti, kif riferit fl-Artikolu 16, jintgħamel disponibbli għall-partijiet interessati fiż-żmien mistħoqq.

Artikolu 16

Il-funzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Istrumenti tal-Kejl

1. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha nfisha, il-Kummisjoni, hija u taġixxi kond il-proċedura riferita fl-Artikolu 15(2), tista' tieħu kull miżura approprjata għalbiex:

(a) tidentifika d-dokumenti normattivi mfassla mill-*OIML*, u, f'lista, tindika l-partijiet tagħhom li l-konformità tagħhom toħloq preżunzjoni tal-konformità mal-ħtiġiet essenzali korrispondenti ta' din id-Direttiva;

(b) tippubblika r-referenzi għad-dokumentri normattivi u l-lista riferita fil-punt (a) fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, Serje Ċ.

▼M2

2. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi speċifiċi għall-istrumenti (minn MI-001 sa MI-010) fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) żbalji massimi permissibbli (ŻMPijiet) u l-klassijiet ta' eżattezza;

(b) kondizzjonijiet operattivi valutati;

(ċ) valuri kritiċi ta' bidla;

(d) disturbi.

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3).

▼B

3. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jikkunsidraw li dokument normattiv li r-referenzi għalih ikunu ġww ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, Serje Ċ, skond il-paragrafu 1(b), ma jissodisfax għal kollox il-ħtiġiet essenzali riferiti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċiifi għall-istrumenti, dan l-Istat Membru jew il-Kummissjoni għandhom iressqu l-materja quddien il-Kumitat ta' l-Istrumenti tal-Kejl, filwaqt li jagħtu raġunijiet għal dan l-għemil.

Il-Kummissjoni, hija u taġixxi skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 15(2), għandha tgħarraf lill-Istati Membri jekk huwiex meħtieġ jew le li jiġu rtirati r-referenzi għad-dokument normattiv interessat milli jiġu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati sabiex jikkonsultaw lill-partijiet interessati fil-livell nazzjonali dwar ix-xogħol ta' l-*OIML* li jkollu x'jaqsam ma' din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 17

Il-għoti tal-marki

1. Il-għoti tal-marki "*CE*" riferit fl-Artikolu 7 jikkonsisti mis-simbolu "*CE*" skond id-disinn stabbilit fil-paragrafu I.B(d) ta' l-Anness mad-Deċiżjoni 93/465/KEE. Il-marki "*CE*" għandhom ikunu mill-inqas 5 mm għolja.

2. Il-għoti tal-marki supplimentarji jikkonsisti fl-ittra kapital "*M*" u l-aħħar żewġ ċifri tas-sena tat-twaħħil tagħhom, imdawra b'rettangolu. Il-għoli tar-rettangolu għandu jkun egwali għall-għoli tal-marka "*CE*". Il-għoti tal-marka supplimentari tal-metroloġija għandu jiġi segwit minnufih bil-għoti tal-marka "*CE*".

3. In-numru ta' l-identifikazzjoni tal-korp innotifikat interessat riferit fl-Artikolu 11, jekk stabbilit bil-proċedura ta' l-istima tal-konformità, għandu jsegwi l-għoti tal-marka "*CE*" u l-marka suplimentari tal-metroloġija.

4. Meta strument tal-kejl jikkonsisti minn sett ta' mezzi, mhux sub-tagħqid, li jaħdmu flimkien, il-marki għandhom jitwaħħlu fuq il-mez prinċipali tal-mezz.

Meta strument tal-kejl ikun żgħir wisq jew sensittiv iżżejjed biex iġorr il-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija, il-marki għandhom jinġarru mill-pakkeġġjar, jekk ikun hemm minnu, u mid-dokumenti li jakkumpanjawh meħtieġa b'din id-Direttiva.

5. Il-għoti tal-marka "*CE*" u tal-marka supplimentari tal-metroloġija għandhom ikunu li ma jitħassrux. In-numru ta' l-identifikazzjoni tal-korp innotifikat interessat għandu jkun li ma jitħassarx jew jinqered minnu nnifsu mat-tneħħija. Il-għoti kollu tal-marki għandu jkun viżibbli jew aċċessibbli bla xkiel.

Artikolu 18

Is-sorveljnza tas-suq u l-koperazzjoni amministrattiva

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw illi l-istrumenti tal-kejl li jkunu bla ħsara għall-kontroll metroloġiku legali imma li ma jikkonformawx mad-disposizzjonijiet applikabbli ta' din id-Direttiva la jistgħu jitqiegħdu fis-suq u lanqas jiddaħħlu fl-użu.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom li jwettqu s-sorveljanza tas-suq.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw:

— it-tagħrif li jirrigwarda safejn u sakemm li l-istrumenti li jeżaminaw jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u r-riżultati ta' dawn l-eżamijiet;

— iċ-ċertifikat tat-tip "*CE*" u ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tad-disinji u l-annessi ta' magħhom maħruġa mill-korpi nnotifikati kif ukoll, iż-żidiet, l-emendi u l-irtirar li jkollhom x'jaqsmu maċ-ċertifikati diġà maħruġa;

— l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa mill-korpi nnotifikati, kif ukoll it-tagħrif dwar is-sistemi tal-kwalità rrifjutati jew irtirati;

▼B

— ir-rapporti tal-valutazzjoni stabbiliti mill-korpi nnotifikati meta mitluba minn awtoritajiet oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-tagħrif kollu meħtieġ li jkollu x'jaqsam maċ-ċertifikati u ma' l-approvazzjonijiet tas-sistemi tal-kwalità jintgħamel disponibbli lill-kopi li jkunu nnotifikaw.

4. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni liema awtoritajiet kompetenti jkun innomina għal dan l-iskambju tat-tagħrif.

Artikolu 19

Il-klawsola ta' salvagward

1. Meta Stat Membru jistabbilixxi illi l-istrumenti kollha jew il-partijiet tagħhom ta' mudell partikolari li jġorru l-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija ma jissodisfawx il-ħtiġiet essenzali li jkollhom x'jaqsmu mat-twettiq tax-xogħol metroloġiku ddikjarat f'din id-Direttiva, meta stallati b'mod korrett u wżati skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, għandu jieħu l-miżuri kollha approprjati sabiex jirtira dawn l-istrumenti mis-suq, jipprojibixxi jew jirrestrinġi li jitqiegħdu iktar fis-suq, jew jipprojbixxi jew jirrestrinġi li jintużaw iktar.

Meta jkun qiegħed jiddeċiedi dwar dawn il-miżuri, l-Istat Membru għandu jqis in-natura sistematika jew inċidentali tan-nuqqas tal-konformità. Meta l-Istat Membru jkun stabbilixxa illi n-nuqqas tal-konformità jkun ta' natura sistematika, għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda, fejn indika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati malajr kemm jista' jkun.

(a) Jekk il-Kummissjoni ssib illi l-miżuri meħuda mill-Istat Membru interessat huma ġġustifikati, għandha tgħarraf minnufih b'dawn lill-Istat Membru, kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra.

L-Istat Membru kompetenti għandu jieħu l-azzjoni xierqa kontra kull persuna li tkun waħħlet il-marki u għandu jgħarraf b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Jekk in-nuqqas tal-konformità jiġi attribwit għan-nuqqasijiet fl-i*standards* jew fid-dokumenti normattivi, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsula lill-partijiet interessati, tressaq il-materja malajr kemm jista jkun quddiem il-Kumitat approprjat riferit fl-Artikoli 14 u 15.

(b) Jekk il-Kummissjoni ssib illi l-miżuri meħuda mill-Istat Membru interessat mhumiex iġġustifikati, għandha tgħarraf minnufih b'dawn lill-Istat Membru, kif ukoll lill-fabbrikant interessat jew lir-rappreżentat awtorizzat tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura illi l-Istati Membri jinżammu mgħarrfa bil-progress u bir-riżultat tal-proċedura.

▼B

Artikolu 20

Il-marki mwaħħla mhux kif mistħoqq

1. Meta Stat Membru jistabbilixxi illi l-għoti tal-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija jkunu ġew imwaħħla mhux kif mistħoqq, il-fabbrikant jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu għandhom ikunu obbligati li:

— jagħmlu lill-istrument jikkonforma rigward dawk id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-għoti tal-marka "*CE*" u l-marka supplimentari tal-metroloġija mhux koperti bl-Artikolu 19(1) u

— li jtemmu l-kontravenzjoni skond il-kondizzjonijiet imposti mill-Istat Membru.

2. (b) Jekk jippersisti l-ksur deskritt hawn fuq, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha approprjati sabiex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' l-istrument fil-kwistjoni jew li jiżgura illi jiġi rtirat mis-suq jew li jipprojbixxi jew jirrestrinġi l-użu iktar tiegħu skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 19.

Artikolu 21

Id-deċiżjonijiet li jinvolvu l-irtirar jew ir-restrizzjoni

Kull deċiżjoni meħuda skond din id-Direttiva li tinvolvi l-irtirar mis-suq ta' strument tal-kejl, jew li tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq jew it-tidħil fl-użu ta' strument, għandha tiddikjara b'mod eżatt ir-raġunijiet li fuqhom ikunu msejsa. Din id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-parti interessata, li għandha fl-istess ħin tiġi mgħarrfa bir-rimedji legali disponibbli għaliha skond il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru interessat u fil-limiti taż-żmien li għalihom dawn ir-rimedji jkunu soġġetti.

Artikolu 22

It-tħassir

Id-Direttivi li ġejjin għandhom jiġu mħassra mit-30 ta' Ottubru 2006 mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23:

— id-Direttiva tal-Kunsill 71/318/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi tal-gass ([1]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 71/319/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi tal-likwidi għajr l-ilma ([2]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 71/348/KEE tat-12 ta' Ottubru 1971 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi tal-likwidi għajr l-ilma ([3]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 73/362/KEE tad-19 ta' Novembru 1973 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi tal-kejl tat-tul ([4]),

([1]) ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 21. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 82/623/KE (ĠU L. 252, tas-27.8.1982, p. 5).
([2]) ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 32.
([3]) ĠU L 239, tal-25.10.1971, p. 9. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni 1994.
([4]) ĠU L 335, tal-5.12.1973, p. 56. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 85/146/KEE (ĠU L. 54, tat-23.2.1985, p. 29).

▼B

— id-Direttiva 75/33/KEE tas-17 ta' Diċembru 1974 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi ta' l-ilma kiesaħ, kif jirrigwarda l-arloġġi ddefiniti fl-Anness MI-001 ma' din id-Direttiva ([1]),

— id-Direttiva 75/410/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1975 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-magni ta' l-użin kontinwu tat-totalizzazzjoni ([2]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 76/891/KEE ta' l-4 ta' Novembru 1976 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi ta' l-enerġija elettrika ([3]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 77/95/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tassimetri ([4]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 77/313/KEE tal-5 ta' April 1977 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-kejl tal-likwidi għajr l-ilma ([5]),

— id-Direttiva 78/1031/KEE tal-5 ta' Diċembru 1978 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-magni li jiċċekkjaw l-użin u li jiggradaw il-piż ([6]),

— id-Direttiva tal-Kunsill 79/830/KEE tal-11 ta' Settembru 1979 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-arloġġi tal-misħum ([7]),

Artikolu 23

Disposizzjonijiet transitorji

Bħala deroga mill-Artikolu 8(2), l-Istati Membri għandhom jippermettu, sabiex ikejlu kompiti li għalihom stabbilew l-użu ta' strument tal-kejl ikkontrollat legalment, it-tqegħid fis-suq u t-tidħil fl-użu ta' l-istrumenti tal-kejl li jissodisfaw ir-regoli li jkunu japplikaw qabel it-30 ta' Ottubru 2006 sakemm tiskadi l-validità ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' dawn l-istrumenti tal-kejl jew, fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip valida b'mod indefinit, għall-perjodu massimu taż-żmien ta' għaxar snin mit-30 ta' Ottubru 2006.

▼M1

Għall-fini ta' dan il-perijodu ta' transizzjoni, il-valuri monetarji għall-Bulgarija u għar-Rumanija skond il-punt 4.8.1 tal-Kapitolu IV ta' l-Anness għad-Direttiva 71/348/KEE għandhom jiġu stabbiliti għal:

1 стотинка (1 stotinka)

1 new leu.

([1]) ĠU L 14, tal-20.1.1975, p. 1.
([2]) ĠU L 183, ta' l-14.7.1975, p. 25.
([3]) ĠU L 336, ta' l-4.12.1976, p. 30.
([4]) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 59.
([5]) ĠU L 105, tat-28.4.1977, p. 18. Direttiva, kif emendata bid-Direttiva 82/625/KEE, (ĠU L 252, tas-27.8.1982, p. 10).
([6]) ĠU L 364, tas-27.12.1978, p. 1.
([7]) ĠU L 259, tal-15.10.1979, p. 1.

▼B

Artikolu 24

It-Trasposizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel it-30 ta' April 2006. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stbbiliti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mit-30 ta' Ottubru 2006.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttva.

Artikolu 25

Il-klawsola tar-reviżjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni li tirrapporta, qabel it-30 ta' April 2011 dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq, fost ħwejjeġ oħra, il-bażi tar-rapporti pprovduti mill-Istati Membri, u, meta appropriat, jissottomettu proposta għall-emendi.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta jekk il-proċeduri ta' l-istima tal-konformità għall-prodotti industrijali ħumiex applikati kif jixraq u, meta appropriat, tipproponi emendi sabiex tiżgura ċertifikazzjoni konsistenti.

Artikolu 26

Id-Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal ta' l-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 27

Id-destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

IL-ĦTIĠIJIET ESSENZALI

Strument tal-kejl għandu jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni metroloġika sabiex kull parti affettwata jkun jista' jkollha fiduċja fir-riżultat tal-kejl, u għandu jiġi ddisinjat u ffabbrikat għal livell għoli tal-kwalità rigward it-teknoloġija tal-kejl u s-sigurtà ta' l-informazzjoni tal-kejl.

Il-ħtiġiet li jridu jiġu ssodisfatti mill-istrumenti tal-kejl huma ddikjarati hawn taħt u huma ssupplimentati, meta approprjati, bil-ħtiġiet speċifiċi ta' l-istrumenti fl-Annessi mill-MI-001sal-MI-010 li jipperovdu iktar dettal dwar ċerti aspetti tal-ħtiġiet ġenerali.

Is-soluzzjonijiet adottati fis-segwiment tal-ħtiġiet għandhom iqisu l-użu maħsub ta' l-istrument u kull użu ħażin previst tiegħu.

ID-DEFINIZZJONIJIET

“Miżurand”

Il-miżurand huwa l-kwantità partikolari bla ħsara għall-kejl.

“Kwantità ta' influwenza”

Kwantità ta' influwenza hija kwantità li mhux miżurand imma taffettwa r-riżultat tal-kejl.

“Kondizzjonijiet Irrarati tal-Ħidma”

Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma huma l-valuri għall-miżurand u l-kwantitajiet ta' l-influwenza li flimkien jagħmlu l-kondizzjonijiet normali tax-xogħol ta' strument.

“Disturbanza”

Kwantità ta' l-influwenza li jkollha valur ġewwa l-limiti speċifikati fil-ħtieġa approprjata imma ‘l barra mill-kondizzjonijiet speċifikati irratati tal-ħidma ta' l-istrument tal-kejl. Kwantità ta' l-influwenza hija distrubanza jekk għal din il-kwantità ta' influwenza ma jkunux speċifikati l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma.

“Valur kritiku tal-bidla”

Il-valur kritiku tal-bidla huwa l-valur li fih il-bidla fir-riżultat tal-kejl hija kkunsidrata mhux mixtieqa.

“Kejl tal-materjali”

Kejl tal-materjali huwa mezz maħsub biex jirriproduċi jew iforni f'manjiera permanenti matul l-użu tiegħu valur magħruf jew iktar ta' kwantità mogħtija.

“Bejgħ dirett”

Transazzjoni kummerċjali hija bejgħ dirett jekk:

— ir-riżultat tal-kejl iservi bħala l-bażi tal-prezz li jrid jitħallas; u

— mill-inqas waħda mill-partijiet involuti fit-transazzjoni li jkollha x'taqsam mal-kejl hija l-konsumatur jew kull parti oħra li teħtieġ livell simili ta' protezzjoni; u

— il-partijiet kollha fit-transazzjoni jaċċettaw ir-riżultat tal-kejl f'dak il-ħin u post.

“Ambjenti klimatiċi”

Ambjenti klimatiċi huma l-kondizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-istrument tal-kejl. Għalbiex id-differenzi klimatiċi bejn l-Istati Membri jitlaħħqu magħhom, ġiet iddefinita firxa ta' temperaturi.

“Utilità”

Utilità hija meqjusa bħala fornitur ta' l-elettriku, tal-gass, tas-sħana jew ta' l-ilma.

▼B

ĦTIĠIJIET

1. **L-Iżbalji Permessi**

1.1. Taħt il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma u fl-assenza ta' disturbanza, l-iżball tal-kejl ma għandux jaqbeż il-valur massimu permissibbli għall-iżball (ŻMP) kif stabbilit fil-ħtiġiet approprjati speċifiċi għall-istrumenti.

Għajr jekk iddikjarat xorta oħra fl-annessi speċifiċi għall-istrumenti, iż-ŻMP huwa espress bħala valur bilaterali tad-devjazzjoni mill-valur veru tal-kejl.

1.2. Taħt il-kondizzonijiet irratati tal-ħidma u fil-preżenza ta' disturbanza, il-ħtieġa tat-twettiq tax-xogħol għandha tkun kif stabbilita fil-ħtiġiet approprjati speċifiċi għall-istrumenti.

Meta l-istrument ikun maħsub għalbiex jintuża f'kamp elettro-manjetiku speċifikat permanenti u kontinwu, it-twettiq permess tax-xogħol matul it-test immodulat ta' l-amplitudni tal-kamp elettro-manjetiku irradjat għandu jkun ġewwa ż-ŻMP.

1.3. Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-ambjenti klimatiċi, mekkaniċi u elettro-manjetiċi li fihom l-istrument ikun maħsub li jiġi wżat, il-forniment ta' l-enerġija u kwantitajiet oħra ta' l-influwenza li x'aktarx jaffettwaw l-eżattezza tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġiet stabbiliti fl-annessi approprjati speċifiċi għall-istrumenti.

1.3.1. *L-ambjenti klimatiċi*

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-limitu ta' fuq tat-temperatura u l-limitu ta' isfel tat-temperatura minn kull wieħed mill-valuri fit-Tabella 1 għajr jekk speċifikat xorta oħra fl-Annessi minn MI-001 sa MI-010, u jindika jekk l-istrument hux iddisinjat sabiex jikkondensa jew ma jikkondensax l-umdità kif ukoll il-post maħsuba għall-istrument, jiġifieri fil-miftuħ jew magħluq.

Tabella 1

	Il-Limiti tat-Temperatura			
Il-Limitu ta' fuq tat-temperatura	30°Ċ	40°Ċ	55°Ċ	70°Ċ
Il-Limitu ta' isfel tat-temperatura	50°Ċ	-10°Ċ	-25°Ċ	-40°Ċ

1.3.2. (a) L-ambjenti mekkaniċi huma kklasifikati fi klassijiet minn *MI* sa *M3* kif deskritti hawn taħt.

Il-*MI* Din il-klassi tapplika għall-istrumenti wżati fil-lokazzjonijiet b'vibrazzjonijiet u xokkijiet ta' sinifikat baxx, p.e. għall-istrumenti mwaħħla ma' strutturi ħfief bla ħsara għall-vibrazzonijiet u x-xokkijiet negliġibbli trasmessi mill-attivitajiet tal-kolpi tarriħ u taċ-ċaqliq ta' l-imniezel, it-tisbit tal-bibien, eċċ.

Il-*M2* Din il-klassi tapplika għall-istrumenti wżati fil-postjiet b'vibrazzjonijiet u xokkijiet sinifikanti jew ta' livelli għolja, p.e. trasmessi mill-makkinarji u minn vetturi għaddejja fil-qrib jew imissu ma' magni tqal, ċineg trasportaturi, eċċ.

Il-*M3* Din il-klassi tapplika għall-istrumenti wżati fil-postijiet fejn il-livell tal-vibrazzjonijiet u tax-xokkijiet huwa għoli jew għoli ħafna, p.e. għall-istrumenti mmuntati direttament fuq il-magni, iċ-ċineg trasportaturi, eċċ.

(b) Il-kwantitajiet ta' l-influwenza li ġejjin għandom jiġu kkunsidrati f'relazzjoni ma' l-ambjenti mekkaniċi:

— Il-vibrazzjoni:

— Ix-xokk mekkaniku.

▼B

1.3.3. (a) L-ambjenti elettro-manjetiċi huma kklassifikati fil-klassijiet *E1*, *E2* u *E3* kif deskritti hawn taħt, għajr jekk stabbilit xorta oħra fl-annessi approprjati speċifiċi għall-istrumenti.

Il-*E1* Din il-klassi tapplika għall-istrumenti wżati fil-postjiet b'disturbanzi elettro-manjetiċi li jikkorrispondu ma' dawk li x'aktarx ikunu jinsabu fil-bini residenzali, kummerċjali u ta' industriji ħfief.

Il-*E2* Din il-klassi tapplika għall-istrumenti wżati fil-postjiet b'disturbanzi elettro-manjetiċi li jikkorrispondu ma' dawk li x'aktarx ikunu jinsabu fil-bini industrijali.

Il-*E3* Din il-klassi tapplika għall-istrumenti forniti mill-batterija ta' vettura. Dawn l-istrumenti għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' l-E2 u mal-ħtiġiet addizzjonali li ġejjin:

— it-tnaqqis fil-voltaġġ ikkawżat mill-għoti ta' l-enerġija taċ-ċirkwiti tat-tqabbid tal-magna tal-kombustjoni interna,

— it-transjenti tal-fqigħ tat-tagħbijiet li jiġru fl-eventwalità li batterija skarigata tiġi konnessa waqt li l-magna tkun taħdem.

(b) il-kwantitajiet li ġejjin ta' l-influwenza għandhom jiġu kkunsidati f'relazzjoni ma' l-ambjenti elettro-manjetiċi:

— L-interruzzjonijiet fil-voltaġġ,

— It-tnaqqis qasir tal-voltaġġ,

— It-transjenti tal-voltaġġ fuq il-linji tal-forniment u/jew il-linji tas-sinjali,

— L-iskarigi elettro-statiċi,

— Radio frequency electromagnetic fields,

— Il-firxiet elettro-manjetiċi tal-frekwenzi tar-radjo,

— Firxiet elettro-manjetiċi tal-frekwenzi tar-radjo fuq il-linji tal-forniment u/jew il-linji tas-sinjali,

— Iż-żieda f'daqqa fuq il-linji tal-forniment u/jew il-linji tas-sinjali.

1.3.4. Kwantitajiet oħra ta' l-influwenza li jridu jiġu kkunsidrati, meta approprjati, huma:

— Il-varjazzjoni fil-voltaġġ,

— Il-varjazzjoni fil-frekwenza fil-fili ewliena,

— Il-firxiet manjetiċi tal-frekwenza ta' l-enerġija,

— Kull kwantità oħra li x'aktarx tinfluwenza f'manjiera sinifikanti l-eżattezza ta' l-istrument.

1.4. Meta jkunu qegħdin jitwettqu t-testijiet kif previsti f'din id-Direttiva, japplikaw il-paragrafi li ġejjin:

1.4.1. *Ir-regoli bażiċi għat-testijiet u kif jiġu stabbiliti l-iżbalji*

Il-ħtiġiet essenzali speċifikati fil-1.1 u l-1.2 għandhom jiġu vverifikati għal kull waħda mill-kwantitajiet ta' l-influwenza. Għajr jekk speċifikat xorta oħra fl-anness approprjat speċifiku għall-istrumenti, dawn il-ħtiġiet essenzali japplikaw meta tiġi applikata kull waħda mill-kwantitajiet ta' l-influwenza u l-effett tagħha jiġi vvalutat separatament, filwaqt li l-kwantitajiet l-oħra kollha ta' l-influwenza jinżammu relattivament kostanti fil-valur tagħhom tar-riferiment.

▼B

Għandhom jitwettqu testijiet metroloġiċi matul jew wara l-applikazzjoni tal-kwantità ta' l-influwenza, tkun liema tkun il-kondizzjoni li tikkorrispondi ma' l-istatus normali tal-ħidma ta' l-istrument meta din il-kwantità ta' l-influwenza x'aktrx li tiġri.

1.4.2. *L-umdità ta' mad-dwar*

— Skond l-ambjent klimatiku li jkun qiegħed jopera li fih l-istrument ikun maħsub li jintuża, jistgħu jkunu approprjati jew test fi-sod ta' l-istat niedi tas-sħana (li ma jikkondensax) jew it-test ċikliku tas-sħana niedja (li jikkondensa).

— It-test ċikliku tas-sħana niedja huwa approprjat meta l-kondensazzjoni hija importanti jew meta l-penetrazzjoni tal-fwar trid tiġi aċċellerata bl-effett tat-teħid tan-nifs. Fil-kondizzonijiet meta l-umdità li ma tikkondensax hija fattur, huwa approprjat l-istat fis-sod tas-sħana niedja.

2. **Il-kapaċità tar-riproduzzjoni**

L-applikazzjoni ta' l-istess miżurand f'post differenti jew minn utent differenti, filwaqt li l-kondizzjonijiet l-oħra kollha jibqgħu l-itess, għandha tirriżulta fil-qbil mill-qrib ta' kejlijiet suċċessivi. Id-differenza bejn ir-riżultati tal-kejl għandha tkun żgħira meta pparagunata maż-ŻMP.

3. **Il-kapaċità tat-tennija**

L-applikazzjoni ta l-istess miżurand taħt l-istess kondizzonijiet ta' kejl għandha tirriżulta fi qbil mill-qrib ma' kejlijiet suċċesivi. Id-differenza bejn ir-riżultati tal-kejl għandha tkun żgħira meta pparagunata maż-ŻMP.

4. **Id-diskriminazzjoni u s-sensittività**

Strument tal-kejl għandu jkun sensittiv biżżejjed u l-għatba tad-diskriminazzjoni għandha tkun baxxa biżżejjed għall-kompitu maħsub tal-kejl.

5. **It-tul taż-żmien li jibqa' tajjeb għax-xogħol**

Strument tal-kejl għandu jkun iddisinjat sabiex iżomm stabbiltà adegwata tal-karatteristiċi tiegħu metroloġiċi fuq perjodu taż-żmien stmat mill-fabbrikant, sakemm ikun stallat kif xieraq, miżmum u wżat skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant meta jkun fil-kondizzjonijiet ambjentali li għalihom ikun maħsub.

6. **Il-fiduċja**

Strument tal-kejl għandu jkun iddisinjat li jnaqqas kemm jista' jkun l-effett ta' difett li jwassal għal riżultat mhux eżatt tal-kejl, għajr jekk tkun ovvja l-preżenza ta' dan id-difett.

7. **Kemm jixraq**

7.1. Strument tal-kejl ma għandu jkollu l-ebda karatteristika li x'aktarx tiffaċilita l-użu frawdolenti, billi l-possibbiltajiet ta' l-użu ħażin għandhom ikunu minimi.

7.2. Strument tal-kejl għandu jkun jixraq l-użu maħsub għalih filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet prattiċi tax-xogħol u ma għandux ma jirrispondix b'mod raġjonevoli għad-domandi ta' l-utent sabiex jikeb riżultat korrett tal-kejl.

7.3. L-iżbalji ta' strument tal-kejl ta' l-utilitajiet f'mixi jew kurrenti barra mill-firxa kkontrollata ma għandhomx ikunu ppreġudikati b'mod mhux mistħoqq

7.4. Meta strument tal-kejl ikun iddisinjat għall-kejl tal-valuri tal-miżurand li jkunu kostanti matul iż-żmien, l-istrument tal-kejl ma għandux ikun sensittiv għal ċaqliqiet żgħar tal-miżurand, jew għandu jieħu l-azzjoni approprjata.

▼B

7.5. Strumnet tal-kejl għandu jkun ta' saħħa u l-materjali tal-kostruzzjoni tiegħu għandhom ikunu xierqa għall-kondizzjonijit li fihom ikun maħsub li jintuża.

7.6. Strument tal-kejl għandu jiġi ddisinjat hekk li jippermetti l-kontroll tal-kompiti tal-kejl wara li l-istrument ikun tqiegħed fis-suq u mdaħħal fl-użu. Jekk meħtieġa, tagħmir speċjali jew *software* għal dan il-kontroll għandhom ikunu parti minn dan l-istrument. Il-proċedura tat-testijiet għandha tiġi deskritta fil-manwal tal-ħidma.

Meta strument tal-kejl ikollu assoċjat miegħu *software* li jipprovdi funzjonijiet oħra minbarra l-funzjoni tal-kejl, is-*software* li jkun kritiku għall-karatteristiċi metroloġiċi għandu jkun jista' jiġi identifikat u ma għandux ikun influenzat b'mod mhux ammissibbli mis-*software* assoċjat.

8. **Il-protezzjoni kontra l-korruzzjoni**

8.1. Il-karatteristiċi metroloġiċi ta' strument tal-kejl ma għandhomx inkunu influwenzati b'mod mhux ammissibbli mill-konnessjoni tiegħu ma' mezz ieħor, minn kull karatteristika tal-mezz innifsu ikkonnettjat jew minn kull mezz remot li jikkomunika ma' l-istrument tal-kejl.

8.2. Għandu jiġi ddisinjat komponent tal-*hardware* li jkun kritiku għall-karatteristiċi metroloġiċi sabiex ikun jista' jiġi magħmul fis-sigurtà. Il-miżuri tas-sigurtà previsti għandhom jipprovdu x-xiehda ta' intervent.

8.3. Is-*software* li jkun kritiku għall-karatteristiċi metroloġiċi għandu jiġi identifikat bħala ta' hekk u għandu jiġi żgurat.

L-identifikazzjoni tas-*software* għandha tiġi pprovvduta bla xkiel mill-istrument tal-kejl.

Għandha tkun disponibbli x-xiehda għal perjodu raġjonevoli taż-żmien.

8.4. L-informazzjoni dwar il-kejl, is-*software* li jkun kritiku għall-karatteristiċi tal-kejl u l-parametri metroloġiċi importanti maħżuna jew trasmessi għandhom ikunu protetti b'mod adegwat kontra l-korruzzjoni aċċidentali jew maħsuba.

8.5. Rigward l-istrumenti tal-kejl ta' l-utilitajiet il-wiri tal-kwantità totali fornita jew il-wiri li minnhom tista' jiġi dderivata l-kwantità totali fornita, li riferiment totali jew parzjali tagħhom huwa l-bażi għall-ħlas, ma għandux ikun jista' jiġi ffissat mill-ġdid matul l-użu.

9. **It-tagħrif li jrid jinġarr mill-istrument u li jrid akkumpanjah**

9.1. Strument tal-kejl għandu jkollu fuqu l-iskrizzjonijiet li ġejjin:

— il-marka jew l-isem tal-fabbrikant;

— it-tagħrif rigward l-eżattezza tiegħu,

flimkien, meta japplika:

— it-tagħrif rigward il-kondizzjoniiet ta' l-użu'measuring capacity;

— il-kapaċita tal-kejl;

— il-firxa tal-kejl:

— il-għoti tal-marki ta' identità;

— in-numru taċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" jew iċ-ċertifikat tad-disinn "*CE*";

— it-tagħrif dwar jekk il-mezzi addizzjonali li jipprovdu r-riżultati jikkonformawx jew le mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-kontroll metroloġiku legali.

▼B

9.2. Strumen ta' dimensjonijiet żgair iżżejjed jew ta' komposizzjoni sensittiva żżejjed sabiex jippermettulu jġorr it-tagħrif rilevanti għandu jkollu mmarkat kif xieraq il-pakkeġġjar tiegħu, jekk ikollu minnu, u d-dokumenti li jakkumpanjawh meħtieġa mid-disposizzjoniiet ta' din id-Direttiva.

9.3. L-istrument għandu jkun akkumpanjat bit-tagħrif dwar il-ħidma tiegħu, għajr jekk is-sempliċità ta' l-istrument tal-kejl tagħmel dan mhux meħtieġ. It-tagħrif għandu jinftiehem bla xkiel u, meta rilevanti, għandu jinkludi:

— il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;

— il-klassijiet ambjentali mekkaniċi u elettro-manjetiċi;

— il-limiti ta' fuq u ta' isfel tat-temnperatura, sewwa jekk tkun possibbli l-kondensazzjoni u sewwa jekk le, u sewwa jekk il-post ikun fil-miftuħ jew magħluq;

— l-istruzzjonijiet għall-istallazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswijiet u l-aġġustamenti permissibbli;

— l-istruzzonijiet għall-ħidma korretta u kull kondizzjoni speċjali ta' l-użu;

— il-kondizzjonijiet kompatibbli ma' l-*interfaces*, is-sub-tagħqidiet jew l-istrumenti tal-kejl.

9.4. Il-gruppi ta' strumenti identiċi tal-kejl użati fl-istess post jew użati għall-kejl ta' l-utilitajiet mhux bil-fors jeħtieġu manwali individwali ta' l-istruzzjonijiet.

9.5. Għajr jekk speċifikat xorta oħra f'anness speċifiku għall-istrumenti, l-intervall fl-iskala għal valur imkejjel għandu jkun fil-għamla ta' $1\times10n$, $2\times10n$, or $5\times10n$, fejn il-*n* hija numru sħiħ jew żero. L-unità tal-kejl jew is-simbolu tiegħu għandhom jintwerew qrib il-valur numeriku.

9.6. Kejl tal-materjali għandu jkun immarkat b'valur jew skala numerika, akkumpanjat bl-unità tal-kejl użat.

9.7. L-unitajiet tal-kejl użati u s-simboli tagħhom għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-unitajiet tal-kejl u s-simboli tagħhom.

9.8. Il-marki u l-iskrizzjonijiet kollha meħtieġa taħt kull ħtieġa għandhom ikunu ċari, li ma jistgħux jitħassru, mhux ambigwi u li ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

10. **L-indikazzjoni tar-riżultat**

10.1. L-indikazzjoni tar-riżultat għandha tkun permezz tal-wiri jew ta' kopja iebsa.

10.2. L-indikazzjoni ta' kull riżultat għandha tkun ċara u mhux ambigwa u akkumpanjata b'dawk il-marki u skrizzjonijiet meħtieġa sabiex jgħarrfu lill-utent bis-sinifikat tar-riżultat. Għandu jkun permess il-qari bla xkiel tar-riżultat ippreżentat taħt kondizzjonijiet normali ta' l-użu. Jistgħu jiġu murija indikazzjonijiet addizzjonali sakemm dawn ma jkunux jistgħu jiġu konfużi ma' l-indikazzjonijiet metroloġiċi kkontrollati.

10.3. Fil-każ ta' kopja iebsa, l-istampatura jew ir-reġistrazzjoni għandhom ukoll ikunu jistgħu jinqraw bla xkiel u ma jkunux jistgħu jitħassru.

10.4. Strument tal-kejl għal transazzjonijiet kummerċjali diretti tal-bejgħ għandu jkun iddisinjati li jippreżenta r-riżultat tal-kejl liż-żewġ partijiet fit-transazzjoni meta stallat kif maħsub. Meta kritiku fil-każ ta' kull bejgħ dirett, kull biljett ipprovvdut lill-konsumatur b'mezz anċillari li ma jikkonformax mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva għandu jġorr tagħrif restritttiv approprjat.

▼B

10.5. Sewwa jekk strument tal-kejl maħsub għall-għanijiet tal-kejl ta' l-utilitajiet ikun jista' jinqara mill-bogħod u sewwa jekk le, għandu f'kull każ ikun imgħammar b'wiri kkontrollat metroloġikament aċċessibbi għall-konsumatur mingħajr għodda. IDak li inqara f'dan il-wiri huwa r-riżultat tal-kejl li jservi bħala l-bażi għall-prezz li jrid jitħallas.

11. **Iktar proċessar ta' l-informazzjoni sabiex tiġi konkluża t-transazzjoni kummerċjali**

11.1. Strument tal-kejl għajr strument li jkejjel l-utilitajiet għandu jirreġistra b'mezz għat-tul taż-żmien ir-riżultat tal-kejl akkumpanjat bit-tagħrif sabiex jidentifika t-transazzjoni partikolari, meta:

— il-kejl ma jerġax itenni ruħu; u

— l-istrument tal-kejl ikun normalment maħsub sabiex jintuża fin-nuqqas ta' waħda mill-partijiet li jikkummerċjaw.

11.2. B'żieda ma' dan, għandha tkun disponibbli prova għat-tul taż-żmien tar-riżultat tal-kejl u tagħrif sabiex jidentifika t-transazzjoni fuq it-talba u mal-waqt li fihom jiġi konkluż il-kejl.

12. **Il-valutazzjoni tal-konformità**

Strument tal-kejl għandu jkun iddisinjat hekk li jippermetti valutazzjoni fil-pront tal-konformità mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

▼B

ANNESS A

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ IL-KONTROLL TAL-PRODUZZJONI INTERNA

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq il-kontroll tal-produzzjoni interna" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u tiżgura u tiddikjra illi l-istrumenti tal-kejl interessati jissodisfaw il-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni teknika

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumetazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti din l-istima, għandha tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument.

3. Il-fabbrikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument.

Il-fabbrikzzjoni

4. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati bil-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

5.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*" u l-marka metroloġika supplimentari ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

5.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal strument mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

Ir-rappreżentant awtorizzat

6. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3 u 5.2 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Meta l-fabbrikant ma jkunx stabbilit ġewwa l-Komunità u meta ma jkollux rappreżentant awtorizzat, l-obbligi li jinsabu fil-paragrafi 3 u 5.2 għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-persuna li jqiegħed l-istrument fis-suq.

▼B

ANNESS A1

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ IL-KONTROLL TAL-PRODUZZJONI INTERNA FLIMKIEN MAT-TESTIJIET MINN KORP INNOTIFIKAT

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq il-kontroll tal-produzzjoni interna flimkien mat-testijiet tal-prodott minn korp innotifikat" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjra illi l-istrumenti tal-kejl interessati jissodisfaw il-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni teknika

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumetazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti din l-istima, għandha tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument.

3. Il-fabbrikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument.

Il-fabbrikzzjoni

4. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati bil-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-kontrolli tal-prodotti

5. Korp innotifikat, magħżul mill-fabbrikant, għandu jwettaq kontrolli fuq il-prodotti jew iġegħilhom jitwettqu f'intervalli approprjati taż-żmien stabbiliti minnu, sabiex jivverifikaw il-kwalità tal-kontrolli interni tal-prodott, filwaqt li jitqiesu, fost ħwejjeġ oħra, il-komplessità teknoloġika ta' l-istrumenti u l-kwalità tal-produzzjoni. Għandu jipi eżaminat kampjun adegwat tal-prodotti finali, meħud mill-korp innotifikat qabel it-tqegħid fis-suq, u għandhom jitwettqu t-testijiet approprjati kif identifikati bid-dokument/i rilevanti riferit/i fl-Artikolu 13, jew testijiet ekwivalwenti sabiex jiċċekkjaw il-konformità ta' l-istumentri mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

F'dawk il-każijiet meta numru rilevanti ta' strumenti fil-kampjun ma jikkonformawx ma' livell aċċettabbli tal-kwalità, il-korp innotifikat għandu jieħu l-miżuri approprjati.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

6.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 5, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

6.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal strument mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

▼B

Ir-rappreżentant awtorizzat

7. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3 u 6.2 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Meta l-fabbrikant ma jkunx stabbilit ġewwa l-Komunità u meta ma jkollux rappreżentant awtorizzat, l-obbligi li jinsabu fil-paragrafi 3 u 6.2 għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-persuna li jqiegħed l-istrument fis-suq.

▼B

ANNESS B

L-EŻAMI TAT-TIP

1. "L-eżami tat-tip" huwa l-parti mill-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha korp innominat jeżamina d-disinn tekniku ta' strument tal-kejl u jiżgura u jiddikjara illi d-disinn tekniku jilħaq il-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

2. Eżami tat-tip jista' jitwettaq fil-waħda u l-oħra taż-żewġ manjieri li ġejjin: Il-korp innotifikat jiddeċiedi fuq il-manjiera approprjata u l-kampjuni meħtieġa:

   (a) l-eżami ta' kampjun, rappreżentattiv tal-produzzjoni prevista, ta' l-istrument komplet tal-kejl;

   (b) l-eżami tal-kampjuni, rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista, ta' parti kritika jew iktar ta' l-istrument tal-kejl, flimkien ma' l-istima ta' l-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-partijiet l-oħra ta' l-istrument tal-kejl permezz ta' eżami tad-dokumentazzjoni teknika u x-xiehda ta' appoġġ riferita fil-paragrafu 3;

   (ċ) l-istima ta' l-adegwatezza tad-disinn tekniku ta' l-istrument tal-kejl permezz ta' eżami tad-dokuentazzjoni teknika u x-xiehda ta' appoġġ riferita fil-paragrafu 3, mingħajr l-eżami ta' kampjun.

3. L-applikazzjoni għal eżami tat-tip għandha tiġi ddepożitata mill-fabbrikant tiegħu għand korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

   L-applikazzjoni għandha tinkludi:

   — l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u jekk l-applikazzjoni tkun iddepożitata mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, l-isem u l-indirizz tiegħu b'żieda ma' dan;

   — dikjarazzjoni bil-miktub illi ma tkunx ġiet iddepożitata l-istess applikazzjoni għand kull korp ieħor innotifikat;

   — id-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumetazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti għal din l-istima, għandha tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument;

   — il-kampjuni, rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista, kif meħtieġa mill-korp innotifikat;

   — ix-xiehda ta' appoġġ għall-inadegwatezza tad-disinn tekniku ta' dawk il-partijiet ta' l-istrument tal-kejl li għalihom ma huma meħtieġa l-ebda kampjuni. Din x-xiehda ta' appoġġ għandha ssemmi kull dokument rilevanti li jkun ġie applikat, b'mod partikolari meta d-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13 ma jkunux ġew applikati għal kollox, u għandha tinkludi, meta meħtieġ, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa mill-laboratorju approprjat tal-fabbrikant, jew minn laboratorju ieħor tat-testijiet f'ismu u fuq ir-responsabbiltàa tiegħu.

4. Il-korp innotifikat għandu:

   Rigward il-kampjuni:

4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika, jivverifika illi l-kampjuni ġew iffabbrikati f'konformità magħha u jidentifika l-elementi li jkunu ġew iddisinjati skond id-disposizzjonijiet rilevanti tad-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, kik ukoll l-elementi li kienu ġew iddisinjati mingħajr ma ġew applikati d-disposizzjonijiet ta' dawn id-dokumenti;

▼B

4.2. iwettaq l-eżami u t-testijiet approprjati, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jiċċekkja jekk, meta l-fabbriant ikun għażel li japplika s-soluzzjonijiet fid-dokumentri rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, dawn kienu ġew applikati b'mod korrett;

4.3. iwettaq l-eżami u t-testijiet approprjati, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jiċċekkja jekk, meta l-fabbrikant ikun għażel li ma japplikax is-soluzzjonijiet fid-dokumentri rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, is-soluzzjonijiet adottati mill-fabbrikant jissodisfaw il-ħtiġiet essenzali korrispondenti ta' din id-Direttiva;

4.4. jaqbel ma' l-applikant dwar il-post fejn l-eżamijiet u t-testijiet għandhom jiġu mwettqa.

Rigward il-partijiet l-oħra ta' l-istrument tal-kejl:

4.5. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u x-xiehda ta' appoġġ sabiex jistma l-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-partijiet l-oħra ta' l-istrument tal-kejl.

Rigward il-proċess tal-fabbrikazzjoni:

4.6. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika sabiex jiżgura li l-fabbrikant għandu mezzi adegwati sabiex jiżgura produzzjoni konsistenti.

5.1. Il-korp innotifikat għandu jfassal rapport tal-valutazzjoni li jirreġistra l-attivitajiet midħula għalihom skond il-paragrafu 4 u r-riżultti tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(8), il-korp innotifikat għandu jirrilaxxja l-kontenut ta' dan ir-rapport, fl-intier tiegħu jew f'parti minnu, bi ftehim mal-fabbrikant biss.

5.2. Meta d-disinn tekniku jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għall-istrument tal-kejl, il-korp innotifikat għandu joħroġ certifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" lill-fabbrikant. Iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u, jekk approprjat, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, il-konklużjonijiet ta' l-eżami, il-kondizzjonijiet (jekk ikun hemm minnhom) għall-validità tiegħu u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikzzjoni ta' l-istrument. Iċ-ċertifikat jista jkollu anness jew iktar mehmuża miegħu.

Iċ-ċertifikat u l-annessi ta' miegħu għandu jkun fihom it-tagħrif rilevanti kollu għall-valutazzjoni tal-konformità u tal-kontroll ġewwa s-servizz. B'mod partikolari, sabiex jiġi permess li tiġi vvalutata l-validità ta' l-istrumenti ffabbrikati skond it-tip eżaminat rigward l-abbiltà tat-tennija tat-twettiq tax-xogħol metroloġiku tagħhom, meta jkunu aġġustati kif xieraq bl-użu tal-mezzi approprjati, il-kontenut għandu jinkludi:

— il-karatteristiċi metroloġiċi tat-tip ta' strument;

— il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-integrità ta' l-istrumenti (is-siġillar, l-identifikazzjoni tas-*software*, eċċ.);

— it-tagħrif dwar l-elementi l-oħra meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-istrumenti u sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità viżwali esterna tagħhom mat-tip;

— jekk approprjat, kull tagħrif speċifiku meħtieġ sabiex jiġu vverifikati l-karatteristiċi ta' l-istrumenti ffabbrikati;

— fil-każ ta' sub-tagħqida, it-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiżgura l-kompatibbiltà mas-sub-tgħqidiet l-oħra jew l-istrumenti tal-kejl.

Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-validità ta' għaxar snin mid-data tal-ħruġ tiegħu, u jista' jiġġedded għal perjodi sossegwenti taż-żmien ta' għaxar snin kull darba.

▼B

5.3. Il-korp innotifikat għandu jistabbilixxi rapport tal-valutazzjoni f'dan irrigwrd u jżommu għad-disposizzjoni ta' l-Istat Membru li jkun innominah.

6. Il-fabbrikant għandu jgħarraf lill-korp innotifikat li jżomm id-dolumentazzjoni teknika li tirrigwarda ċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" bil-modifiki kollha ta' l-istrument li jistgħu jaffettwaw il-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet essenzali jew mal-kondizzjonijiet għall-validità taċ-ċertifikat. Dawn il-modifiki jeħtieġu approvazzjoni addizzjonali fil-għamla ta' żieda maċ-ċertrifikat oriġinali ta' l-eżami tat-tip "*CE*".

7. Kull wieħed mill-korpi nnotifikati għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bi:

— iċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tat-tip "*CE*" u l-annessi maħruġa;

— iż-żidiet u l-emendi li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikati diġà maħruġa.

Kull korp innotifikat għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li jkun innominah bl-irtirar ta' ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*".

Il-korp innotifikat għandu jżomm l-inkartament tekniku inkluża d-dokumentazzjoni ssottomessa mill-fabbrikant għal perjodu taż-żmien sat-tmiem tal-validità taċ-ċertifikat,

8. Il-fabbrikant għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*", l-annessi ta' miegħu u ż-żidiet bid-dokumentazzjoni teknika għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument tal-kejl.

9. Ir-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant jista' jiddepożita l-applikazzjoni riferita fil-paragrafu 3 u jwettaq l-obbligi msemmija fil-paragrafi 6 u 8. Meta l-fabbrikant ma jkunx stabbilit ġewwa l-Komunitajiet u meta ma jkollux rappreżentant awtorizzat, l-obbligu li jagħmel id-dokumentazzjoni teknika disponibbli fuq talba għandu jkun ir-responsabbiltà tal-persuna nnominata mill-fabbrikant.

▼B

ANNESS Ċ

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MAT-TIP IMSEJSA FUQ IL-KONTROLL TAL-PRODUZZJONI INTERNA

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità mat-tip imsejsa fuq il-kontroll tal-produzzjoni interna" hija l-parti ta' proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl interessati huma f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u bil-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

3.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*" u l-marka metroloġika supplimentari ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jkun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

3.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-strumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-istrument mudell li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

Ir-rappreżentant awtorizzat

4. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3.2 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Meta l-fabbrikant ma jkunx stabbilit ġewwa l-Komunità u meta ma jkollux rappreżentant awtorizzat, l-obbligu li jinsab fil-paragrafu 3.2 għandu jkun ir-responsabbilàa tal-persuna li jqiegħed l-istrument fis-suq.

▼B

ANNESS Ċ1

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MAT-TIP IMSEJSA FUQ IL-KONTROLL TAL-PRODUZZJONI INTERNA FLIMKIEN MAT-TESTIJIET MINN KORP INNOTIFIKAT

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità mat-tip imsejsa fuq il-kontroll tal-produzzjoni interna flimkien mat-testijiet tal-prodotti minn korp innotifikat" hija l-parti ta' proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl interessati huma f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-kontrolli tal-prodotti

3. Korp innotifikat, magħżul mill-fabbrikant, għandu jwettaq kontrolli tal-prodotti jew iġegħilhom jitwettqu f'intervalli approprjati taż-żmien stabbiliti minnu, sabiex jivverifika il-kwalità tal-kontrolli tal-prodott intern, filwaqt li jitqiesu, fost ħwejjeġ oħra, il-komplessità teknoloġika ta' l-istrumenti u l-kwalitàà tal-produzzjoni. Għandu jipi eżaminat kampjun adegwat tal-prodotti finali, meħud mill-korp innotifikat qabel it-tqegħid fis-suq, u għandhom jitwettqu t-testijiet approprjati kif identifikati bid-dokument/i rilevanti riferit/i fl-Artikolu 13, jew testijiet ekwivalwenti sabiex jiċċekkjaw il-konformità tal-prodott mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

F'dawk il-każijiet meta numru rilevanti ta' strumenti fil-kampjun ma jikkonformawx ma' livell aċċetabbli tal-kwalità, il-korp innotifikat għandu jieħu l-miżuri approprjati.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

4.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jkun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertrifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

4.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritjaiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

Ir-rappreżentant awtorizzat

5. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu filparagrafi 4.2 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Meta l-fabbrikant ma jkunx stabbilit ġewwa l-Komunità u meta ma jkollux rappreżentant awtorizzat, l-obbligu msemmi fil-paragrafu 4.2 għandu jkun ir-responsabbiltà tal-persuna li jqiegħed l-istrument fis-suq.

▼B

ANNESS D

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MAT-TIP IMSEJSA FUQ L-ASSIKURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PROĊESS TAL-PRODUZZJONI

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità mat-tip imsejsa fuq l-assigurazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni" hija l-parti ta' proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl interessati huma f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità għall-produzzjoni, l-ispezzjon tal-prodott finali u t-testijiet ta' l-istrument tal-kejl interessat kif speċifikat fil-paragrafu 3 u għandu jkun bla ħsara għas-sorveljanza kif speċifikat fil-paragrafu 4.

Is-sistema tal-kwalità

3.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni biex tiġi stmata s-sistema tal-kwalità ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— it-tagħrif kollu rilevanti għall-kategorija prevista ta' l-istrumenti;

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikatta' l-eżami tat-tip "*CE*".

3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-istrumenti mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżmi tat-tip "*CE*" u l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-elementi, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu ddokumentati f'manjiera sistematika u bl-ordni fil-għamla ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità trid tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjani, il-manwali u r-reġistri tal-kwalità.

Għandu jkun fiha b'mod partikolari deskrizzjoni adekwata dwar:

— il-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltà u l-poteri tal-ġestjoni rigward il-kwalità tal-prodott;

— il-metodi tat-teknika, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi tal-fabbrikazzjoni, tal-kontroll tal-kwalità u ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità li jridu jintużaw;

— l-eżamijiet u t-testijiet li jridu jitwettqu qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li bihom iridu jitwettqu;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.;

— il-mezzi sabiex tiġi mmonitprjata l-kisba tal-kwalità meħtieġa tal-prodotti u l-ħidma effettiva ta-sistema tal-kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabbilixxi jekk tilħaqx il-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet rigward sistema tal-kwalità li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' l-i*standard* nazzjonali li jimplimenta l-i*standard* rilevanti armonizzat, mill-mument li jiġu ppubblikati r-riferimenti għalih.

▼B

B'żieda ma' dan sabiex jesperjenza fis-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, it-tim tal-verifika għandu jippossjiedi l-esperjenza approprjata fil-kamp rilevanti tal-metroloġija u tat-teknoloġija ta' l-istrument, u għerf dwar il-ħtiġiet li japplikaw għal din id-Direttiva. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi viżta ta' spezzjon lill-fond tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnofikata lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jindaħal li jwettaq l-obbigi li joħorġu mis-sistema tal-kwalità kif approvati u li jżommha hekk li tissokta adegwata u effiċjenti.

3.5. Il-fabbrikant għandu jżomm imgħarraf lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità dwar kull bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jivvaluta l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema mibdula tal-kwalità tridx tissokta tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

Is-sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

4.1. Il-għan tas-sorveljanza huwa li jiżgura illi l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li joħorġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

4.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal għanijiet ta' spezzjon għall-postjiet tal-fabbrikazzjoni, l-ispezzjon, it-testijiet u l-ħażna, u għandu jipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq verifiki sabiex jiżgura illi l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

4.4. B'żieda ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux imħabbra lill-fabbrikant. Matul dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista', jekk meħtieġ, iwettaq testijiet tal-prodotti, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda tiffunzjona b'mod korrett. Għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-testijiet.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

5.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3.1, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jkun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

5.2. Dikjarazzjoni tal-konformiàa titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

▼B

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

6. Il-fabbrikant għandu jżomm, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument:

— id-dokumentazzjoni riferita fit-tieni inċiż tal-paragrafu 3.1;

— il-bidla riferita fil-paragrafu 3.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat riferiti fil-paragrafi 3.5, 4.3 u 4.4.

7. Kull korp innotifikat għandu jagħmel diponibbli perjodikament lill-Istati Membri li nnominawh il-lista ta' l-approvazzonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa jew irrifjutati, u għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bl-irtirar ta' approvazzjoni ta' sistema tal-kwalità.

Ir-rappreżentant awtorizzat

8. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu filparagrafi 3.1, 3.5, 5.2 u 6 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS D1

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ L-ASSIKURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PROĊESS TAL-PRODUZZJONI

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-produzzjoni" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjra illi l-istrumenti tal-kejl interessati jissodisfaw il-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni teknika

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumetazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti għal din l-istima, għandha tkopri d-disinn u l-ħidma ta' l-istrument.

3. Il-fabbrikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument.

Il-fabbrikzzjoni

4. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità għall-produzzjoni, l-ispezzjon tal-prodott finali u t-testijiet ta' l-istrument tal-kejl interessat kif speċifikat fil-paragrafu 5 u għandu jkun bla ħsara għas-sorveljanza kif speċifikat fil-paragrafu 6.

Is-sistema tal-kwalità

5.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni sabiex tiġi stmata s-sistema tal-kwalità ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— it-tagħrif kollu rilevanti għall-kategorija prevista ta' l-istrumenti;

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika riferita fil-paragrafu 2,

5.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-istrumenti mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-elementi, il-ħtiġijiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu ddokumentati f'manjiera sistematika u bl-ordni fil-għamla ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità trid tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjani, il-manwali u r-reġistri tal-kwalità.

Għandu jkun fiha b'mod partikolari deskrizzjoni adekwata dwar:

— il-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltà u l-poteri tal-ġestjoni rigward il-kwalità tal-prodott;

— il-metodi tat-teknika, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi tal-fabbrikazzjoni, tal-kontroll tal-kwalità u ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità li jridu jintużaw;

— l-eżamijiet u t-testijiet li jridu jitwettqa qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li bihom iridu jitwettqu;

▼B

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.;

— il-mezzi sabiex tiġi mmonitorjata l-kisba tal-kwalità meħtieġa tal-prodotti u l-ħidma effettiva ta-sistema tal-kwalità.

5.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabbilixxi jekk tilħaqx il-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 5.2.

Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet rigward sistema tal-kwalità li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet korrispondentri ta' l-i*standard* nazzjonali li jimplimenta l-i*standard* rilevanti armonizzat, millmument li jiġu ppubblikati r-riferimenti għalih.

B'żieda ma' dan sabiex jesperjenza fis-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, ittim tal-verifika għandu jippossjiedi l-esperjenza approprjata fil-kamp rilevanti tal-metroloġija u tat-teknoloġija ta' l-istrumenti, u għerf dwar il-ħtiġiet li japplikaw għal din id-Direttiva. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi viżta ta' spezzjon lill-fond tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nofikata lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

5.4. Il-fabbrikant għandu jindaħal li jwettaq l-obbigi li joħorġu mis-sistema tal-kwalità kif approvati u li jżommha hekk li tissokta adegwata u effiċjenti.

5.5. Il-fabbrikant għandu jżomm imgħarraf perjodikament lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità b'kull bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jivvaluta l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk issistema mibdula tal-kwalità tridx tissokta tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 5.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

Is-sorveljanza fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

6.1. Il-għan tas-sorveljanza huwa li jiżgura illi l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li joħorġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

6.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal għanijiet ta' spezzjon fil-postjiet tal-fabbrikazzjoni, l-ispezzjon, it-testijiet u l-ħażna, u għandu jipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika riferita fil-paragrafu 2;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.

6.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq verifiki sabiex jiżguraw illi l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

6.4. B'żieda ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux imħabbra lillfabbrikant. Matul dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista', jekk meħtieġ, iwettaq testijiet tal-prodotti, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda tiffunzjona b'mod korrett. Għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-testijiet.

▼B

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

7.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 5.1, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

7.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

8. Il-fabbrikant għandu jżomm, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument:

— id-dikjarazzjoni riferita fit-tieni inċiż tal-paragrafu 5.1;

— il-bidla riferita fil-paragrafu 5.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat riferiti fil-paragrafi 5.5, 6.3 u 6.4.

9. Kull korp innotifikat għandu jagħmel diponibbli perjodikament lill-Istati Membri li nnominawh il-lista ta' l-approvazzonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa jew irrifjutati, u għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bl-irtirar ta' approvazzjoni ta' sistema tal-kwalità.

Ir-rappreżentant awtorizzat

10. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3, 5.1, 5.5, 7.2 u 8 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS E

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MAT-TIP IMSEJSA FUQ L-ASSIKURAZZJONI TA' L-ISPEZZJON U T-TESTIJIET TAL-PRODOTT FINALI

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità mat-tip imsejsa fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott finali" hija l-parti ta' proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl interessati huma f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfaw il-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità kif speċifikat fil-paragrafu 3 għall-ispezzjon u t-testijiet tal-prodott finali ta' l-istrument tal-kejl interessat u għandu jkun bla ħsara għas-sorveljanza kif speċifikat fil-paragrafu 4.

Is-sistema tal-kwalità

3.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni biex tiġi stmata s-sistema tal-kwalità ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— it-tagħrif kollu rilevanti għall-kategorija prevista ta' l-istrumenti;

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopji taċ-ċertifikatta' l-eżami tat-tip "*CE*".

3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-istrumenti mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżmi tat-tip "*CE*" u l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-elementi, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu ddokumentati f'manjiera sistematika u bl-ordni fil-għamla ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità trid tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjani, il-manwali u r-reġistri tal-kwalità.

Għandu jkun fiha b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata dwar:

— il-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltà u l-poteri tal-ġestjoni rigward il-kwalità tal-prodott;

— l-eżaminiet u t-testijiet li jridu jitwettqu wara l-fabbrikazzjoni;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.;

— il-mezzi biex jimmonitorjaw il-ħidma effettiva tas-sistema tal-kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabbilixxi jekk tilħaqx il-ħtiġijiet riferiti fil-paragrafu 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet rigward sistema tal-kwalità li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet korrispondentri ta' l-i*standard* nazzjonali li jimplimenta l-i*standard* rilevanti armonizzat, mill-mument li jiġu ppubblikati r-riferimenti għalih.

▼B

B'żieda ma' dan sabiex jesperjenza fis-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, it-tim tal-verifika għandu jippossjiedi l-esperjenza approprjata fil-kamp rilevanti tal-metroloġija u tat-teknoloġija ta' l-istrumenit, u għerf dwar il-ħtiġiet li japplikaw għal din id-Direttiva. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi viżta ta' spezzjon lill-fond tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nofikata lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jindaħal li jwettaq l-obbigi li joħorġu mis-sistema tal-kwalità kif approvati u li jżommha hekk li tissokta adegwata u effiċjenti.

3.5. Il-fabbrikant għandu jżomm imgħarraf lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità dwar kull bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jivvaluta l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema mibdula tal-kwalità tridx tissokta tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

Is-sorveljanza fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

4.1. Il-għan tas-sorveljanza huwa li jiżgura illi l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li joħorġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

4.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal għanijiet ta' spezzjon fil-postjiet ta' l-ispezzjon, tat-testijiet u tal-ħażna, u għandu jipprovdilu t-tagħrif kollu meħtieġ, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq verifiki sabiex jiżguraw illi l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

4.4. B'żieda ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux imħabbra lill-fabbrikant. Matul dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista', jekk meħtieġ, iwettaq testijiet tal-prodotti, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda tiffunzjona b'mod korrett. Għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-testijiet.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

5.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbilta tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3.1, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jkun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

▼B

5.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-istrument mudell li għalih kienet imfassla. Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq.

Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar mili għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

6. Il-fabbrikant għandu jżomm, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal-mill-inqas 10 snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument:

— id-dokumntazzjoni riferita fit-tieni inċiż tal-paragrafu 3.1;

— il-bidla riferita fil-tieni sub-paragrafu tal-paragrafu 3.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma riferiti fis-subparagrafu finali tal-paragrafi 3.5, il-paragrafu 4.3 u l-paragrafu 4.4.

7. Kull korp innotifikat għandu jagħmel diponibbli perjodikament lill-Istati Membri li nnominawh il-lista ta' l-approvazzonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa jew irrifjutati, u għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bl-irtirar ta' approvazzjoni ta' sistema tal-kwalità.

Ir-rappreżentant awtorizzat

8. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3.1, 3.5, 5.2 u 6 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS E1

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ L-ASSIKURAZZJONI TAL-KWALITÀ TA' L-ISPEZZJON U T-TESTIJIET TAL-PRODOTT FINALI

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-ispezzjon u t-testijiet tal-prodott finali" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjra illi l-istrumenti tal-kejl interessati huma f'konformità mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni teknika

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumetazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti din l-istima, għandha tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument.

3. Il-fabbrikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument.

Il-fabbrikzzjoni

4. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità għall-ispezzjon tal-prodott finali u t-testijiet ta' l-istrument tal-kejl interessat kif speċifikat fil-paragrafu 5 u għandu jkun bla ħsara għas-sorveljanza kif speċifikat fil-paragrafu 6.

Is-sistema tal-kwalità

5.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni biex tiġi stmata s-sistema tal-kwalità ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— it-tagħrif kollu rilevanti għall-kategorija prevista ta' l-istrumenti;

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika riferita fil-paragrafu 2,

5.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-istrumenti mal-ħtriġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-elementi, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu ddokumentati f'manjiera sistematika u bl-ordni fil-għamla ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità trid tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjani, il-manwali u r-reġistri tal-kwalità.

Din id-dokumentazzjoni għandu jkun fiha b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata dwar:

— il-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltà u l-poteri tal-ġestjoni rigward il-kwalità tal-prodott;

— l-eżaminiet u t-testijiet li jridu jitwettqu wara l-fabbrikazzjoni;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.;

— il-mezzi biex jimmonitorjaw il-ħidma effettiva tas-sistema tal-kwalità.

▼B

5.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabbilixxi jekk tilħaqx il-ħtiġijiet riferiti fil-paragrafu 5.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet rigward sistema tal-kwalità li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet korrispondentri ta' l-i*standard* nazzjonali li jimplimenta l-i*standard* rilevanti armonizzat, mill-mument li jiġu ppubblikati r-riferimenti għalih.

B'żieda ma' dan sabiex jesperjenza fis-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, it-tim tal-verifika għandu jippossjiedi l-esperjenza approprjata fil-kamp rilevanti tal-metroloġija u tat-teknoloġija ta' l-istrumenti, u għerf dwar il-ħtiġiet li japplikaw għal din id-Direttiva. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi viżta ta' spezzjon lill-fond tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnofikata lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

5.4. Il-fabbrikant għandu jindaħal li jwettaq l-obbigi li joħorġu mis-sistema tal-kwalità kif approvati u li jżommha hekk li tissokta adegwata u effiċjenti.

5.5. Il-fabbrikant għandu jżomm imgħarraf lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità dwar kull bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jivvaluta l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema mibdula tal-kwalità tridx tissokta tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 5.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

Is-sorveljanza fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

6.1. Il-għan huwa li jiżgura illi l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li joħorġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

6.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal għanijiet ta' spezzjon fil-postjiet ta' l-ispezzjon, tat-testijiet u tal-ħażna, u għandu jipprovdilu t-tagħrif kollu meħtieġ, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika riferita fil-paragrafu 2;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.

6.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq verifiki sabiex jiżguraw illi l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

6.4. B'żieda ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux imħabbra lill-fabbrikant. Matul dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista', jekk meħtieġ, iwettaq testijiet tal-prodotti, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda tiffunzjona b'mod korrett. Għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-testijiet.

▼B

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

7.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 5.1, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

7.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

8. Il-fabbrikant għandu jżomm, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument:

— id-dikjarazzjoni riferita fit-tieni inċiż tal-paragrafu 5.1;

— il-bidla riferita fil-paragrafu 5.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat riferiti filparagrafi 5.5, 6.3 u 6.4.

9. Kull korp innotifikat għandu jagħmel disponibbli perjodikament lill-Istati Membri li nnominawh il-lista ta' l-approvazzonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa jew irrifjutati, u għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bl-irtirar ta' approvazzjoni ta' sistema tal-kwalità.

Ir-rappreżentant awtorizzat

10. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3, 5.1, 5.5, 7.2 u 8 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS F

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAT-TIP IMSEJSA FUQ IL-VERIFIKA TAL-PRODOTT

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità tat-tip imsejsa fuq il-verifika tal-prodott" hija l-parti ta' proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl li kienu ġew issoġġettati għad-disposizzjonijiet tal-paagrafu 3 huma f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati bit-tip approvat kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u bil-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

I-verifika

3. Korp innotifikat magħżul mill-fabbrikant għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet approprjati, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità ta' l-istrumenti mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" u l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-eżamijiet u t-testijiet sabiex jiċċekkjaw il-konformità mal-ħtiġiet metroloġiċi jridu jitwettqu, bil-għażla tal-fabbrikant, jew b'eżami u t-testijiet ta' kull strument kif speċifikat fil-paragrafu 4, jew bl-eżami u t-testijiet ta' l-istrumenti fuq bażi statistika kif speċifikat fil-paragrafu 5.

4. **Il-verifika tal-konformità mal-ħtiġiet metroloġiċi bl-eżami u t-testijiet ta' kull strument**

4.1. L-istrumenti kollha għandhom jiġu eżaminati individwalment u jiġu mwettqa t-testijiet approprjati kif iddikjarat fid-dokumenti rilevani riferiti fl-Artikolu 13, jew testijiet ekwivalenti, sabiex jivverifikaw il-konformità tagħhom mal-ħtiġiet approprjati li japplikaw għalihom. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

4.2. Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità rigward l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa, u għandu jwaħħal in-numru ta' l-identità tiegħu ma' kull strument approvat jew imġiegħel li jitwaħħal fuq ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-fabbrikant għandu jżomm iċ-ċertifikati tal-konformità disponibbli għall-ispezzjon mill-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara ċ-ċertifikazzjoni ta' l-istrument.

5. **Il-verifika statistika tal-konformità mal-ħtiġiet metroloġiċi**

5.1. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess tal-produzzjoni jiżgura l-omoġenjita ta' kull lott prodott, u għandu jippreżenta l-istrumenti tiegħu għall-verifika fil-għamla ta' lottijiet omoġenji.

5.2. Għandu jittieħed kampjun mingħajr għażla minn wieħed mil-lottijiet skond il-ħtiġiet tl-paragrafu 5.3. L-istrumenti kollha għandhom jiġu eżaminati individwalment u jiġu mwettqa t-testijiet approprjati kif iddikjarat fid-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, jew testijiet ekwivalenti, sabiex jivverifikaw il-konformità tagħhom mal-ħtiġiet metroloġiċi li japplikaw għalihom. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

▼B

5.3. Il-proċedura statistika għandha tissodisfa il-ħtiġiet li ġejjin:

Il-kontroll statistiku jrid ikun imsejjes fuq l-attributi. Is-sistema tat-teħid tal-kampjuni għandha tiżgura:

— livell tal-kwalità li jikkorrisponda ma' probabbiltà ta' l-aċċettazzjoni ta' 95 % b'nuqqas tal-konformità ta' inqas minn 1 %;

— limitu tal-kwalità li jikkorrisponda ma' probabbiltà ta' l-aċċettazzjoni ta' 5 % b'nuqqas tal-konformità ta' inqas minn 7 %;

5.4. Jekk lott jiġi aċċettat, jiġu approvati l-istrumenti kollha, għajr dawk l-istrumenti mill-kampjun li jkunu nstabu li ma jissodisfawx it-testijiet.

Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità rigward l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa, u għandu jwaħħal in-numru ta' l-identità tiegħu ma' kull strument approvat jew iġiegħel li jitwaħħal fuq ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-fabbrikant għandu jżomm iċ-ċertifikati tal-konformità disponibbli għall-ispezzjon mill-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara ċ-ċertifikazzjoni ta' l-istrument.

5.5. Jekk lott ma jiġix aċċettat, il-korp innotifikat għandu jieħu l-miżuri approprjati sabiex jipprevjieni t-tqegħid ta' dan il-lott fis-suq.

Fl-eventwalità ta' rifjut spiss tal-lottijiet, il-korp innotifikat jista' jissospendi l-verifika statistika u jieħu l-miżuri approprjati.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

6.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*" u l-marka metroloġika supplimentari ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jkun f'konformità mat-tip approvat u jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

6.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

Jekk il-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3 jaqbel, il-fabbrikant għandu jwaħħal ukoll in-numru ta' l-identifikazzjoni ma' l-istrumenti tal-kejl fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat.

7. Il-fabbrikant jista', jekk il-korp innotifikat jaqbel u fuq ir-responsabbilità tiegħu, iwaħħal in-numru ta' l-identifikazzjoni tal-korp innotifikat ma' l-istrumenti tal-kejl matul il-proċess tal-fabbrikazzjoni.

Ir-rappreżentant awtorizzat

8. L-obbligi tal-fabbrikant jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għajr għall-obbligu riferit fil-paragrafi 2 u 5.1.

▼B

ANNESS F1

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ IL-VERIFIKA TAL-PRODOTT

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq il-verifika tal-prodott" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl li kienu ssoġġettat għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 5 huma f'konformità mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni teknika

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumetazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti din l-istima, għandha tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument.

3. Il-fabbrikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument.

Il-fabbrikzzjoni

4. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati bil-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-verifika

5. Korp innotifikat magħżul mill-fabbrikant għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet approprjati, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità ta' l-istrumenti mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-eżamijiet u t-testijiet sabiex jiċċekkjaw il-konformità mal-ħtiġiet metroloġiċi jridu jitwettqu, bil-għażla tal-fabbrikant, jew b'eżami u t-testijiet ta' kull strument kif speċifikat fil-paragrafu 6, jew bl-eżami u t-testijiet ta' l-istrumenti fuq bażi statistika kif speċifikat fil-paragrafu 7.

6. **Il-verifika tal-konformità mal-ħtiġiet metroloġiċi bl-eżami u t-testijiet ta' ull strument**

6.1. L-istrumenti kollha għandhom jiġu eżaminati individwalment u jiġu mwettqa t-testijiet approprjati, kif iddikjarat fid-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, jew testijiet ekwivalenti, sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ħtiġiet approprjati li japplikaw għalihom. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

6.2. Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità rigward l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa, u għandu jwaħħal in-numru ta' l-identità tiegħu ma' kull strument approvat jew iġiegħel li jitwaħħal fuq ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-fabbrikant għandu jżomm iċ-ċertifikati tal-konformità disponibbli għall-ispezzjon mill-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara ċ-ċertifikazzjoni ta' l-istrument.

7. **Il-verifika statistika tal-konformità mal-ħtiġiet metroloġiċi**

7.1. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess tal-produzzjoni jiżgura l-omoġenjita ta' kull lott prodott, u għandu jippreżenta l-istrumenti tiegħu għall-verifika fil-għamla ta' lottijiet omoġenji.

▼B

7.2. Għandu jittieħed kampjun mingħajr għażla minn wieħed mil-lottijiet skond il-ħtiġiet tal-paragrafu 7.3. L-istrumenti kollha fil-kampjun għandhom jiġu eżaminati individwalment u jiġu mwettqa t-testijiet approprjati kif iddikjarat fid-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, jew testijiet ekwivalenti, sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ħtiġiet metroloġiċi u jiġi stabbilit jekk il-lott jiġix aċċettat jew irrifjutat. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

7.3. Il-proċedura statistika għandha tissodisfa il-ħtiġiet li ġejjin:

Il-kontroll statistiku jrid ikun imsejjes fuq l-attributi. Is-sistema tat-teħid tal-kampjuni għandha tiżguraw illi:

— livell tal-kwalità li jikkorrisponda ma' probabbiltà ta' l-aċċettazzjoni ta' 95 % b'nuqqas tal-konformità ta' inqas minn 1 %;

— limitu tal-kwalità li jikkorrisponda ma' probabbiltà ta' l-aċċettazzjoni ta' 5 % b'nuqqas tal-konformità ta' inqas minn 7 %;

7.4. Jekk lott jiġi aċċettat, jiġu approvati l-istrumenti kollha, għajr dawk l-istrumentri mill-kampjun li jkunu nstabu li ma jissodisfawx it-testijiet.

Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità rigward l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa, u għandu jwaħħal in-numru ta' l-identità tiegħu ma' kull strument approvat jew iġiegħel li jitwaħħal fuq ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-fabbrikant għandu jżomm iċ-ċertifikati tal-konformità disponibbli għall-ispezzjon mill-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara ċ-ċertifikazzjoni ta' l-istrument.

7.5. Jekk lott ma jiġix aċċettat, il-korp innotifikat għandu jieħu l-miżuri approprjati sabiex jipprevjieni t-tqegħid ta' dan il-lott fis-suq. Fl-eventwalità ta' rifjut spiss tal-lottijiet, il-korp innotifikat jista' jissospendi l-verifika statistika u jieħu l-miżuri approprjati.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

8.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*" u l-marka metroloġika supplimentari ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

8.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

Jekk il-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 5 jaqbel, il-fabbrikant għandu jwaħħal ukoll in-numru ta' l-identifikazzjoni ma' l-istrumenti tal-kejl fuq ir-responabbiltà tal-korp innotifikat.

9. Il-fabbrikant jista, jekk il-korp innotifikat jaqbel u fuq ir-responsabbilità tiegħu, iwaħħal in-numru ta' l-identifikazzjoni tal-korp innotifikat ma' l-istrumenti tal-kejl matul il-proċess tal-fabbrikazzjoni.

Ir-rappreżentant awtorizzat

10. L-obbligi tal-fabbrikant jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għajr għall-obbligu riferit fil-paragrafi 4 u 7.1.

▼B

ANNESS G

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ IL-VERIFIKA TA' L-UNITÀ

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq il-verifika ta' l-unità" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi strumenti tal-kejl li kien ġie issoġġettat għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4, huwa f'konformità mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni teknika

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika kif deskritta l-Artikolu 10 u jagħmilha disponibbli lill-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 4. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva u għandha, safejn u sakemm rilevanti għal din l-istima, tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument.

Il-fabbrikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin.

Il-fabbrikzzjoni

3. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-istrument iffabbrikat mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

Il-verifika

4. Korp innotifikat magħżul mill-fabbrikant għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet approprjati kif iddikjarati fid-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, jew it-testijiet ekwivalenti, sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità ta' l-istrumenti mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva, jew iġegħilhom jitwettqu. Fin-nuqqas ta' dokument rilevanti, il-korp innotifikat interessat għandu jiddeċiedi dwar it-testijiet approprjati li jridu jitwettqu.

Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità rigward l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa, u għandu jwaħħal in-numru ta' l-identità tiegħu ma' l-istrument approvat jew iġieġhel li jitwaħħal fuq ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-fabbrikant għandu jżomm iċ-ċertifikati tal-konformità disponibbli għall-ispezzjon mill-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara ċ-ċertifikazzjoni ta' l-istrument.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

5.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 4, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

5.2. Għandha titfassal dikjarazzjoni tal-konformità u tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-istrument. Għandha tidentifika l-istrument li għalih kienet imfassla.

Għandha tiġi formita kopja tad-dikjarazzjoni ma' l-istrument tal-kejl.

Ir-rappreżentant awtorizzat

6. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 2 u 4.2 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS H

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ L-ASSIKURAZZJONI SHIHA TAL-KWALITÀ

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq l-assikurazoni sħiħa tal-kwalità" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjra illi l-istrumenti tal-kejl interessati jissodisfaw il-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità għad-disinn, il-produzzjoni, l-ispezzjon tal-prodott finali u t-testijiet ta' l-istrument tal-kejl interessat kif speċifikat fil-paragrafu 3 u għandu jkun bla ħsara għas-sorveljanza kif speċifikat fil-paragrafu 4.

Is-sistema tal-kwalità

3.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni biex tiġi stmata s-sistema tal-kwalità ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— it-tagħrif kollu rilevanti għall-kategorija prevista ta' l-istrumenti;

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalità.

3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-istrumenti mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-elementi, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu ddokumentati f'manjiera sistematika u bl-ordni fil-għamla ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità trid tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjani, il-manwali u r-reġitsri tal-kwalità. Għandu jkun fiha b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata dwar:

— il-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u l-poteri tal-ġestjoni rigward il-kwalità tad-disinn u tal-prodott;

— l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inluži l-i*standards*, li jridu jiġu applikati u, meta ma jridux jiġu applikati fis-sħiħ id-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, il-mezzi li jridu jintużaw sabiex jiżguraw illi jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għall-istrumenti;

— il-kontroll tad-disinn u l-modi tat-teknika, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi tal-verifika tad-disinn li jridu jiġu wżati meta jkunu qegħdin jiġu ddisinjati l-istrument li jappartjienu għall-kategorija koperta ta' l-istrumenti;

— il-metodi tat-teknika, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi tal-fabbrikazzjoni, tal-kontroll tal-kwalità u ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità korrispondenti li jridu jintużaw;

— l-eżaminiet u t-testijiet li jridu jitwettqu qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza tagħhom;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.;

— il-mezzi sabiex tiġi mmonitorjata l-kisba tal-kwalità meħtieġa tad-disinn meħtieġ u tal-kwalità tal-prodotti u l-ħidma effettiva tas-sistema tal-kwalità.

▼B

3.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabbilixxi jekk tilħaqx il-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet rigward sistema tal-kwalità li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet korrispondentri ta' l-i*standard* nazzjonali li jimplimenta l-i*standard* rilevanti armonizzat, mill-mument li jiġu ppubblikati r-riferimenti għalih.

B'żieda ma' dan sabiex jesperjenza fis-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, ittim tal-verifika għandu jippossjiedi l-esperjenza approprjata fil-kamp rilevanti tal-metroloġija u tat-teknoloġija ta' l-istrumenti, u għerf dwar il-ħtiġiet li japplikaw għal din id-Direttiva. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi viżta ta' spezzjon lill-fond tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nofikata lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jindaħal li jwettaq l-obbigi li joħorġu mis-sistema tal-kwalità kif approvati u li jżommha hekk li tissokta adegwata u effiċjenti.

3.5. Il-fabbrikant għandu jżomm imgħarraf lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità dwar kull bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jivvaluta l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk issistema mibdula tal-kwalità tridx tissokta tissodisfa l-ħtiġiet riferiti filparagrafu 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

Is-sorveljanza fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

4.1. Il-għan tas-sorveljanza huwa li jiżgura illi l-fabbrikant iwettaq l-obbligi lii joħorġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

4.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal għanijiet ta' spezzjon fil-postjiet tal-fabbrikazzjoni, l-ispezzjon, it-testijiet u l-ħażna, u għandu jipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

— ir-reġistri tal-kwalità kif previsti mill-parti tad-disinn tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma r-riżultati ta' l-analiżijiet, tal-kalkolu, tat-testijiet, eċċ.;

— ir-reġistri tal-kwalità kif previsti mill-parti tal-fabbrikazzjoni tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiċii tal-personal interessat, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq verifiki sabiex jiżguraw illi l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

4.4. B'żieda ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux imħabbra lillfabbrikant. Matul dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista', jekk meħtieġ, iwettaq testijiet tal-prodotti, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jivverifika illi s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda tiffunzjona b'mod korrett. Għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-testijiet.

▼B

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

5.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3.1, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

5.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal strument mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-istrument mudell li għalih kienet imfassla.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

6. Il-fabbrikant għandu jżomm, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument:

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalitàà riferita fit-tieni inċiż tal-paragrafu 3.1;

— il-bidla riferita fil-paragrafu 3.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat riferiti fil-paragrafi 3.5, 4.3 u 4.4.

7. Kull korp innotifikat għandu jagħmel disponibbli perjodikament lill-Istati Membri li nnominawh il-lista ta' l-approvazzonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa jew irrifjutati, u għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bl-irtirar ta' approvazzjoni ta' sistema tal-kwalitàà.

Ir-rappreżentant awtorizzat

8. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3.1, 3.5, 5.2 u 6 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS H1

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MSEJSA FUQ L-ASSIKURAZZJONI SHIHA TAL-KWALITÀ FLIMKIEN MA' L-EŻAMI TAD-DISINN

1. Id-"dikjarazzjoni tal-konformità msejsa fuq l-assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità flimkien ma' l-eżami tad-disinn" hija l-proċedura ta' l-istima tal-konformità li biha l-fabbrikant iwettaq l-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness u jiżgura u jiddikjara illi l-istrumenti tal-kejl interessati jissodisfaw il-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva.

Il-fabbrikzzjoni

2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità għad-disinn, il-produzzjoni, l-ispezzjon tal-prodott finali u t-testijiet ta' l-istrument tal-kejl interessat kif speċifikat fil-paragrafu 3 u għandu jkun bla ħsara għas-sorveljanza kif speċifikat fil-paragrafu 5. L-adegwatezza tad-disinn tekniku ta' l-istrument tal-kejl għandha tkun ġiet eżaminata skond id-disposizzjonijiet ta-paragrafu 4.

Is-sistema tal-kwalità

3.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni biex tiġi stmata s-sistema tal-kwalità ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— it-tagħrif kollu rilevanti għall-kategorija prevista ta' l-istrumenti;

— id-dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sistema tal-kwalità.

3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-istrumenti mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

L-elementi, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu ddokumentati f'manjiera sistematika u bl-ordni fil-għamla ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità trid tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjani, il-manwali u r-reġistri tal-kwalità. Għandu jkun fiha b'mod partikolari deskrizzjoni adekwata dwar:

— il-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u l-poteri tal-ġestjoni rigward il-kwalità tad-disinn u tal-prodott;

— l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inluż l-i*standards*, li jridu jiġu pplikati u, meta ma jridux jiġu applikati fis-sħiħ id-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13, il-mezzi li jridu jintużaw sabiex jiżguraw illi jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għall-istrumenti;

— il-kontroll tad-disinn u l-modi tat-teknika, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi tal-verifika tad-disinn li jridu jiġu wżati meta jkunu qegħdin jiġu ddisinjati l-istrument li jappartjienu għall-kategorija koperta ta' l-istrumenti;

— il-metodi tat-teknika, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi tal-fabbrikazzjoni, il-kontroll tal-kwalità u l-assigurazzjoni tal-kwalità korrispondenti li jridu jintużaw;

— l-eżamijiet u t-testijiet li jridu jkunu twettqu qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li bihom iridu jitwettqu;

— ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u l-informazzjoni tat-testijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti tal-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.;

▼B

— il-mezzi sabiex tiġi mmonitorjata l-kisba tal-kwalità meħtieġa tad-disinn meħtieġ u tal-kwalità tal-prodotti u l-ħidma effettiva tas-sistema tal-kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabbilixxi jekk tilħaqx il-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet rigward sistema tal-kwalità li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' l-i*standard* nazzjonali li jimplimenta l-i*standard* rilevanti armonizzat, mill-mument li jiġu ppubblikati r-riferimenti għalih fil-Ġurnal Uffiċjali.

B'żieda ma' dan sabiex jesperjenza fis-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, it-tim tal-verifika għandu jippossjiedi l-esperjenza approprjata fil-kamp rilevanti tal-metroloġija u tat-teknoloġija ta' l-istrumenti, u għerf dwar il-ħtiġiet li japplikaw għal din id-Direttiva. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi viżta ta' spezzjon lill-fond tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnofikata lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jindaħal li jwettaq l-obbigi li joħorġu mis-sistema tal-kwalità kif approvati u li jżommha hekk li tissokta adegwata u effiċjenti.

3.5. Il-fabbrikant għandu jżomm imgħarraf lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità dwar kull bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jivvaluta l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema mibdula tal-kwalità tridx tissokta tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fil-paragrafu 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni rraġjonata ta' l-istima.

3.6. Kull korp innotifikat għandu jagħmel diponibbli perjodikament lill-Istati Membri li nnominawh il-lista ta' l-approvazzonijiet tas-sistema tal-kwalità maħruġa jew irrifjutati, u għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li nnominah bl-irtirar ta' approvazzjoni ta' sistema tal-kwalità.

L-eżami tad-disinn

4.1. Il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni għall-eżami tad-disinn għand il-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3.1.

4.2. L-applikazzjoni għandha tgħin sabiex jinftiehmu d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma ta' l-istrument u għandha tgħin l-istima tal-konformità mal-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva. Din għandha tinkludi:

— l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant;

— dikjarazzjoni bil-miktub illi ma tkunx ġiet iddepożitata l-istess aplikazzjoni għand korp ieħor innotifikat;

— id-dokumentazzjoni teknika kif deskritta fl-Artikolu 10. Id-dokumentazzjoni għandha tgħin l-istima tal-konformità ta' l-istrument mal-ħtiġiet approprijati ta' din id-Direttiva. Safejn u sakemm tkun rilevanti għal din l-istima, għandha tkopri d-disinn u l-ħidma ta' l-istrument;

▼B

— ix-xiehda ta' appoġġ rigward l-adegwatezza tad-disinn tekniku. Din ix-xiehda għandha ssemmi kull dokument rilevanti li jkun ġie applikat, b'mod partikolari meta d-dokumenti rilevanti riferiti fl-Artikolu 13 ma jkunux ġew applikati għal kollox, u għandha tinkludi, meta meħtieġ, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa mil-laboratorju approprjat tal-fabbrikant, jew minn laboratorju ieħor tat-testijiet f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jeżamina l-applikazzjoni, u meta d-disinn jissodisfa d-disposizzjonijiet tad-Direttiva li japplikaw għall-istrument tal-kejl, għandu joħroġ certifikat ta' l-eżami tat-tip "*CE*" lill-fabbrikant. Iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant, il-konklużjonijiet ta' l-eżami, kull kondizzjoni tal-validità tiegħu u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' l-istrument approvat.

4.3.1. Il-partijiet kollha rilevanti tad-dokumentazzjoni teknika għandhom jiġu mehmuża maċ-ċertifikat.

4.3.2. Iċ-ċertifikat jew l-annessi ta' miegħu għandu jkun fihom it-tagħrif rilevanti kollu għall-valutazzjoni tal-konformità u l-kontroll ġewwa s-servizz. Għandu jippermetti l-valutazzjoni tal-konformità ta' l-istrumenti ffabbrikati mad-disinn eżaminat rigward l-abbiltà tat-tennija tat-twettiq taxxogħol metroloġiku tagħhom, meta jkunu aġġustati kif xieraq bl-użu tal-mezzi approprjati, inklużi:

— il-karatteristiċi metroloġiċi tad-disinn ta' l-istrument;

— il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-integrità ta' l-istrumenti (issiġillar, l-identifikazzjoni tas-*software*…);

— it-tagħrif dwar l-elementi l-oħra meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-istrumenti u sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità viżwali esterna tagħhom mad-disinn;

— jekk approprjat, kull tagħrif speċifiku meħtieġ sabiex jiġu vverifikati l-karatteristiċi ta' l-istrumenti ffabbrikati;

— fil-każ ta' sub-tagħqida, it-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiżgura l-kompatibbiltà mas-sub-tgħqidiet l-oħra jew l-istrumenti tal-kejl.

4.3.3. Il-korp innotifikat għandu jistabbilixxi rapport tal-valutazzjoni f'dan ir-rigwrd u jżommu għad-disposizzjoni ta' l-Istat Membru li jkun innominah. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(8), il-korp innotifikat għandu jirrilaxxja l-kontenut ta' dan ir-rapport, fl-intier tiegħu jew f'parti minnu, bi ftehim mal-fabbrikant biss.

Iċ-ċertifikat għandu jkollu validità għal għaxar snin mid-data tal-ħruġ tiegħu, u jista' jiġġedded għal perjodi sossegwenti taż-żmien ta' għaxar snin kull darba.

Jekk il-fabbrikant jiġi mċaħħad ċertifikat ta' eżami tad-disinn, il-korp innotifikat għandu jipprovdi raġunijiet iddettaljati għaċ-ċaħda.

4.4. Il-fabbrikant għandu jżomm lill-korp innotifikat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn "*EC*" imgħarraf b'kull modifika fundamentali lid-disinn approvat. Il-modifiki għad-disinn approvat iridu jirċievu approvazzjoni addizzjonali mill-korp innotifikat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' l-eżami għad-disinn "*EC*" meta dawn il-bidliet jistgħu jaffettwaw il-konformità mal-ħtiġiet essenzali ta' din id-Direttiva, il-kondizzjonijiet għall-validità taċ-ċertifikat jew il-kondizzjonijiet stabbiliti sabiex jintuża l-istrument. Din l-approvazzjoni addizzjonali tingħata fil-għamla ta' żieda maċ-ċertrifikat oriġinali ta' l-eżami tad-disinn "*EC*".

▼B

4.5. Kull wieħed mill-korpi nnotifikati għandu jagħmel disponibbli lill-Istat Membru li nnominah:

— iċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tad-disinn "*EC*" u l-annessi maħruġa;

— iż-żidiet u l-emendi li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikati maħruġa.

Kull korp innotifikat għandu jgħarraf minnufih lill-Istat Membru li jkun innominah bl-irtirar ta' ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn "*EC*".

4.6. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iżommu kopja taċ-ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn "*EC*", l-annessi ta' miegħu u ż-żidiet bid-dokumentazzjoni teknika għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument tal-kejl.

Meta la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunu stabbiliti ġewwa l-Komunitajiet, l-obbligu li d-dokumentazzjoni teknika tintgħamel disponibbli fuq talba għandu jkun ir-responsabbiltà tal-persuna nnominata mill-fabbrikant.

Is-sorveljanza taħt ir-responsabbilta tal-korp innotifikat

5.1. Il-għan tas-sorveljanza huwa li jiżgura illi l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li joħorġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

5.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal għanijiet ta' spezzjon għall-postjiet tad-disinn, l-ispezzjon, it-testijiet u l-ħażna, u għandu jipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

— ir-reġistri tal-kwalità kif previsti mill-parti tad-disinn tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma r-riżultati ta' l-analiżijiet, tal-kalkoli, tat-testijiet, eċċ.;

— ir-reġistri tal-kwalità kif previsti mill-parti tal-fabbrikazzjoni tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiċi tal-personal interessat, eċċ.

5.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq verifiki sabiex jiżguraw illi l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

5.4. B'żieda ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux imħabbra lill-fabbrikant. Matul dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista', jekk meħtieġ, iwettaq testijiet tal-prodotti, jew iġegħilhom jitwettqu, sabiex jivverifika illi s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda tiffunzjona b'mod korrett. Għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-testijiet.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità

6.1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka "*CE*", il-marka metroloġika supplimentari u, fuq ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat riferit fil-paragrafu 3.1, in-numru ta' l-identifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, ma' kull strument tal-kejl li jissodisfa l-ħtiġiet approprjati ta' din id-Direttiva.

6.2. Dikjarazzjoni tal-konformità titfassal għal wieħed mill-istrumenti mudell u għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument. Għandha tidentifika l-mudell ta' l-istrument li għalih kienet imfassla u għandha ssemmi n-numru taċ-ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn.

Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tiġi formita ma' kull wieħed mill-istrumenti tal-kejl li jitqiegħed fis-suq. Madankollu, din il-ħtieġa tista' tiġi interpretata li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għall-istrumenti individwali f'dawk il-każijiet meta numru kbir ta' l-istrumenti jiġi kkunsinnat lil utent wieħed.

▼B

7. Il-fabbrikant għandu jżomm, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li jkun ġie ffabbrikat l-aħħar strument:

— id-dokumentazzjonii riferita fit-tieni inċiż tal-paragrafu 3.1;

— il-bidla riferita fil-paragrafu 3.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-korp innotifikat riferiti fil-paragrafi 3.5, 5.3 u 5.4.

Ir-rappreżentant awtorizzat

8. L-obbligi tal-fabbrikant li jinsabu fil-paragrafi 3.1, 3.5, 6.2 u 7 jistgħu jiġu mwettqa, f'ismu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

▼B

ANNESS MI-001

L-ARLOĠĠI TA' L-ILMA

Il-ħtiġjiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għall-arloġġi ta' l-ilma maħsuba li jkejlu volumi ta' ilma nadif, kieaħ jew imsaħħan fl-użu residenzali, kummerċjali jew l-industriji ħfief.

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Arloġġ ta' l-Ilma"

Strument iddisinjat sabiex ikejjel, jimmemorizza u juri l-volum ta' l-ilma f'kondizzjonijiet tal-metraġġ li jgħaddi minn apparat tal-kejl li jibdel sinjal mhux ta' l-elettriku f'sinjal elettriku.

"Rata minima tal-mixi" (*Q1*)

L-iktar rata baxxa tal-mixi li biha l-arloġġ ta' l-ilma jipprovdi indikazzjonijiet li jissodisfaw il-ħiġiet li jirrigardaw l-iżbalji massimi permissibbli (iż-ŻMPijiet).

"Rata transitorja tal-mixi" (*Q2*)

Ir-rata transitorja tal-mixi hija l-valur tar-rata tal-mixi li tiġri bejn ir-rati tal-mixi permanenti u minimi, li fiha l-firxa tar-rata tal-mixi titqassam f'żewġ żoni, "iż-żona ta' fuq" u "żona ta' isfel". Kull żona għandha ż-ŻMP karatteristiku.

"Rata permanenti tal-mixi" (*Q3*)

L-ogħla rata tal-mixi li fiha l-arloġġ ta' l-ilma jaħdem f'manjiera sodisfaċenti skond il-kondizzjonijiet normali ta' l-użu, jiġifieri taħt kondizzjonijiet sodi jew intermittenti tal-mixi.

"Rata ta' tagħbija żejda tal-mixi" (*Q4*)

Ir-rata ta' tagħbija żejda tal-mixi hija l-ogħla rata tal-mixi f'manjiera sodisfaċenti għal perjodu qasir taż-żmien mingħajr deterjorazzjoni.

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma għall-istrumnent, b'mod partikolari;

1. Il-firxa tar-rata tal-mixi ta' l-ilma.

   Il-valuri talfirxa tar-rata talmixi ta' l-ilma għandhom iwettqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

   Q3/Q1 > = 10

   Q2/Q1 = 1,6

   Q4/Q3 = 1,25

   Għal 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-proporzjoni ta' Q2/Q1 jista' jkun: 1,5, 2,5, 4 jew 6,3.

2. Il-firxa tat-temperatura ta' l-ilma.

   Il-valuri tal-firxa tat-temperatura ta' l-ilma għandhom iwettqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

   minn 0,1° sa mill inqas 30°Ċ, jew

   minn 30°Ċ sa mill-inqas 90°Ċ.

   L-arloġġ jista' jiġi ddisinjat sabiex jaħdem fuq iż-żewġ firxiet.

3. Il-pressa relattiva ta' l-ilma, meta l-firxa tkun minn 0,3 *bar* sa mill-inqas 10 *bar* fil-Q3.

4. Għall-provvista ta' l-ilma: il-valur nominali tal-provvista tal-voltaġġ *AC* u/jew il-limiti tal-provvista *DC*.

▼B

L-IŻBALL MASSIMU PERMISSIBBLI (ŻMP)

5. Iż-ŻMP, pożittiv jew negattiv, fuq il-volumi kkunsinnati bir-rati tal-mixi bejn ir-rata transitorja tal-mixi (*Q2*) (inkluża) u r-rata tat-tagħbija żejda tal-mixi (*Q4*) huwa ta':

2 % għall-ilma li jkollu temperatura ta' > = 30ºC,

3 % għall-ilma li jkollu temperatura ta' > = 30ºC.

6. Iż-ŻMP, pożittiv jew negattiv, fuq il-volumi kkunsinnati bir-rati tal-mixi bejn ir-rata minima tal-mixi (*Q1*) (inkluża) u r-rata transitorja tal-mixi (*Q2*) (eskluża) huwa ta' 5 % għall-ilma li jkollu kull temperatura.

▼M3

6a. Il-miter ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġja sistematikament kwalunkwe parti.

▼B

L-effett pemissibbli tad-disturbanzi

7.1. *L-immunità elettro-manjetika*

7.1.1. L-effett ta' disturbanza elettro-manjetika fuq arloġġ ta' l-ilma għandu jkun illi:

— il-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla kif iddefinit fit-8.1.4, jew

— l-indikazzjoni tar-riżultat tal-kejl ikun hekk illi ma jistax jiġi interpetat bħala riżultat validu, bħal varjazzjoni momentarja li ma tistax tiġi interpretata, immemorizzata jew trasmessa bħala riżultat tal-kejl.

7.1.2. Wara li jgħaddi minn disturbanza elettro-majetika, l-arloġġ ta' l-ilma għandu:

— jirkupra hekk li jaħdem ġewwa ż-ŻMP, u

— ikollu ssalvagwardati l-funzjonijiet kollha tal-kejl, u

— jippermetti l-irkupru ta' l-infomazzjoni kollha dwar il-kejl eżatt qabel id-disturbanza.

7.1.3. Il-valur kritiku tal-bidla huwa l-iżgħar miż-żewġ valuri li ġejjin:

— il-volum li jikkorrispondi ma' nofs il-kobor taż-ŻMP fiż-żona ta' fuq tal-volum imkejjel;

— il-volum li jikkorrispondi maż-ŻMP għall-volum li jikkorrispondi għal minuta tar-rata tal-mixi *Q3*.

7.2. *It-tul taż-żmien li jibqa' tajjeb għax-xogħol*

Wara li jkun ġie mwettaq test approprjat, filwaqt li jitqies il-perjodu taż-żmien stmat mill-fabbrikant, għandhom jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin:

7.2.1. Il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż:

— it-3 % tal-volum imkejjel bl-arloġġ bejn il-*Q1* inkluż u l-*Q2* inkluż;

— il-1,5 % tal-volum imkejjel bl-arloġġ bejn il-*Q2* inkluż u l-*Q4* inkluż.

7.2.2. L-iżball ta' l-indikazzjoni fil-volum imkejjel bl-arloġġ wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol ma għandux jaqbeż:

— il-± 6 % tal-volum imkejjel bl-arloġġ bejn il-*Q1* inkluż u l-*Q2* inkluż;

▼B

— il-± 2,5 % tal-volum imkejjel bl-arloġġ bejn il-*Q2* inlkuż u l-*Q4* inkluż għall-arloġġi ta' l-ilma maħsuba sabiex ikejlu l-ilma f'temperatura ta' bejn iż-0,1°Ċ u t-30°Ċ,

— il-± 3,5 % tal-volum imkjjel bl-arloġġ bejn il-*Q2* inlkuż u l-*Q4* inkluż għall-arloġġi ta' l-ilma maħsuba sabiex ikejlu l-ilma f'temperatura a' bejn it-30°Ċ u d-90°Ċ.

Kemm jixraq

8.1. L-arloġġ għandu jkun jista' jiġi stallat sabiex jaħdem f'kull pożizzjoni għajr jekk immarkat xorta oħra.

8.2. Il-fabbrikant għandu jispeċifika jekk l-arloġġ hux iddisinjat biex ikejjel il-mixi bil-maqlub. F'dan il-każ, il-volum tal-mixi bil-maqlub għandu jew jitnaqqas mill-volum akkumulat jew jiġi rreġistrat b'mod separat. L-istess ŻMP għandu japplika kemm għall-mixi bil-quddiem u kemm għall-mixi bil-maqlub.

L-arloġġi ta' l-ilma mhux iddisinjati għalbiex ikejlu l-mixi bil-maqlub għandhom jew jipprevjienu l-mixi bil-maqlub jew għandhom ikunu jistgħu jistgħu jifilħu għall-mixi bil-maqlub mingħajr ebda deterjorazzjoni jew bidla fil-proprjetajiet metroloġiċi.

L-Unitajiet tal-Kejl

9. Il-volum imkejjel bl-arloġġ għandu jiġi muri f'metri kubi.

It-Tidħil fl-Użu

10. L-Istat Membru għandu jiżgura illi l-ħtiġet taħt il-1, it-2 u t-3 jiġu stabbiliti mid-distributur jew mill-persuna nnominata sabiex tistalla l-aloġġ, hekk li l-arloġġ ikun approprjat għall-kejl eżatt tal-konsum previst jew li jista' jiġi previst.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITA

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew H1.

▼B

ANNESS MI-002

L-ARLOĠĠI TAL-GASS U L-MEZZI TAL-KONVERŻJONI TAL-VOLUM

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għall-arloġġi tal-gass u l-mezzi tal-konverżjoni tal-volum iddefiniti hawn taħt, maħsuba għall-użu fid-djar, kummerċjali jew fl-industriji ħfief.

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Arloġġ tal-gass"

Strument iddisinjat sabiex ikejjel, jimmemorizza u turi l-kwantità tal-karburant tal-gass (il-volum jew il-massa) li tkun għaddiet minnu.

"Mezz tal-konverżjoni"

Mezz imwaħħal ma' arloġġ tal-gass li jaqleb awtomatikament il-kwantità mkejla f'kondizzjonijiet ta' kejl bl-arloġġ fi kwantità fil-kondizzjoni bażika,

"Rata minima tal-mixi"

(*Qmin*): L-iktar rata baxxa tal-mixi li biha l-arloġġ tal-gass jipprovdi indikazzjonijiet li jissodisfaw il-ħtiġiet li jirrigardaw l-iżbalji massimi permissibbli (iż-ŻMPijiet).

"Rata massima tal-mixi"

(*Qmass*): L-iktar rata għolja tal-mixi li biha l-arloġġ tal-gass jipprovdi indikazzonijiet li jissodisfaw il-ħtiġiet li jirrigardaw l-iżbalji massimi permissibbli (iż-ŻMPijiet).

"Ir-Rata transitorja tal-mixi" (*Qt*)

Ir-rata transitorja tal-mixi hija r-rata tal-mixi li tiġri bejn ir-rati massimi u minimi tal-mixi, li fiha l-firxa tar-rata tal-mixi titqassam f'żewġ żoni, "iż-żona ta' fuq" u "żona ta' isfel". Kull żona għandha ż-ŻMP laratteristiku.

"Rata ta' tagħbija żejda tal-mixi" (*Qr*)

Ir-rata ta' tagħbija żejda tal-mixi hija l-ogħla rata tal-mixi li fiha l-arloġġ jaħdem għal perjodu qasir taż-żmien mingħajr deterjorazzjoni.

"Kondizzjonijiet bażi"

Il-kodizzjonjoniet speċifikati li għalihom tiġi maqluba l-kwantità mkejla tal-fluwidu.

L-EWWEL PARTI - IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI - L-ARLOĠĠI TAL-GASS

1. **Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;**

   Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma ta' l-istrumnent tal-gass, filwaqt li jitqiesu;

1.1. Il-firxa tar-rata tal-mixi tal-gass għandha twettaq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

Il-Klassi,	Il-Q_{max}/Q_{min}	Il-Q_{max}/Qt	Il-Qr/Q_{max}
1,5	≥150	≥10	1,2
1,0	≥20	≥5	1,2

1.2. Il-firxa tat-temperatura tal-gass, b'firxa minima ta' 40°Ċ.

▼B

1.3. *Il-kondizzjonijiet relatati mal-karburant/gass*

L-arloġġ tal-gass għandu jiġi ddisinjat għal firxa ta' gassijiet u għandu jforni l-pressa tal-pajjiż tad-destinazzjoni. B'mod partikolari, il-fabbrikant għandu:

— il-familja jew il-grupp tal-gassijiet;

— il-pressa massima tal-ħidma.

1.4. Firxa ta' temperatura minima ta' 50°Ċ għall-ambjent klimatiku.

1.5. Il-valur nominali tal-provvista tal-voltaġġ *AC* u/jew il-limiti tal-provvista *DC*.

2. **L-iżbalji massimi permissibbli (iż-ŻMPijiet)**

2.1. *L-arloġġ tal-gass li jindika l-volum tal-kondizzjonijiet jew tal-massa tal-kejl bl-arloġġ.*

Tabella 1

Il-Klassi,	1,5	1,0
Il-Q_{min} = il-Q = il-Qt	3 %	2 %
Il-Qt = il-Q = il-Q_{max}	1,5 %	1 %

▼M3

Il-miter tal-gass ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġja sistematikament kwalunkwe parti.

▼B

2.2. Rigward arloġġ tal-gass bil-konverżjoni tat-temperaturi, li jindika biss il-volum maqlub, iż-ŻMP ta' l-arloġġ jiġi miżjud b'0,5 % fil-firxa ta' 30°Ċ li testendi simmatrikament madwar it-temperatura speċifikata mill-fabbrikant li tkun qiegħda bejn il-15°Ċ u l-25°Ċ. ‘Il barra minn din il-firxa, hija permessa żieda ta' 0,5 % f'kull wieħed mill-intervalli ta' 10°Ċ.

3. **L-effett permissibbli tad-disturbanzi**

3.1. *L-immunità elettro-manjetika*

3.1.1. L-effett ta' disturbanza elettro-manjetika fuq arloġġ tal-gass jew mezz tal-konverżjoni tal-volum għandu jkun hekk illi:

— il-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla kif iddefinit fit-3.1.3, jew

— l-indikazzjoni tar-riżultat tal-kejl ikun hekk illi ma jistax jiġi interpetat bħala riżultat validu, bħal varjazzjoni momentarja li ma tistax tiġi interpretata, immemorizzata jew trasmessa bħala riżultat tal-kejl.

3.1.2. Wara li jgħaddi minn disturbanza elettro-majetika, l-arloġġ tal-gass għandu:

— jirkupra hekk li jaħdem ġewwa ż-ŻMP, u

— ikollu ssalvagwardati l-funzjonijiet kollha tal-kejl, u

— jippermetti l-irkupru a' l-infomazzjoni kollha dwar il-kejl eżatt qabel id-disturbanza.

3.1.3. Il-valur kritiku tal-bidla huwa l-iżgħar miż-żewġ valuri li ġejjin:

— il-kwantità li tikkorrispondi ma' nofs il-kobor taż-ŻMP fiż-żona ta' fuq tal-volum imkejjel;

— il-kwantità li tikkorrispondi maż-ŻMP għall-volum li jikkorrispondi għal minuta tar-rata massima tal-mixi,

▼B

3.2. *L-effett tad-disturbanzi tal-mixi 'il fuq mal-kurrent u/jew 'l isfel mal-kurrent*

Skond il-kondizzjonijiet ta' l-istallazzjoni speċifikati mill-fabbrikant, l-effett tad-disturbanzi tal-mixi ma għandux jaqbeż it-terz taż-ŻMP.

4. **It-tul taż-żmien li jibqa' tajjeb għax-xogħol**

Wara li jkun ġie mwettaq test approprjat, filwaqt li jitqies il-perjodu taż-żmien stmat mill-fabbrikant, għandhom jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin:

4.1. *L-arloġġi tal-Klassi 1,5*

4.1.1. Il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test ta' kemm idum jaħdem meta pparagunata mar-riżultat tal-kejl inizjali għar-rati tal-mixi fil-firxa minn Qt sa Q_{max} ma għandhiex taqbeż ir-riżultat tal-kejl b'iktar minn 2 %.

4.1.2. L-iżball ta' l-indikazzjoni wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol ma għandux jaqbeż id-darbtejn taż-ŻMP fil-paragrafu 2.

4.2. *L-arloġġi tal-Klassi 1,0*

4.2.1. Il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż it-terz taż-ŻMP fil-paragrafu 2.

4.2.2. L-iżball ta' l-indikazzjni wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol ma għandux jaqbeż ż-ŻMP fil-paragrafu 2.

5. **Kemm jixraq**

5.1. Arloġġ tal-gass imħaddem mill-fili ewliena (*AC* jew *DC*) għandu jkun ippovvdut b'mezz ta' provvista ta' l-emerġenza ta' l-enerġija jew b'mezzi oħra sabiex jiżguraw illi l-funzjonijiet kollha tal-kejl jiġu ssalvagwardati matul nuqqas tas-sors prinċipali ta' l-enerġija.

5.2. Sors iddedikat ta' l-enerġija għandu jkollu t-tul tal-ħajja ta' mill-inqas 5 snin. Wara 90 % tal-ħajja tiegħu, għandha tintwera twissija approprjata.

5.3. Mezz ta' l-indikazzjonijiet għandu jkollu numru biżżejjed ta' ċifri sabiex jiżgura illi l-kwantità li tkun għaddiet matul 8 000 siegħa bil-Q_{max} ma terġax lura għaċ-ċifri tal-valur tagħhom tal-bidu.

5.4. L-arloġġ tal-gass għandu jkun jista' jiġi stallat sabiex jaħdem f'kull pożizzjoni ddikjarata mill-fabbrikant fl-istruzzjonijiet tiegħu ta' l-istallazzjoni.

5.5. L-arloġġ tal-gass għandu jkollu element tat-testijiet, li għandu jgħin li jitwettqu t-testijiet fi żmien raġjonevoli.

5.6. L-arloġġ tal-gass għandu jirrispetta ż-ŻMP f'kull direzzjoni tal-mixi jew f'direzzjoni waħda biss immarkati biċ-ċar.

6. **L-Unitajiet**

Il-kwantita mkejla bl-arloġġ għandha tiġi murija f'metri kubi jew f'kilogrammi.

IT-TIENI PARTI - IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI - IL-MEZZI TAL-KONVERŻJONI TAL-VOLUM

Il-mezz tal-konverżjoni tal-volum jikkostitwixxi sub-tagħqida skond id-definizzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4.

Rigward mezz tal-konverżjoni tal-volum, għandhom japplikaw il-ħtiġiet essenzali għall-arloġġ tal-gass, jekk japplikaw. B'żieda ma' dan, għandhom japplikaw il-ħtiġiet li ġejjin:

▼B

7. **Il-kondizzjonijiet bażi għall-kwantitajiet maqluba**

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet bażi għall-kwantitajiet maqluba.

8. **IŻ-ŻMP**

— 0,5 % f'temperatura ta' l-ambjent ta' 20°Ċ ± 3°Ċ, umdità ta' l-ambjent ta' 60 % ± 15 %, valuri nominali tal-provvista ta' l-enerġija:

— 0,7 % għall-mezzi tal-konverżjoni tat-temperatura f'kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;

— 0,1 % għall-mezzi l-oħra tal-konverżjoni f'kondizzjonijiet irratati tal-ħidma.

Nota: Ma jitqiesx l-iżball ta' l-arloġġ tal-gass.

▼M3

It-tagħmir tal-konverżjoni tal-volumi ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġja sistematikament kwalunkwe parti.

▼B

9. **Kemm jixraq**

9.1. Mezz elettroniku tal-konverżjoni għandu jkun jista' jinduna meta jkun jaħdem 'il barra mill-firxa/iet tiegħu tal-ħidma ddikjarata/i mill-fabbrikant għall-parametri li huma rilevanti għall-eżattezza tal-kejl. F'dan il-każ, il-mezz tal-konverżjoni jrid jieqaf milli jintegra l-kwantità maqluba, u jista' jitotalizza b'mod separat il-kwantitàà maqluba għaż-żmien li jkun qiegħed aħdem 'il barra mill-firxa/iet tal-ħidma.

9.2. Mezz elettroniku tal-konverżjoni għandu jkun jista' juri l-informazzjoni rilevanti kollha għall-kejl mingħajr tagħmir addizzjonali.

IT-TIELET PARTI - IT-TIDĦIL FL-UŻU U L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

IT-TIDĦIL FL-UŻU

10. (a) Meta l-Istat Membru jimponi kejl rigward l-użu residenzali, għandu jippermetti li dan il-kejl jitwettaq permezz ta' kull arloġġ tal-Klassi 1 1,5, u permezz ta' l-arloġġi tal-Klassi 1,0 li jkollhom proprozjon ta' Q_{max}/Q_{min} egwali għal 150 jew ikbar.u

(b) Meta Stat Membru jimponi kejl rigward l-użu kummerċjali u/jew ta l-industriji ż-żgħar, għandu jippermetti li dan il-kejl jitwettaq b'kull arloġġ tal-Klassi 1,5.

(ċ) Rigward il-ħtiġiet skond il-paragrafi 1,2 u 1,3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-proprjetajiet jiġu stabbiliti mid-distributur jew mill-persuna nnominata legalment sabiex tistalla l-arloġġ, hekk li l-arloġġ ikun approprjat għall-kejl eżatt tal-konsum previst jew li jista' jiġi previst.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITA

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew H1.

▼B

ANNESS MI-003

L-ARLOĠĠI TA' L-ENERĠIJA ELETTRIKA ATTIVA

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għall-arloġġi ta' l-enerġija elettrika attiva maħsuba għall-użu fid-djar, kummerċjali jew fl-industriji ħfief.

Nota: L-arloġġi ta' l-enerġija elettrika jistgħu jintużaw f'għaqda mat-trasformaturi esterni ta' l-istrumenti, jiddependi mill-metodu tat-teknika applikat. Madankollu, dan l-Anness ikopri biss l-arloġġi ta' l-enerġija elettrika u mhux it-trasformaturi ta' l-istrumenti.

ID-DEFINIZZJONIJIET

Arloġġ attiv ta' l-enerġija elettrika huwa mezz li jkejjel l-enerġija elettrika attiva kkunsmata f'ċirkwit.

I = il-kurrent elettriku għaddej minn ġo l-arloġġ;

I_n = il-kurrent speċifikat tar-riferiment li għalih l-arloġġ imħaddem mit-trasformatur ikun ġie ddisinjat;

I_{st} = il-valur ta' l-*I* l-iktar baxx iddikjarat li fih l-arloġġ jirreġistra l-enerġija elettrika attiva fil-fattur ta' l-enerġija ta' l-unità (l-arloġġi poli-fażjiet b'tagħbija bbilanċjata);

I_{min} = il-valur ta' l-*I* li 'l fuq minnu l-iżball ikun qiegħed ġewwa l-iżbalji massimi permisibbli (iż-ŻMPijiet) (l-arloġġi poli-fażijiet b'tagħbija bbilanċjata)

I_{tr} = il valur ta' l-*I* li 'l fuq minnu l-iżball ikun qiegħed ġewwa l-iżgħar *ŻMP* li jikkorrispondi ma' l-indiċi tal-klassi ta' l-arloġġ;

I_{max} = il-valur massimu għall-*I* li għalih l-iżball ikun qiegħed ġewwa ż-ŻMP;

U = il-voltaġġ ta' l-elettriku fornit lill-arloġġ;

U_n = il-voltaġġ speċifikat tar-riferiment;

f = il-frekwenza tal-voltaġġ ta' l-elettriku fornit lill-arloġġ;

f_n = il-frekwnza speċifikata tar-riferiment;

P_F = fattur ta' l-enerġija = *co* φ il-*cosine* tad-differenza tal-fażi φ bejn il-*I* u l-*U*.

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

1. **Accuracy**

Il-preċiżjoniIl-fabbrikant għandu jispeċifika l-indiċi tal-klassi ta' l-arloġġ. L-indiċijiet tal-klassi huma ddefiniti bħala: Il-Klassi A, B u Ċ.

2. **Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;**

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma ta' l-arloġġ, b'mod partikolari:

Il-valuri tal-f_n, U_n, I_n, I_{st}, I_{min}, I_{tr} u I_{max} li japplikaw għall-arloġġ. Rigward il-valuri speċifikati tal-kurrent, l-arloġġ għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet mogħtija fit-Tabella 1;

▼B

Tabella 1

	Il-Klassi A	Il-Klassi B	Il-Klassi Ċ
Għall-arloġġi kkonnettjati direttament			
L-Ist	≤ 0,05 l-Itr	≤ 0,04 l-Itr	≤ 0,04 l-Itr
L-Imin	≤ 0,5 l-Itr	≤ 0,5 l-Itr	≤ 0,3 l-Itr
L-I_{max}	≥ 50 l-Itr	≥ 50 l-Itr	≥ 50 l-Itr
Għall-arloġġi mħaddma bit-trasformatur			
L-Ist	≤ 0,06 l-Itr	≤ 0,04 l-Itr	≤ 0,02 l-Itr
L-Imin	≤ 0,4 l-Itr	≤ 0,2 l-*Itr* (1)	≤ 0,2 l-Itr
'il-Ġewwa	= 20 l-Itr	= 20 l-Itr	= 20 l-Itr
L-I_{max}	≥ 1,2 'il Ġewwa,	≥ 1,2 'il Ġewwa,	≥ 1,2 'il Ġewwa,

(1) Għall-arloġġi elettro-mekkaniċi tal-Klassi B għandu japplika *Imin* = 0,4 - I_{tr}.

Il-firxiet tal-voltaġġ, il-frekwenza u l-fattur ta' l-enerġija li ġo fihom l-arloġġ għandu jissodisfa l-ħtiġiet taż-ŻMP huma speċifikati fit-Tabella 2. Dawn il-firxiet għandhom jagħrfu l-karatteristiċi tipiċi ta' l-elettriku fornit mis-sistemi pubbliċi tad-distribuzzjoni.

Il-firxiet tal-voltaġġ u tal-frekwenza għandhom ikunu mill-inqas:

0,9. U_n = = U = = 1,1. U_n

0,98. f_n = = f = = 1,02. f_n

il-firxa tal-fattur ta' l-enerġija mill-inqas *cosö* = 0,5 induttiva sa *cosö* = 0,8 kapaċitattiva.

3. **Iż-ŻMPijiet**

L-effetti tal-miżurandi varji u l-kwantitajiet ta' l-influwenza (a, b, ċ, …) jiġu vvalutati separatament, bil-miżurandi u l-kwantitajiet ta' l-influwenza l-oħra kollha jiġu miżmum kostanti fil-valuri tagħhom tar-riferiment. L-iżball tal-kejl, li ma għandux jaqbeż iż-ŻMP iddikjarat fit-Tabella 2, jiġi kkalkolat bħala:

$$L - iżballtal - kejl = \sqrt{a^2 + b^2 + c^2 ...}$$

Meta l-arloġġ ikun qiegħed jaħdem b'kurrent ta' tagħbija li tvarja, l-iżbalji perċentwali ma għandhomx jaqbżu l-limiti mogħtija fit-Tabella 2.

Tabella 2

Iż-ŻMPijiet fil-perċentwali fil-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma u l-livelli ddefiniti ta' kurrenti tat-tagħbija u t-temperatura tal-ħidma

	Il-Temperaturi tal-ħidma			Il-Temperaturi tal-ħidma			Il-Temperaturi tal-ħidma			Il-Temperaturi tal-ħidma		
Il-Klassi ta' l-Arloġġ	+ 5°Ċ … + 30°Ċ			- 10°Ċ … + 5°Ċ jew + 30°Ċ … + 40°Ċ			- 25°Ċ … - 10°Ċ jew + 40°Ċ … + 55°Ċ			- 40°Ċ … - 25°Ċ jew + 55°Ċ … + 70°Ċ		
	A	B	Ċ	A	B	Ċ	A	B	Ċ	A	B	C
L-arloġġ ta' fażi waħdiena; l-arloġġ tal-poli-fażijiet jekk ikun qiegħed jaħdem b'tagħbijiet ibbilanċjati												
I_{min} = I < I_{tr}	3,5	2	1	5	2,5	1,3	7	3,5	1,7	9	4	2
I_{tr} = I = I_{max}	3,5	2	0,7	4,5	2,5	1	7	3,5	1,3	9	4	1,5
L-arloġġ poli-fażi jekk ikun qiegħed jaħdem b'tagħbija tal-fażi waħdiena												
I_{tr} = I = I_{max} ara l-ċċezzjoni ta' hawn taħt	4	2,5	1	5	3	1,3	7	4	1,7	9	4,5	2

Għall-arloġġi elettro-mekkaniċi tal-poli-fażijiet, il-firxa tal-kurrent għat-tagħbija tal-fażi waħdiena hija llimitata għal $5I_{tr}$ = I = I_{max}

▼B

Għall-arloġġi elettro-mekkaniċi tal-poli-fażijiet, il-firxa tal-kurrent għat-tagħbija tal-fażi waħdiena hija llimitata għal $5I_{tr} = I = I_{max}$ Meta arloġġ jaħdem f'firxiet differenti tat-temperatura, għandhom japplikaw il-valuri rilevanti taż-ŻMP.

▼M3

Il-miter ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġja sistematikament kwalunkwe parti.

▼B

4. **L-effett pemissibbli tad-disturbanzi**

4.1. *Ġenerali*

Billi l-arloġġi ta' l-enerġija elettrika huma kkonnettjati direttament mal-provvista tal-fili ewliena, u bħala kurrent mill-fili huwa wkoll wieħed mill-miżurandi, jintuża ambjent elettro-manjetiku speċjali għall-arloġġi li jkejlu l-elettriku.

L-arloġġ għandu jikkonforma ma' l-ambjent *E2* elettro-manjetiku u l-ħtiġiet addizzjonali fil-4.2 u 4.3.

L-ambjent elettro-manjetiku u l-effetti permissibbli jirriflettu s-sitwazzjoni li jeżistu disturbanzi għat-tul taż-żmien li ma għandhomx jaffettwaw l-eżattezza iktar lil hemm mill-valuri kritiċi tal-bidla u d-disturbanzi transjenti, li jistgħu jikkawżaw degradazzjoni temporanja jew telf tal-funzjoni jew tat-twettiq tax-xogħol imma li minnhom l-arloġġ għandu jirkupra u ma għandux jaffettwa l-eżattezza lil hemm mill-valuri kritiċi tal-bidla.

Meta jkun hemm riskju għoli previst minħabba l-beraq jew meta n-*networks* tal-forniment fil-għoli jkunu predominanti, il-karatteristiċi metroloġiċi ta' l-istrument għandhom jiġu protetti.

4.2. *L-effett tad-disturbanzi għat-tul taż-żmien*

Tabella 3

Il-valuri kitiċi ta' bidla għat-tul taż-żmien

Id-Disturbanza	Il-Valuri kritiċi tal-bidla f'perċentwali għall-arloġġi tal-Klassi		
	A	B	Ċ
Is-Sekwenza tal-fażi maqluba	1,5	1,5	0,3
L-Iżbilanċ tal-voltaġġ (japplika biss għall-arloġi tal-poli-fażijiet)	4	2	1
Il-Kontenut armoniku fiċ-ċirkwiti tal-kurrent (1)	1	0,8	0,5
Id-*DC* u l-armonika fiċ-ċirkwiti tal-kurrent (1)	6	3	1,5
Faqgħat transjenti bil-ħeffa	6	4	2
Il-Kampjiet manjetiċi; il-kamp elettro-manjetiku *HF* (*RF* irradjat); id-disturbanzi kondotti mdaħħla bil-kampijiet tal-frekwenza tar-radjo; u l-immunità tal-Mewġ Oxxilatorju	3	2	1

(1) Fil-każ ta' l-arloġġi elettro-mekkaniċi ta' l-elettriku, ma huma ddefiniti l-ebda valuri kritiċi tal-bidla għall-kontenut armoniku fiċ-ċirkwiti tal-kurrent u għad-*DC* u l-armonika fiċ-ċikwit tal-kurrent.

4.3. *L-effett permissibbli tal-fenomena elettro-manjetika transjenti*

4.3.1. L-effett ta' disturbanza elettro-manjetika fuq arloġġ ta' l-enerġija elettrika għandu jkun hekk illi matul u imedjatament wara disturbanza

— kull ħruġ maħsub sabiex jittestja l-eżattezza ta' l-arloġġ ma jipproduċix tektik regolari jew sinjali li jikkorrispondu għal enerġija ta' iktar mill-valur kritiku tal-bidla

u fi żmien raġjonevoli wara d-disturbanza l-arloġġ għandu

— jirkupra sabiex jaħdem ġewwa l-limiti taż-ŻMP, u

▼B

— ikollu ssalvagwardati l-funzjonijiet kollha tal-kejl, u

— jippermetti l-irkupru ta' l-informazzjoni kollha preżenti qabel id-disturbanza, u

— ma jindikax bidla fl-enerġija rreġistrata ta' iktar mill-valur kritiku tal-bidla.

Il-valur kritiku tal-bidla f'*KWh* huwa *m*. U_n . I_{max} . 10-6

(fejn il-*m* huwa n-numru ta' l-elementi tal-kejl ta' l-arloġġ, l-*Un* f'Volt u l-I_{max} *f'Amperes*).

4.3.2. Għall-kurrent żejjed, il-valur kritiku tal-bidla huwa 1,5 %.

5. **Kemm jixraq**

5.1. Taħt il-votaġġ irratat tal-ħidma, l-iżball pożittiv ta' l-arloġġ ma għandux jaqbeż il-10 %.

5.2. Il-wiri ta' l-enerġija totali għandu jkollu numru biżżejjed ta' ċifri sabiex jiġi żgurat illi meta l-arloġġ jitħaddem għal 4 000 siegħa bit-tagħbija sħiħa (l-*I* = l-I_{max}, il-*U* = l-U_n u l-*PF* = 1) l-indikazzjoni ma terġax lura għall-valur inizjali tagħha u ma għandhiex tkun tista' tiġi rranġata matul l-użu.

5.3. Fl-eventwalità tat-telf ta' l-elettriku fiċ-ċirkwit, l-ammont ta' l-eneġija elettrika mkejla għandha tissokta tkun disponibbli għall-qari matul perjodu ta' mill-inqas 4 xhur.

5.4. *Il-ħidma mingħajr tagħbija*

Meta l-voltaġġ jiġi applikat mingħajr ma jgħaddi kurrent fiċ-ċirkwitu tal-kurrent (iċ-ċirkwitu għandu jkun ċirkwitu miftuħ), l-arloġġ ma għandu jirreġistra enerġija fl-ebda voltaġġ bejn iż-0,8 U_n u l-1,1 U_n.

5.5. *Il-bidu tat-tħaddim (l-istartjar)*

L-arloġġ għandu jibda u jissokta jirreġistra fi U_n, *PF* = 1 (arloġġ polifażijiet b'tgħbijiet ibbilanċjati) u kurrent li jkun egwali għall-I_{st}.

6. **L-Unitajiet**

L-enerġija elettrika mkejla għandha tiġi murija f'kilowatt-sigħat jew f'megawatt-sigħat.

7. **It-Tidħil fl-Użu**

(b) Meta Stat Membru jimponi kejl rigward l-użu residenzali, għandu jippermetti li dan il-kejl jitwettaq b'kull arloġġ tal-Klassi A. Għal għanijiet speċifiċi, l-Istat Membru huwa awtorizzat li jeħtieġ kull arloġġ tal-Klassi B.

(b) Meta Stat Membru jimponi kejl rigward l-użu kummerċjali u/jew ta l-industriji ħfief, għandu jippermetti li dan il-kejl jitwettaq b'kull arloġġ tal-Klassi B. Għal għanijiet speċifiċi, l-Istat Membru huwa awtorizzat li jeħtieġ kull arloġġ tal-Klassi Ċ.

(ċ) L-Istat Membru għandu jiżgura illi l-firxa tal-kurrent li trid tiġi stabbilita mid-distributur jew mill-persuna nnominata legalment sabiex tistalla l-arloġġ, hekk li l-arloġġ ikun approprjat għall-kejl eżatt tal-konsum previst jew li jista' jiġi previst.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew H1.

▼B

ANNESS MI-004

L-ARLOĠĠI TAS-SĦANA

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għall-arloġġi tas-sħana, maħsuba għall-użu fid-djar, kummerċjali jew fl-industriji ħfief.

ID-DEFINIZZJONIJIET

Arloġġ tas-sħana huwa strument iddisinjat għalbiex ikejjel is-sħana li, f'ċirkwit ta' l-iskambju tas-sħana, tingħata minn likwidu msejjaħ il-likwidu li jagħti s-sħana.

Arloġġ tas-sħana huwa jew strument komplet jew strument magħqud li jikkonsisti minn sub-tagħqidiet, sensur tal-mixi tal-kurrent, par sensuri tat-temperatura, u kalkolatur, kif iddefiniti fl-Artikolu 4Ib), jew għaqda tagħhom

θ = it-temperatura tal-likwidu li jagħti s-sħana;

θ_{in} = il-valur ta' l-θ fil-post tad-dħul taċ-ċirkwit ta' l-iskambju tas-sħana;

θ_{out} = l-valur ta' l-θ fil-post tal-ħruġ taċ-ċirkwit ta' l-iskambju tas-sħana;

θ = id-differenza fit-temperatura $\theta_{in} - \theta_{out}$ bi $\Delta_\theta \geq = 0$;

θ_{max} = il-limitu ta' fuq ta' l- θgħall-arloġġ tas-sħana sabiex jiffunzjona b'mod korrett ġewwa ż-ŻMPijiet;

θ_{min} = il-limitu ta' isfel ta' l-θ għall-arloġġ tas-sħana sabiex jiffunzjona b'mod korrett ġewwa ż-ŻMPijiet;

θ_{max} = il-limitu ta' fuq ta' l-θ għall-arloġġ tas-sħana sabiex jiffunzjona b'mod korrett ġewwa ż-ŻMPijiet;

θ_{min} = il-limitu ta' isfel ta' l-θ għall-arloġġ tas-sħana sabiex jiffunzjona b'mod korrett ġewwa ż-ŻMPijiet;

q = ir-rata tal-mixi tal-likwidu li jagħti s-sħana;

q_s = l-ogħla valur tal-*q* li hu permess għal perjodi qosra taż-żmien sabiex l-arloġġ tas-sħana jiffunzjona b'mod korrett;

q_p = l-ogħla valur tal-*q* li hu permess b'mod permanenti sabiex l-arloġġ tas-sħana jiffunzjona b'mod korrett;

q_i = l-iktar valur baxx tal-*q* li hu permess sabiex l-arloġġ tas-sħana jiffunzjona b'mod korrett;

P = il-qawwa termali ta' l-iskambju tas-sħana;

P_s = il-limitu ta' fuq tal-*P* li hu permess sabiex l-arloġġ tas-sħana jiffunzjona b'mod korrett.

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

1. **Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;**

Il-valuri tal-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma għandhom jiġu speċifikati mill-fabbrikant kif ġej:

1.1. Għat-temperatura tal-likwidu: θ_{max}, θ_{min},

— għad-differenzi fit-temperatura: θ_{max}, θ_{min},

bla ħsara għar-restrizzjonijiet li ġejjin: $\theta_{max}/\theta_{min} = 10$; $\theta_{min} = 3$ K jew 5 K jew 10 K.

1.2. Għall-pressa tal-likwidu: Il-pressa interna pożittiva massima li jista' jiflaħ l-arloġġ tas-sħana b'mod permenenti fil-limitu ta' fuq tat-temperatura,

▼B

1.3. Għar-rati tal-mixi tal-likwidu: q_s, q_p, q_i, meta l-valuri tal-q_p u l-q_i ikunu bla ħsara għar-restrizzjoni li ġejja: $q_p/q_i > = 10$.

1.4. Għall-qawwa termali: P_s.

2. **Il-klassijiet ta' l-eżattezza**

Huma ddefiniti l-klassijiet ta' l-eżattezza li ġejjin għall-arloġġi tas-sħana: 1, 2, 3.

3. **Iż-ŻMPijiet applikabbli għall-arloġġi kkompletati tas-sħana**

L-iżbalji massimi permissibbli relattivi li japplikaw għal arloġġ tas-sħana kkompletat, espressi fil-perċentwal tal-valur veru għal kull klassi ta' eżattezza, huma:

— Għall-Klassi 1: $E = E_f + E^t + E_c$, bil-E_f, il-E_t, il-E_c skond il-paragrafi minn 7.1 a 7.3.

— Għall-Klassi 2: $E = E_f + E^t + E_c$, bil-E_f, il- E_t, il-E_c skond il-paragrafi minn 7.1 a 7.3.

— Għall-Klassi 3: $E = E_f + E^t + E_c$, bil-E_f, il- E_t, il-E_c skond il-paragrafi minn 7.1 a 7.3.

▼M3

Il-miter sħiħ tas-sħana ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġja sistematikament kwalunkwe parti.

▼B

4. **L-influwenzi permissibbli għad-disturbanzi elettro-manjetiċi**

4.1. L-istrument ma għandux jiġi influwenzat bil-kampjiet manjetiċi statiċi u bil-kampijiet elettro-mnjetiċi fil-frekwenza tal-fili ewliena.

4.2. L-influwenza ta' disturbanza elettro-manjetika għandha tkun hekk illi l-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla kif stabbilit fil-ħtieġa 4.3 jew l-indikazzjoni tar-riżultat tal-kejl tkun hekk illi ma tistax tiġi interpretata bħala riżultat validu.

4.3. Il-valur kritiku tal-bidla għal arloġġ tas-sħana kkompletat huwa egwali għall-valur assolut taż-ŻMP li japplika għal dan l-arloġġ tas-sħana (ara l-paragrafu 3).

5. **It-tul taż-żmien li jibqa' tajjeb għax-xogħol**

Wara li jkun ġie mwettaq test approprjat, filwaqt li jitqies il-perjodu taż-żmien stmat mill-fabbrikant, għandhom jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin:

5.1. Is-sensuri tal-mixi tal-kurrent Il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż il-valur kritiku tal-bidla.

5.2. Is-sensuri tat-temperatura: Il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż iż-0,1°Ċ.

6. **L-iskrizzonijiet fuq arloġġ tas-sħana**

— Il-klassi ta' l-eżattezza

— Il-limiti tar-rta tal-mixi

— Il-limiti tat-temperatura

— Il-limiti tad-differenza fit-temperatura

— Il-post ta' l-istallazzjoni tas-sensur tal-mixi: il-mixi jew it-treġġigħ lura

— L-indikazzjoni tad-direzzjoni tal-mixi

▼B

7. **Is-Sub-tagħqidiet**

Id-disposizzjonijiet tas-sub-tagħqidiet jistgħu japplikaw għas-sub-tagħqidiet iffabbrikati mill-istess fabbrikanti jew fabbrikanti differenti. Meta arloġġ tas-sħana jikkonsisti minn sub-agħqidiet, il-ħtiġiet essenzali għall-arloġġ tas-sħana japplikaw għas-sub-tagħqidiet bħala rilevanti. B'żieda ma' dan, japplikaw dawn li ġejjin:

7.1. Iż-ŻMP relattiv tas-sensur tal-mixi, espress f'%, għall-klassijiet ta' l-eżattezza:

— Il-Klassi 1: $E_f = (1 + 0{,}01\ q_p/q)$, imma mhux iktar minn 5 %,

— Il-Klassi 2: $E_f = (2 + 0{,}02\ q_p/q)$, imma mhux iktar minn 5 %,

— Il-Klassi 3: $E_f = (3 + 0{,}05\ q_p/q)$, imma mhux iktar minn 5 %,

fejn l-iżball E_f jirrelata l-valur indikat mal-valur vrru tar-relazzjoni bejn is-sinjal tal-ħruġ tas-sensur tal-mixi u l-massa jew il-volum.

7.2. Iż-ŻMP relattiv tal-par sensuri tat-temperatura, espress f'"%:

— $E_t = (0{,}5 + 3 \cdot \Delta\theta_{min}/\Delta\theta)$,

fejn l-iżball *Et* jirrelata l-valur indikat mal-valur veru tar-relazzjoni bejn il-ħruġ tal-par sensur tat-temperatura u d-differenza fit-temperatura.

7.3. Iż-ŻMP relattiv tal-kalkolatur, espress f'%:

— $E_c = (0{,}5 + \theta_{min}/\theta)$,

fejn l-iżball E_c jirrelata l-valur tas-sħana indikata

7.4. Il-valur kritiku tal-bidla għas-sub tagħqid ta' arloġġ tas-sħana huwa egwali għall-valur assolut rispettiv taż-ŻMP li japplika għal dan is-sub-tagħqid (ara l-paragrafi 7.1, 7.2 jew 7.3).

7.5. *L-iskrizzjonijiet fuq is-sub-tagħqidiet*

Snímač průtoku:	Třída přesnosti
Is-sensur tal-mixi tal-kurrent	Il-klassi ta' l-eżattezza
	Il-limiti tar-rata tal-mixi
	Il-limiti tat-temperatura
	Il-fattur nominali ta' l-arloġġ (p.e. litri/tektika regolari) jew is-sinjal korrispondenti tal-ħruġ
	L-indikazzjoni tad-direzzjoni tal-mixi (tal-kurrent)
Il-par sensuri tat-temperatura:	L-identifikazzjoni tat-tip (p.e. *Pt* 100)
	Il-limiti tat-temperatura
	Il-limiti tad-differenza fit-temperatura
Il-Kalkolatur:	It-tip tas-sensuri tat-temperatura — Il-limiti tat-temperatura — Il-limiti tad-differenza fit-temperatura — Il-fattur nominali ta' l-arloġġ (p.e. litri/tektika regolari) jew is-sinjal korrispondenti tad-dħul li jkun ġej mis-sensur tal-mixi — Il-post ta' l-istallazzjoni tas-sensur tal-mixi: il-mixi jew it-treġġigħ lura

▼B

IT-TIDĦIL FL-UŻU

8. (a) Meta Stat Membru jimponi kejl rigward l-użu residenzali, għandu jippermetti li dan il-kejl jitwettaq b'kull arloġġ tal-Klassi 3.

(b) Meta Stat Membru jimponi kejl rigward l-użu kummerċjali u/jew ta l-industriji l-ħfief, huwa awtorizzati li jeħtieġ kull arloġġ tal-Klassi 2.

(ċ) Rigward il-ħtiġiet skond il-paragrafi minn 1.1 sa 1.4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-proprjetajiet jiġu stabbiliti mid-distributur jew mill-persuna nnominata legalment sabiex tistalla l-arloġġ, hekk li l-arloġġ ikun approprjat għall-kejl eżatt tal-konsum previst jew li jista' jiġi previst.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew H1.

▼B

ANNESS MI-005

IS-SISTEMI TAL-KEJL GĦALL-KEJL KONTINWU U DINAMIKU TA' KWANTITAJIET TA' LIKWIDI GĦAJR L-ILMA

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għas-sistemi tal-kejl maħsuba għall-kejl kontinwu u dinamiku ta' kwantitajiet oħra (volumi jew mases) ta' likwidi għajr l-ilma. Jekk appoprjat, it-termini "volum u *L*" f'dan l-Anness jistgħu jinqraw: "massa kg".

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Arloġġ"

Strument iddisinjat sabiex ikejjel kontinwament, jimmemorizza u juri l-kwantità tal-kondizzjonijiet tal-metraġġ ta' likwidu li jgħaddi minn apparat tal-kejl li jibdel sinjal mhux ta' l-elettriku f'sinjal elettriku f'kondwit magħluq, iċċarġjat għal kollox.

"Kalkolatur"

Parti minn arloġġ li jirċievi sinjali tal-ħruġ mit-trasduċent/i tal-kejl u possibbilment, minn strumenti assoċjati tal-kejl u juri r-riżultati tal-kejl.

"Strument assoċjat tal-kejl"

Strument ikkonnettjat mal-kalkolatur għalbiex ikejjel ċerti kwantitajiet li huma karatteristiċi għal-likwidu bil-ħsieb li jagħmel korrezzjoni jew konverżjoni.

"Mezz tal-Konverżjoni/Qlib"

Parti minn kalkolatur li billi jqis il-karatterisiċi tal-likwidu (it-temperatura, id-densità, eċċ.) mkejjel bl-użu ta' strumenti assoċjati tal-kejl, jew maħżuna f'memorja, jaqleb awtomatikament:

— il-volum tal-likwidu mkejjel f'kondizzjonijiet tal-metraġġ f'volum f'kondizzjonijiet u/jew f'massa bażi, jew

— il-massa tal-likwidu mkejla f'kondizzjonijiet tal-metraġġ f'volum f'kondizzjonijiet bażi/jew f'volum f'kondizzjonijiet bażi

Nota: Mezz tal-konverżjoni jinkludi l-istrumenti rilevanti assoċjati tal-kejl.

"Kondizzjonijiet bażi"

Il-kondizzjonjoniet speċifikati li għalihom tiġi maqluba l-kwantità mkejla tal-likwidu f'kondizzjonijiet tal-metraġġ.

"Sistema tal-Kejl"

Sistema li jkun fiha l-istrument innifsu u l-mezzi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kejl korrett jew maħsuba sabiex tiffaċilita l-ħidmiet tal-kejl.

"Distributrur awtomatiku tal-karburanti"

Sistema tal-kejl maħsuba sabiex tagħti l-karburant mill-ġdid lill-vetturi bil-magna, dgħajjes żgħar u vetturi żgħar ta' l-ajru.

"Arranġament bil-għemil tsl-perduna nfisha li tużah"

rranġament li jippermetti lill-utent li juża sistema tal-kejl bil-għan li jiksrb likwidu għall-użu tiegħu nnifsu.

"Mezz bil-għemil tal-persuna nfisha li tużah"

Mezz speċifiku li huwa parti minn arranġament tal-għemil tal-persuna nfisha li tużah u li jippermetti sistema jew iktar tal-kejl li jwettqu xogħol f'dan l-arranġament tal-għemil tal-persuna li tużah.

▼B

“Kwantità minima mkejla” (*MMQ*)

L-iżgħar kwantità ta' likwidu li għaliha l-kejl huwa aċċettabbli metroloġikament għas-sistema tal-kejl.

“Indikazzjoni diretta”

L-indikazzjoni, jew skond il-volum jew skond il-massa, li tikkorrispondi mal-kejl u li l-arloġġ ikun kapaċi jkejjel fiżikament.

Nota: L-indikazzjoni diretta tista tiġi maqluba fi kwantità speċifika oħra bl-użu ta' mezz tal-konverżjoni.

“Li jista'/ma jistax jiġi interrott”

Sistema tal-kejl hija kkunsidrata li tista'/ma tistax tiġi interrotta meta l-mixi tal-likwidu ikun jista'/ma jistax jiġi mwaqqaf bla xkiel u nil-ħeffa.

“Firxa tar-rata tal-mixi”

Il-firxa bejn ir-rata minima tal-mixi (Q_{min}) u r-rata massima tal-mixi (Q_{max}).

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

1. **Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;**

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma għall-istrument, b'mod partikolari;

1.1. Il-firxa tar-rata tal-mixi

Il-firxa tar-rata tal-mixi hija bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-firxa tar-rata tal-mixi ta' sistema tal-kejl għandha tkun ġewwa l-firxa tar-rata tal-mixi ta' kull wieħed mill-elementi tagħha, b'mod patikolai l-arloġġ.

(ii) is-sistma ta' l-arloġġ u tal-kejl:

Tabella 1

Is-Sistema speċifika tal-kejl	Il-Karatteristika tal-likwidu	Il-proporzjon minimu tal-Q_{max}: Q_{min}
Id-Distribuuri awtomatiċi tal-karburanti	Mhux Gassijiet illikwifati	10: 1
	Il-Gassijiet illikwifati	5: 1
Is-Sistema tal-kejl	Il-Likwidi Krijoġeniċi	5: 1
Is-Sistemi tal-kejl fuq il-linja tal-pajpijiet u s-sistemi għat-tagħbija tal-bastimenti	Il-Likwidi kollha	Xierqa għall-użu
Is-Sistemi l-oħra kollha tal-kejl	Il-Likwidi kollha	4: 1

1.2. Il-proprjetajiet tal-likwidu li jrid jiġi mkejjel mill-istrumenti billi jiġi speċifikat l-isem jew it-tip tal-likwidu jew il-karatteristiċi rilevanti tiegħu, per eżempju:

— Il-firxa tat-temperatura;

— Il-firxa tal-pressa;

— Il-firxa tad-densità;

— Il-firxa tal-viskożitàa.

1.3. Il-valur nominali tal-provvista tal-voltaġġ *AC* u/jew il-limiti tal-provvista *DC*.

▼B

1.4. Il-kondizzjonijiet bażi għall-kwantitajiet maqluba.

Nota: Il-paragrafu 1.4 huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jeħtieġu l-użu ta' temperatura jew ta' 15°Ċ skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottibru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tad-dazji tassisa fuq iż-żjut minerali [1] jew, rigward iż-żjut it-tqal tal-karburanti, il-*LPG* u l-metan, temperatura oħra skond l-Artikolu 3(2) ta' din id-Direttiva.

2. **Il-klassifika ta' l-eżattezza u l-iżbalji massimi permissibbli (*ŻMPijiet*)**

2.1. Għal kwantitajiet daqs jew iktar minn 2 litri, iż-ŻMP fuq l-indikazzjonijiet huwa:

Tabella 2

	Il-Klassi ta' l-Eżattezza				
	0,3	0,5	1,0	1,5	2,5
Is-Sistemi tal-Kejl (A)	0,3%	0,5%	1,0%	1,5%	2,5%
L-Arloġġi (B)	0,2%	0,3%	0,6%	1,0%	1,5%

2.2. Għal kwantitajiet inqas minn 2 litri, iż-ŻMP fuq l-indikazzjonijiet huwa:

Tabella 3

il-Volum Imkejjel *V*	Iż-ŻMP
$V < 0{,}1\ L$	4 × il-valur fit-Tabella 2, applikat għal 0.1 *L*
$0{,}1\ L = V < 0{,}2\ L$	4 × il-valur fit-Tabella 2
$0{,}2\ L = V < 0{,}4\ L$	2 × il-valur fit-Tabella 2, applikat għal 0,4 *L*
$0{,}4\ L = V < 1\ L$	2 × il-valur fit-Tabella 2
$1\ L = V < 2\ L$	Il-valur fit-Tabella 2, applikat għal 2 *L*

2.3. Madankollu, tkun xi tkun il-kwantità mkejla, il-kobor taż-ŻMP huwa mogħti mill-ikbar miż-żewġ valuri li ġejjin:

— il-valur assolut taż-ŻMP mogħti fit-Tabella 2 jew it-Tabella 3,

— il-valur assolut taż-ŻMP għall-kwantità minima mkejla (E_{min}).

2.4.1. Għal kwantitajiet minimi mkejla ikbar minn jew egwali għal 2 litri, japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

Il-Kondizzjoni 1

L-E_{min} għandu jwettaq il-kondizzoni: $E_{min} >= 2\ R$, fejn il-*R* hija l-iżgħar intervall fl-iskala tal-mezz ta' l-indikazzjoni.

Il-Kondizzjoni 2

L-E_{min} jingħata bil-formola: $E_{min} = (2MMQ) \times (A/100)$, fejn:

— il-*MMQ* huwa l-kwantità minima mkejla,

— il-*A* hija l-valur numeriku speċifikat fil-linja A tat-Tabella 2.

2.4.2. Għal kwantitajiet minimi mkejla ta' inqas minn żewġ litri, tapplika l-kondizzjoni 1 imsemmija hawn fuq u l-E_{min} ikun darbtejn il-valur speċifikat fit-Tabella 3, u rrelatat mal-linja A tat-Tabella 2.

[1] ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 1. Direttiva abolita bid-Direttiva 2003/96/KE (ĠU L 283, tal-31.10.2003, p. 51).

▼B

2.5. *L-indikazzjoni kkonvertita*

Fil-każ ta' indikazzjoni kkonvertita, iż-ŻMPijiet huma bħal fil-linja A tat-Tabella 2.

2.6. *Il-mezzi tal-konverżjoni*

Iż-ŻMPijiet fuq l-indikazzjonijiet ikkonvertiti minħabba mezz tal-konverżjoni huma egwali għal ± (*A* - *B*), fejn il-*A* u l-*B* huma l-valuri speċifikati fit-Tabella 2.

Il-patijiet tal-mezzi tal-konverżjoni jistgħu jiġu ttestjati separatament

(a) I l - K a l k o l a t u r

Iż-ŻMPijiet fuq il-kwantitajiet ta' l-indikazzjonijiet likwidi li japplikaw għall-kalkolu, pożittiv jew negattiv, huma egwali għal wieħed minn għaxra taż-ŻMP*ijiet* kif iddefiniti fil-linja A tat-Tabella 2.

(b) L - i s t r u m e n t i a s s o ċ j a t i t a l - k e j l

L-istrumenti assoċjati tal-kejl għandu jkollhom eżattezza mill-inqas tajba daqs il-valuri fil-Tabella 4:

Tabella 4

Iż-ŻMP fuq il-Kejlijiet	Il-Klassijiet ta' l-eżattezza fuq is-sistema tal-kejl				
	0,3	0,5	1,0	1,5	2,5
It-Temperatura	± 0,3 °C	± 0,5 °C			± 1,0 °C
Il-Pressa	Inqas minn 1 *MPa*: ± 50 *kPa* minn 1 sa 4 *MPa*: ± 5 % fuq 4 *MPa*: ± 200 *kPa*				
Id-Densità	± 1 kg/m^3		± 2 kg/m^3		± 5 kg/m^3

Dawn il-valuri japplikaw għall-indikazzjoni tal-kwantitajiet karatteristiċi tal-likwidu muri bil-mezz tal-konverżjoni.

(ċ) L - e ż a t t e z z a s a b i e x t i ġ i k k a l k o l a t a l - f u n z j o n i

Iż-ŻMP għall-kalkolu ta' kull waħda mill-kwanitajiet karatteristiċi tal-likwidu, pożittivi jew negattivi, huwa egwali għal tnejn minn ħamsa tal-valur iffissat fil-(b).

2.7. Il-ħtieġa (a) fil-paragrafu 2.6 tapplika għal kull kalkolu u mhux għall-konverżjoni biss.

▼M3

2.8. Is-sistema tal-kejl ma għandhiex tisfrutta ż-ŻMP jew tivvantaġġja sistematikament kwalunkwe parti.

▼B

3. **L-effett massimu pemissibbli tad-disturbanzi**

3.1. L-effett ta' disturbanza elettro-manjetika fuq sistema tal-kejl għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

— il-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla kif iddefinit fit-3.2, jew

— l-indikazzjoni tae-riżultat tal-kejl turi varjazzjoni momentarja li ma tistx tiġi interpretata, immemorizzata jew tramessa bħala riżultat tal-kejl. Barra minn hekk, fil-każ ta' sistema li ma tiġix interrotta, dan jista' jfisser ukoll l-impossibbiltà li jitwettaq kull kejl, jew

— il-bidla fir-riżultat tal-kejl tkun ikbar mill-valur kritiku tal-bidla, u f'dan il-każ is-sistema tal-kejl għandha tippermetti l-irkupru tar-riżultat tal-kejl eżatt qabel ma jiġri l-valur kritiku tal-kejl u jkun qata' l-mixi.

▼B

3.2. Il-valur kritiku tal-bidla huwa ikbar minn *ŻMP*/5 għal kwantità partikolari mkejla jew E_{min}.

4. **It-tul taż-żmien li jibqa' tajjeb għax-xogħol**

Wara test approprjat, filwaqt li jitqies il-perjodu taż-żmien stmat mill-fabbrikant, għandu jiġu sodisfatt il-kriterju li ġej:

Il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test ta' kemm idum tajjeb għax-xogħol, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż il-valur għall-arloġġi speċifikti fil-linja B tat-Tabella 2.

5. **Kemm jixraq**

5.1. Għal kull kwantità mkejla li jkollha x'taqsam ma' l-istess kejl, l-indikazzjoni ppovvduta b'mezzi varji ma għandhiex tiddevja waħda minn oħra b'iktar minn intervall wieħed fl-iskala meta l-mezzi jkollhom l-istess intervall. Fil-każ meta l-mezzi jkollhom intervalli differenti fl-iskala, id-devjazzjoni ma għandhiex tkun iktar minn dik ta' l-ikbar intervall fl-iskala.

Madankollu, fil-każ ta' arranġament li tal-għemil mill-persuna nfisha l-intervalli fl-iskala tal-mezz prinċipali ta' l-indikazzjoni fuq is-sistema tal-kejl u l-intervalli fl-iskala tal-mezz tal-għemil mill-persuna nfisha għandu jkun l-istess u r-riżultati tal-kejl ma għandhomx jiddevjaw wieħed mill-ieħor.

5.2. Ma għandux ikun possibbli li tiġi ddevjata l-kwantità mkejla fil-kondizzjoni normali ta' l-użu għajr jekk tkun apparenti fil-pront.

5.3. Kull perċentwal ta' arja jew gass li ma jistax kiġi miksuf bla xkiel fil-likwidu ma għandux iwassal għal varjazzjoni ta' l-iżball ikbar minn:

— 0,5 % għal likwidi oħra għajr il-likwidi li jistgħu jinxtorbu u għal-likwidi ta' viskożità li ma taqbiżx il-1 *mPa.s*, jew

— 1 % għal-likwidi li jistgħu jinxtorbu u għal-likwidi ta' viskożità li taqeż il-1 *mPa.s*.

Madankollu, il-varjazzjoni permessa qatt ma għandha tkun iżgħar minn 1 % tal-*MMQ*. Dan il-valur japplika fil-każ ta' vojt fl-arja jew fil-gass.

5.4. *L-istrumenti għall-bejgħ dirett*

5.4.1. Sistema tal-kejl għall-bejgħ dirett għandha tiġi pprovvduta bil-mezzi għal-biex jiġi rranġat mill-ġdid il-wiri għaż-żero.

Ma għandux ikun possibbli li tiġi ddevjata l-kwantità mkejla.

5.4.2. Il-wiri tal-kwantità li fuqha tkun imsejsa t-transazzjonit għandu jkun permanenti sakemm il-partijiet kollha fit-transazzjoni jkunu aċċettaw ir-riżultat tal-kejl.

5.4.3. Is-sistemi tal-kejl għall-bejgħ dirett għandhom ikunu li ma jistgħux jiġu interrotti.

5.4.4. Kull perċentwal ta' arja jew gass fil-likwidu ma għandux iwassal għal varjazzjoni ta' l-iżball ikbar mill-valuri speċifikati fil-paragrafu 5.3.

5.5. *Id-Distribuuri awtomatiċi tal-karburanti*

5.5.1. Il-wiri fuq id-distributuri awtomatiċi tal-karburanti ma għandux ikun jista' jiġi rranġat mill-ġdid għaż-żero matul il-kejl.

5.5.2. Il-bidu ta' kull kejl ġdid għandu jiġi inibit sakemm il-wiri jkun ġie rranġat mill-ġdid għaż-żero.

5.5.3. Meta sistema tal-kejl tiġi mgħammra bil-wiri tal-prezz, id-differenza bejn il-prezz indikat u l-prezz ikkalkolat mill-prezz ta' l-unità u l-kwantità indikata ma għandhomx jaqbżu l-prezz li jikkorrispondi għall-E_{min}. Madankollu din id-differenza ma għandiex tkun inqas mill-iżgħar valur monetarju.

▼B

6. **In-nuqqas tal-provvediment fil-provvista ta' l-enerġija**

Sistema tal-kejl għandha tiġi pprovvduta jew b'mezz ta' emerġenza għall-provvista ta' l-enerpija li tissalvagwarda l-funzjonijiet kollha tal-kejl matul in-nuqqas tal-povvediment tal-provvista prinċipali ta' l-enerġija jew tkun imgħmmra b'mezzi għalbiex isalvaw u juru l-informazzjoni preżenti sabiex tippermetti l-konklużjoni tat-transazzjoni fil-progress u b'mezzi għalbiex iwaqqfu l-mixi fil-mument tan-nuqqas tal-falliment tal-mezz tal-provvista prinċipali ta' l-enerġija.

7. **It-Tidħil fl-Użu**

Tabella 5

Il-Klassi ta' l-Eżattezza	Il-Tipi tas-Sistemi tal-Kejl
0,3	Is-Sistemi tal-kejl fuq linja ta' pajpijiet
0,5	Is-Sistemi kollha tal-kejl jekk ma jkunu iddikjarati mkien ieħor b'mod differenti f'din it-Tabella, b'mod partikolari: — id-distributuri awtomatiċi tal-karburanti (mhux tal-gassijiet illikwefati) — is-sistemi tal-kejl fuq il-vetturi tankijiet għal-likwidi ta' viskożità baxxa (< 20 *mPa.s*) — is-sistemi tal-kejl għat-tagħbija (il-ħatt) tal-bastimenti u l-ferroviji u l-vetturi tat-triq tankijiet ([1]) — is-sistemi tal-kejl tal-ħalib — is-sistemi tal-kejl għall-għoti mill-ġdid tal-karburant lill-vetturi ta' l-ajru
1,0	Sistemi tal-kejl għall-gassijiet illikwfati taħt il-pressa mkejla f'temperaturi egwali għal jew ogħla minn – 10°Ċ
	Sistemi tal-kejl normalment fil-klassi 0,3 jew 0,5 9 imma wżati għal-likwidi — li t-tempertura tagħhom hija inqas minn – 10°Ċ jew ogħla minn 50°Ċ — li l-viskożità dinamika tagħhom hija ogħla minn 1 000*mPa.s* — li r-rata massima tal-mixi tagħhom mhix ogħla minn 20 *L/h*
1,5	Is-sistemi tal-kejl għad-dijossidu tal-karbonju
	llikwefat, Sistemi tal-kejl għall-gassijiet illikwefati taħt il-pressa f'temperaura taħt -10°Ċ (għajr għal-likwidi krijoġeniċi)
2,5	sistemi tal-kejl għal-likwidi krijoġeniċi (b'temperaturi taħt il-–153°Ċ

([1]) Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sistemi tal-kejl ta' l-eżattezza tal-klassi 0,3 jew 0,5 użati biex jiġbru t-taxxi tad-dazji fuq iż-żjut minerali meta jgħabbu/jħottu l-bastimenti u l-vetturi tankijiet fuq il-ferroviji jew tat-triq.

Nota: Madankollu, il-fabbrikanet jista' jispeċifika eżattezza aħjar għal ċerti tipi ta' sistema tal-kejl.

8. **L-unitajiet tal-kejl**

Il-kwantità mkejla bl-arloġġ għandha tiġi murija f'millilitri, ċentimetri kubi, litri, metri kubi, grammi, kilogrammi jew tunnellati metriċi.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + *F* jew *B* + *D* jew *H1* jew *G*.

▼B

ANNESS MI-006

L-ISTRUMENTI AWTOMATIĊI TAL-KEJL

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għas-sistemi awtomatiċi tal-kejl, iddefiniti hawn taħt, maħsuba għalbiex jistabbilixxu l-massa ta' korp bl-użu ta' l-azzjoni tal-gravità ta' dan il-korp.

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Strument awtomatiku tal-kejl"

Strument li jistabbilixxi l-massa ta' prodott mingħajr l-intervent ta' operatur u jsegwi programm stabbilit minn qabel tal-proċess awtomatiku karatteristiku għall-istrument.

"Miżien tal-qabda awtomatiku"

Strument awtomatiku tal-kejl li jistabbilixxi l-massa ta' tagħbijiet diskreti magħquda flimkien minn qabel (per eżempju pre-pakkeġġi) jew it-tagħbijiet waħdiena ta' materjal mhux marbut.

"Miżien li jiċċekkja l-qabda awtomatikament"

Miżien li jiżen awtomatikament li jissuddividi l-oġġetti ta' massa differenti f'żewġ sub-gruppi jew iktar skond il-valur tad-differenza tal-massa tagħhom u punt iffissat nominali.

"Tikkettjatur tal-piż"

Miżien tal-qabda awtomatiku li jagħti t-tikketti lil oġġetti individwali bil-valur tal-piż.

"Tikkettjatur tal-piż/prezz"

Miżien tal-qabda awtomatiku li jagħti t-tikketti lil oġġetti individwali bil-valur tal-piż u tagħrif dwar il-prezz.

"Strument tal-mili awtomatiku gravimetriku"

Strument awtomatiku tal-kejl li jimla l-kontenituri b'massa stabbilita minn qabel u virtwalment kostanti tal-prodott minn massa.

"Totalizzatur diskontinwu" (miżien li jittotalizza bil-qabża)

Strument awtomatiku tal-kejl li jistabbilixxi l-massa ta' prodott bil-massa billi jaqsamha f'tagħbijiet diskreti. Il-massa ta' kull tagħbija diskreta tiġi stabbilita f'sekwenza u ttotalizzata. Kull tagħbija diskreta tiġi mbagħad ikkunsinnata lill-massa.

"Totalizzatur kontinwu"

Strument awtomatiku tal-kejl li jistabbilixxi b'mod kontinwu l-massa ta' prodott bil-massa fuq ċinga trasportatur, mingħajr is-suddiviżjoni sistematika tal-prodott u mingħajr ma jinterrompi l-moviment taċ-ċinga trasportatur.

"Miżien pont tal-ferroviji"

Strument awtomatiku tal-kejl li jkollu riċevitur tat-tagħbija inklussivi l-binarji tal-ferrovija sabiex iġorr il-vetturi tal-ferroviji.

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

Il-KAPITOLU I - Il-ħtiġiet komuni għat-tipi kollha ta' l-istrumenti awtomatiċi tal-kejl

1. *Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;*

   Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma għall-istrumnent kif ġej;

1.1. Għall-miżurand:

   Il-firxa tal-kejl fil-kapaċità massima u minima tiegħu.

▼B

1.2. Għall-kwantitajiet ta' influwenza tal-provvista ta' l-elettriku

Fil-każ tal-provvista tal-voltaġġ AC: il-provvista nominali tal-voltaġġ *AC*, jew il-limiti tal-voltaġġ *AC*.

Fil-każ tal-provvista tal-voltaġġ DC: il-provvista nominali u minima tal-voltaġġ *DC*, jew il-limiti tal-voltaġġ *DC*.

1.3. Għall-kwntitajiet ta' influwenza mekkanika jew klimatika

Il-firxa minima tat-temperatura hija ta' 30ºĊ għajr jekk speċifikat xorta oħra fil-kapitoli li ġejjin ta' dan l-Anness.

Il-klassijiet mekkaniċi ambjentali skond il-paragrafu 1.3.2 ta' l-Anness I ma japplikawx. Għall-istrumenti li jintużaw taħt tensjoni speċjali mekkanika, p..e. l-istrumenti inkorporati fil-vetturi, il-fabbrikant għandu jiddefinixxi l-kondizzjonijiet mekkaniċi ta' l-użu.

1.4. Għal kwantitajiet oħra ta' influwenza (jekk japplikaw)

Ir-rata/i tal-ħidma.

Il-karatteristiċi tal-prodott/i li jrid/u jiġi miżun/a,

2. *L-effett permissibbli tad-disturbanzi - L-ambjent elettro-manjetiku*

Il-ħtiġet tat-twettiq tax-xogħol u l-valur kritiku tal-bidla huma mogħtija fil-Kapitolu rilevanti f'dan l-Anness għal kull tip ta' strument.

3. *Kemm jixraq*

3.1. Għandhom jiġu pprovvduti mezzi sabiex jillimitaw il-mejl, it-tagħbija u r-rata tal-ħidma ħekk illi l-iżbalji massimi permissibbli (ż-ŻMPijiet) ma jinqabżux fil-ħidma normali.

3.2. Għandu jiġi pprovvdut materjal adegwat tat-tqandil sabiex jgħin lill-istrument jirrispetta ż-ŻMPijiet matul il-ħidma normali.

3.3. Kull *interface* tal-kontroll ta' l-operatur għandu jkun ċar u effettiv.

3.4. L-integrità tal-wiri (meta preżenti) għandha tkun tista' tiġi vverifikata mill-operatur.

3.5. Għandha tiġi pprovvduta l-kapabbiltà tal-fissar fiż-żero sabiex tgħin lill-istrument jirrispetta ż-ŻMPijiet matul il-ħidma normali.

3.6. Kull riżultat 'il barra mill-firxa ta' l-istrument għandu jiġi identifikat bħala ta' ħekk, meta tkun possibbli kopja stampata.

4. *L-istima tal-konformità*

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

Għas-sistemi mekkaniċi:

B + *D* jew *B* + *E* jew *B* + *F* jew *D1* jew *F1* jew *G* jew *H1*.

Għall-istrumenti elettro-mekkaniċi

B + *D* jew *B* + *E* jew *B* + *F* jew *G* jew *H1*.

Għas-sistemi elettroniċi jew is-sistemi li jkun fihom is-*software*:

B + *D* jew *B* + *FD* jew *G* jew *H1*.

Il-KAPITOLU II - L-Imwieżen tal-qabda awtomatiċi

1. *Il-Klassijiet ta' l-Eżattezza*

▼B

1.1. L-istrumentri jiġu mqassma f'kategoriji primarji ddisinjati minn:

X jew *Y*

kif speċifikati mill-fabbrikant.

1.2. Dawn il-kategoriji primarji jiġu mqassma f'erba' klassijiet iktar ta' "eżattezza"

XI, XII, XIII & XIV

u

Y(I), Y(II), Y(a) & Y(b)

li għandhom ikunu speċifikati mill-fabbrikant.

2. *L-istrumenti tal-Kategorija X*

2.1. Il-Kategorija *X* tapplika għall-istrumentri wżati għalbiex jiċċekkjaw il-prepakkeġġi magħmula skond il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-mili skond il-volum ta' ċerti likwidi ppakkeġġjati minn qabel ([1]) u d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar 1976 dwat it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-mili skond il-piż jew il-volum ta' ċerti prodotti ppakkeġġjati minn qabel ([2]) li japplikaw għall-pre-pakkeġġi.

2.2. Il-klassijiet ta' l-eżattezza huma ssupplimentati b'fattur (*x*) illi jikkwantifika d-devjazzjoni *standard* massima permissibbli kif speċifikat fil-paragrafu 4.3.

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-fattur (*x*), fejn il-(*x*) = = 2 u fil-għamla × 10^k, 2 × 10^k jew 5 × 10^k, fejn il-*k* hija numru sħiħ negattiv jew żero.

3. *L-istrumenti tal-Kategorija Y*

Il-Kategorija *Y* tapplika għall-imwieżen awtomatiċi l-oħra kollha tal-qabda.

4. *IŻ-ŻMP*

4.1. L-iżball medju tal-Kategorija *X*/iż-ŻMP ta' l-istrumenti tal-Kategorija *Y*

Tabella 1

*me*It-Tagħbija Netta () f'intervalli fl-iskala tal-verifika ()								L-Iżball medju massimu permissibbli	L-Iżball massimu permissibbli
XI	Y(I)	XII.	Y(II)	XIII.	Y(a)	XIV.	Y(b)	X	Y
0 < *m* = 50 000		0 < *m* = 5 000		0 < *m* = 500		0 < *m* = 50		± 0,5.*e*	± 1.*e*
50 000 < *m* = 200 000		5 000 < *m* = 20 000		500 < *m* = 2 000		50 < *m* = 200		± 1,0.*e*	± 1,5.*e*
200 000 < *m*		20 000 < *m* = 100 000		2 000 < *m* = 10 000		200 < *m* = 1 000		± 1,5.*e*	± 2.*e*

4.2. Id-devjazzjoni *standard*

Il-valur massimu permissibbli għad-devjazzjoni *standard* ta' strument tal-Klassi *X* (*x*) huwa r-riżultat tal-moltiplikazzjoni tal-fattur (*x*) bil-valur fit-Tabella 2 ta' hawn taħt

([1]) ĠU L 42, tal-15.2.1975, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/676/KEE (ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 18).
([2]) ĠU L 46, tal-21.2.1976, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

▼B

Tabella 2

il-Tagħbija Netta (*m*)	Id-devjazzjoni *standard* massima permissibbli għall-Klassi *X*(1)
m = 50 g	0,48 %
50 g < *m* = 100 g	0,24 g
100 g < *m* = 200 g	0,24 %
200 g < *m* = 300 g	0,48 g
300 g < *m* = 500 g	0,16 %
500 g < *m* = 1 000 g	0,8 g
1 000 g < *m* = 10 000 g	0,08 %
10 000 g < *m* = 15 000 g	8 g
15 000 g < *m*	0,053 %

Għall-Klassi XI u XII għandu jkun inqas minn 1.
Għall-Klassi XIII ma għandux ikun iktar minn 1.
Għall-Klassi XIV (*x*) għandu jkun iktar minn 1.

4.3. L-intervall ta' liskala tal-verifika - strumenti ta' intervall waħdieni

Tabella 3

Il-klassijiet ta' l-eżattezza		L-Intervall fl-iskala tal-verifika	*nMax/e*In-Numru ta' l-intervalli fl-iskala tal-verifika =	
			Il-Kontenut	Il-Massimu
XI	Y(I)	0,001 g = *e*	50 000	—
XII	Y(II)	0,001 g = *e* = 0,05 g	100	100 000
		0,1 g = *e*	5 000	100 000
XIII	Y(a)	0,1 g = *e* = 2 g	100	10 000
		5 g = *e*	500	10 000
XIV	Y(b)	5 g = *e*	100	1 000

4.4. L-intervall fl-iskala tal-verifika - strumenti ta' multi-intervalli

Tabella 4

Il-klassijiet ta' l-eżattezza		L-Intervall fl-iskala tal-verifika	*nMax/e*In-Numru ta' l-intervalli fl-iskala tal-verifika =	
			Il-Valur massimu (1) $n = Max_i/e(i+1)$	Il-valur massimu $n = Max_i/e_i$
XI	Y(I)	0,001 g = *ei*	50 000	—
XII	Y(II)	0,001 g = *ei*	5 000	100 000
		0,001 g = *ei*	5 000	100 000
XIII	Y(a)	0,001 g = *ei*	500	10 000
XIV	Y(b)	5 g = *ei*	50	1 000

Fejn
il-*i* = 1, 2,… r
il-*i* = il-firxa parzjali ta' l-użin
r = in-numru totali tal-firxiet parzjali
(1) Għall-*i* = *r* tapplika l-kolonna korrispondenti tat-Tabella 3 bil-*e* mibdula b' *er*.

5. *Il-Firxa tal-Kejl*

Meta tiġi peċifikata firxa tal-kejl għall-istrumenti tal-KlassiY, il-fabbrikant għandu jqis illi l-kapaċità minima ma għandhiex tkun inqas minn:

għalll-Klass *Y(I)*: 100 *e*

għall-Klass *Y(II)*: 20 *e* għal 0,001 g = *e* = 0,05 g, u 50 e for 0,1 g = *e*

▼B

għall-Klassi *Y(a)*:	20 *e*
għall-Klassi *Y(b)*:	10 *e*
L-imwieżen użati għall-gradazzjoni, p.e. l-imwieżen postali u dawk li jiżnu l-irmixk:	5 *e*

6. *Il-fissar dinamiku*

6.1. Il-faċilità dinamika tal-fissar għandha taħdem ġewwa firxa ta' tagħbija speċifikata mill-fabbrikant.

6.2. Meta mwaħħla, faċilità dinamika tal-fissar li tikkumpensa għall-effetti dinamiċi tat-tagħbija tiċċaqlaq għandha tiġi inibita milli taħdem 'il barra mill-firxa tat-tagħbija, u għandha tkun tista' tiġi mqiegħda fiż-żgur.

7. *It-Twettiq tax-Xogħol Taħt Id-Disturbanza tal-Fatturi ta' Influwnza U Elettro-manjetiċi*

7.1. Iż-ŻMPijiet minħabba l-fatturi ta' l-influwenza huma:

7.1.1. Għall-istrumenti tal-Kategorija *X*:

— Għall-ħidma awtomatika, kif speċifikat fit-Tabelli 1 u 2,

— Għall-użin statiku f'ħidma mhux awtomatika, kif speċifikat fit-Tabella 1.

7.1.2. Għall-istrumenti tal-Kategorija *Y*:

— Għal kull tagħbija f'ħidma awtomatika, kif speċifikat fit-Tabella 1,

— Għall-użin statiku f'ħidma mhux awtomatika, kif speċifikat fit-Tabella 1 għall-Kategorija *X*.

7.2. Il-valur kritiku tal-bidla minħabba disturbanza huwa intervall wieħed fl-iskala tal-verifika.

7.3. Il-firxa tat-temperatura;

— Għall-Klassi XI u *Y(I)* il-firxa minima hija ta' 5ºĊ,

— Għall-Klassi XII u *Y(II)* il-firxa minima hija ta' 15ºĊ,

Il-KAPITOLU III - L-Istrumenti Awtomatiċi Gravimetriċi tal-Mili

1. *Il-klassjiet ta' l-eżattezza*

1.1. Il-fabbrikant għandu jispeċifika kemm il-klassi tar-riferiment rigward l-eżattezza *Ref(x)* u l-klassi/jiet operattiva/i ta' l-eżattezza *X*(*x*).

1.2. Tip ta' strument jiġi ddeżinjat klassi tar-riferiment dwar l-eżattezza *Ref(x)*, li tikkorispondi ma' l-aħjar eżattezza possibbli għall-istrumenti tat-tip. Wara li jiġu stallati, l-istrumenti individwali jiġu ddeżinjati għal klassi operattiva jew iktar ta' l-eżattezza *X*(*x*), wara li jitqiesu l-prodotti speċifiċi li jridu jintiżnu. Il-fattur tad-deżinenza tal-klassi għandu jkun = = 2, u fil-għamla $\times 10^k$, 2×10^k jew 5×10^k, fejn il-*k* hija numru sħiħ negattiv jew żero.

1.3. Il-klassi tar-riferiment rigward l-eżattezza *Ref(x)* tapplika għal tagħbijiet statiċi.

1.4. Għall-klassi operattiva ta' l-eżattezza *X*(*x*), il-*X* huwa reġim li għandu x'jaqsam mal-piż tat-tagħbija u l-(*x*) huwa l-moltiplikatur għall-limiti ta' l-iżbalji speċifikati għall-Klassi *X(1)* fit-2.2.

2. *Ż-ŻMP*

2.1. L-iżball fl-użin statiku

2.1.1. Għat-tagħbijiet statiċi taħt kondizzjonijiet irratati tal-ħidma, iż-ŻMP għall-klassi tar-riferiment rigward l-eżattezza *Ref(x)*, għandu jkun ta' 0 312 tad-devjazzjoni massima permissibbli mill-medja ta' kull waħda mill-mili; kif speċifikat fit-Tabella 5; immoltiplikat bil-fattur tal-klassi tad-deżinenza (*x*).

▼B

2.1.2. Għall-istrumenti fejn il-mili jintgħamel minn iktar minn tagħbija waħda (p.e. imwieżen ta' għaqda kumulattiva jew selettiva) iż-ŻMP għat-tagħbijiet statiċi għandu jkun l-eżatteza meħtieġa għall-mili kif speċifikat fit-2.2 (jiġifieri, mhux is-somma tad-devjazzoni massima permissibbli għat-tagħbijiet individwali).

2.2. Id-devjazzjoni mill-mili medju

Tabella 5

Il-Valur tal-massa, *m* (g), tal-mili	Id-devjazzjoni massima permissibbli ta' kull waħda mill-mili mill-medja għall-Klassi *X(1)*
m < 50	7,2 %
50 < *m* = 100	3.6 g
100 < *m* = 200	3,6 %
200 < *m* = 300	7,2 g
300 < *m* = 500	2,4 %
500 < *m* = 1 000	12 g
1 000 < *m* = 10 000	1,2 %
10 000 < *m* = 15 000	1ċ20 g
15 000 < *m*	0,8 %

Nota: Id-devjazzjoni kkalkolata għal kull waħda mill-mili mill-medju tista' tiġi aġġustata sabiex tqis l-effett tad-daqs tal-partikola tal-materjal.

2.3. L-iżball għall-valur iffissat minn qabel (l-iżball tal-fissar)

Għall-istrumenti fejn ikun possibbli li jiġi ffisat użin tal-mili bil-quddiem; id-differenza massima bejn il-valur iffissat bil-quddiem u l-massa medja tal-mili ma għandux jaqbeż id-devjazzjoni massima permissibbli għal kull wieħed mill-mili mill-medju, kif speċifikat fit-Tabella 5.

3. *It-Twettiq tax-Xogħol Taħt id-Distrubanza tal-Fattur ta' l-Influwnza U Elettro-manjetiċi*

3.1. Iż-ŻMP minħabba l-fatturi ta' l-influwenza għandu jkun kif speċifikati fil-paragrafu 2.1.

3.2. Il-valur kritiku tal-bidla minħabba disturbanza huwa bidla ta' l-indikazzjoni statika tal-piż egwali għaż-ŻMP kif speċifikat fil-paragrafu 2.1 ikkalkolat għall-mili minimu rratat, jew bidla li tagħti effett ekwivalenti fuq il-mili fil-każ ta' strumenti fejn il-mili jikkonsisti minn tagħbijiet multipli. Il-valur kritiku kkalkolat tal-bidla għandu jitneħħielu x-xtur sa' l-intervall għoli li jmiss ta' l-iskala (*d*).

3.3. Il-fabbriknt għandu jispeċifika l-valur tal-nili minimu rratat.

Il-KAPITOLU IV - It-totalizzaturi diskontinwi

1. *Il-Klassijiet ta' l-Eżattezza*

L-istrumenti huma mqassa f'erba' klassijiet ta' l-eżattezza kif ġej: 0,2, 0,5, 1, 2.

2. *Iż-ŻMPijiet*

Tabella 6

Il-Llassi ta' l-eżattezza	Iż-ŻMP tat-tagħbija ttotalizzata
0,2	± 0,10 %
0,5	± 0,25 %
1	± 0,50 %
2	± 1,00 %

▼B

3. *L-intervall ta' l-iskala tat-totalizzazzjoni*

L-intervall ta' l-iskala tat-totalizzazzjoni (*dt*) għandu jkun fil-firxa ta':

0,01 % *Max* = *dt* = 0,2 % *Max*

4. *It-tagħbija Minima Ttotalizzata (Σ_{min})*

It-tagħbija minima ttotalizzata (Σ_{min}) ma għandhiex tkun inqas mit-tagħbija li fiha ż-ŻMP huwa egwali għall-intervall ta' l-iskala tat-totalizzazzjoni (*dt*) u mhux inqas mit-tagħbija minima kif speċifikata mill-fabbrikant.

5. *Il-Fissar taż-Żero*

L-istrumenti li ma jiżnux it-tara wara l-iskarigu għandu jkollhom mezz li jiffissa ż-żero. Għandha tiġi inibita ż-żero jekk l-indikazzjoni tvarja bi:

— 1 *dt* fuq l-istrumenti b'mezz awtomatiku li jiffissa ż-żero;

— 0,5 *dt* fuq l-istrumenti b'mezz semi-awtomatiku jew mhux awtomatiku li jiffissa ż-żero.

6. *L-interface ta' l-operatur*

L-aġġustamenti ta' l-opertur u l-funzjoni tal-fissar mill-ġdid għandhom jiġu inibiti mill-ħidma awtomatika.

7. *Il-kopja stampata*

Għandu jiġi inibit il-fissar mill-ġdid tat-total fuq l-istrument imgħammar b'kopja stampata sakemm jiġi stampat it-total. Il-kopja stampata tat-total għandha ssir jekk tiġi interrotta l-ħidma awtomatika.

8. *It-twettiq tax-xogħol taħt id-disturbanzi tal-fatturi ta' influwnza u d-disturbanzi elettro-manjetiċi*

8.1. Iż-ŻMPijiet minħabba l-fatturi ta' l-influwenza għandhom ikunu kif speċifikati fit-Tabella 7.

Tabella 7

It-Tagħbija (*m*) f'intervalli ta' l-iskala tat-totalizzazzjoni (*dt*)	Iż-ŻMP
0 < *m* = 500	± 0,5 *dt*
500 < *m* = 2 000	± 1,0 *dt*
2 000 < *m* = 10 000	± 1,5 *dt*

8.2. Il-valur kritiku tal-bidla minħabba disturbanza huwa intervall wieħed ta' l-iskala tat-totalizzazzjoni għal kull indikazzjoni ta' wżin u ta' kull total maħżun.

Il-KAPITOLU V - It-totalizzaturi kontinwi

1. *Il-klassjiet ta' l-eżattezza*

L-istrumenti huma mqassma fi tliet klassijiet ta' l-eżattezza kif ġej: 0,5, 1, 2.

2. *Il-Firxa tal-Kejl*

2.1. Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-firxa tal-kejl, il-proporzjon bejn it-tagħbija minima netta fuq l-unità ta' l-użin u l-kapaċità massima, u t-tagħbija minima ttotalizzata.

2.2. It-tagħbija minima ttotalizzata Σ_{min} ma għandhiex tkun inqas minn

800 *d* għall-Klassi 0,5,

400 *d* għall-Klassi 1,

200 *d* għall-Klassi 2.

Fejn id-*d* hija l-intervall ta' l-iskala tal-mezz tat-totalizzazzjoni ġenerali.

▼B

3. *IŻ-ŻMP*

Tabella 8

Il-Klassi ta' l-eżattezza	Iż-ŻMP għat-tagħbija ttotalizzata
0,5	± 0,25 %
1	± 0,5 %
2	± 1,0 %

4. *Il-veloċità taċ-ċinga*

Il-veloċità taċ-ċinga għandha tiġi speċifikata mill-fabbrikant. Għall-imwieżen taċ-ċineg ta' veloċità waħdiena, u għall-imwieżen taċ-ċineg b'veloċità varjabbli li jkollhom kontroll manwali tal-fissar tal-veloċità, il-veloċità ma għandhiex tvarja b'iktar minn 5 % tal-valur nominali. Il-prodott ma għandux iklollu veloċità differenti mill-veloċità taċ-ċinga.

5. *General Totalisation Device*

Il-Mezz Ġenerali tat-Totalizzatur

Ma għandux ikun possibbli

6. *It-twettiq tax-xogħol taħt id-disturbanzi tal-fatturi ta' influwnza u d-disturbanzi elettro-manjetiċi*

6.1. Iż-ŻMP minħabba l-fattur ta' l-influwenza, għal tagħbija ta' mhux inqas mill-Σ_{min}, għandu jkun 0,7 darbiet il-valur approprjat speċifikat fit-Tabella 8 bit-tneħħija tax-xtur sa l-eqreb intervall ta' l-iskala tat-totalizzazzjoni (*d*).

6.2. Il-valur kritiku tal-bidla minħabba disturbanza għandu jkun 0,7 darbiet il-valur approprjat speċifikat fit-Tabella 8, għal tagħbija egwali għall-Σ_{min}, għall-klassi ddeżinjata għall-miżien taċ-ċinga; bix-xtur imneħħija sa l-intervall ogħla li jkun imiss fl-iskala tat-totalizzazzjoni(*d*).

Il-KAPITOLU VI - Il-pontijiet ta' l-imwieżen tal-qabda awtomatiċi tal-binarji tal-ferroviji

1. *Il-klassjiet ta' l-eżattezza*

L-istrumenti huma mqassa f'erba' klassijiet ta' l-eżattezza kif ġej:

0,2, 0,5, 1, 2.

2. *IŻ-ŻMP*

2.1. Iż-ŻMPijiet sabiex jiżnu waqt iċ-ċaqliq vagun waħdieni jew tren sħiħ huma murija fit-Tabella 9.

Tabella 9

Il-Klassi ta' l-eżattezza	Iż-ŻMP
0,2	± 0,1 %
0,5	± 0,25 %
1	± 0,5 %
2	± 1,0 %

2.2. Iż-ŻMPijiet għall-piż tal-vaguni imgħaqqda jew mhux imgħaqqda jintiżnu waqt iċ-ċaqliq għandu jkun wieħed mill-valuri li ġejjin, liema minnhom ikun l-ikbar:

— il-valur ikkalkolat skond it-Tabella 9, bix-xtur imneħħija sa l-eqreb intervall ta' l-iskala;

— il-valur ikkalkolat skond it-Tabella 9, bix-xtur imneħħija sa l-eqreb intervall ta' l-iskala għal piż ekwivalenti għal 35 % tal-piż massimu tl-vagun (kif iskritt fuq il-għoti tal-marki deskrittivi);

— intervall wieħed ta' l-iskala (*d*).

▼B

2.3. Iż-ŻMPijiet għall-piż tat-tren waqt iċ-ċaqliq għandu jkun wieħed mill-valuri li ġejjin, liema minnhom ikun l-ikbar:

— il-valur ikkalkolat skond it-Tabella 9, bix-xtur imneħħija sa l-eqreb intervall ta' l-iskala;

— il-valur ikkalkolat skond it-Tabella 9, għall-piż ta' vagun wieħed egwali għal 35 % tal-piż massimu tal-vagun (kif iskritt fuq il-għoti tal-marki deskrittivi) immoltiplikat bin-numru tal-vaguni tar-riferiment (li ma jaqbżux il-10) fit-tren, u bix-xtur imneħħija sa l-eqreb intervall ta' l-iskala;

— intervall wieħed ta' l-iskala (*d*) għal kull vagun fit-tren, imma li ma jaqbiżx il-10 *d*.

2.4. Meta jkunu qegħdin jintiżnu l-vaguni mgħaqqda; l-iżbalji ta' mhux iktar minn 10 % tar-riżultati ta' l-użin meħuda minn passaġġ jew iktar tat-tren jistgħu jaqbżu ż-ŻMP approprjat mogħti fil-paragrafu 2.2, imma ma għandux jaqbeż darbtejn iż-ŻMP.

3. *L-intervall ta' l-iskala (d)*

Ir-relazzjoni bejn il-klassi ta' l-eżattezza u l-intervall ta' l-iskala għandha tkun kif speċifikat fit-Tabella 10.

Tabella 10

Il-Klassi ta' l-eżattezza	L-intervall ta' l-iskala (*d*)
0,2	d = 50 kg
0,5	d = 100 kg
1	d = 200 kg
2	d = 500 kg

4. *Il-firxa tal-kejl*

4.1. Il-kapaċità minima ma għandhiex tkun inqas mnn 1 *t*, u mhux ikbar mill-valur tar-riżultat tal-piż minimu tal-vagun imqassam bin-numru ta' l-użinijiet parjali.

4.2. Il-piż minimu tal-vagun ma għandux ikun inqas minn 50 *d*.

5. *It-twettiq tax-xogħol taħt id-disturbanzi tal-fattur ta' l-influwnza u d-disturbanzi elettro-manjetiċi*

5.1. Iż-ŻMP minħabba fattur ta' l-influwenza għandu jkun kif speċifikat fit-Tabella 11.

Tabella 11

It-Tagħbija (*m*) f'intervalli ta' l-iskala tal-verifika (*d*)	Iż-ŻMP
$0 < m = 500$	± 0,5 *d*
$500 < m = 2\,000$	± 1,0 *d*
$2\,000 < m = 10\,000$	± 1,5 *d*

5.2. Il-valur kritiku tal-bidla minħabba disturbanza huwa intervall wieħed fl-iskala.

▼B

ANNESS MI-007

IT-TASSIMETRI

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan l-Anness japplikaw għat-tassimetri.

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Tassimetru":

Mezz li jaħdem flimkien mal-ġeneratur ta' sinjal ([1]) sabiex jagħmel strument tal-kejl.

Dan il-mezz ikejjel it-tul taż-żmien, jikkalkola d-distnza fuq il-bażi ta' sinjal imwassal bil-ġeneratur tas-sinal tad-distanza. B'żieda ma' dan, jikkalkola u juri n-noll li jrid jitħallas għal vjaġġ fuq il-bażi tad-distanza kkalkolata u/jew it-tul taż-żmien imkejjal tal-vjaġġ.

"Noll":

L-ammont totali tal-flus mistħoqq għal vjaġġ imsejjes fuq piż inizjali ffissat għall-kiri u/jew it-tul u/jew iż-żmien tal-vjaġġ. In-noll ma jinkludix impost supplimentari għal servizzi *extra*.

"Veloċità tal-qsim minn post għall-ieħor":

Il-valur tal-veloċità misjub bit-tqassim tal-valur tat-tariffa tal-ħin bil-valur tat-tariffa tad-distanza.

"Mod normali tal-kalkolu bil-mod *S*" (l-applikazzjoni waħdiena tat-tariffa):

Il-kalkolu tan-noll imsejjes fuq l-applikazzjoni tat-tariffa taż-żmien taħt il-veloċità tal-qsim minn post għall-ieħor u l-applikazzjoni tat-tariffa tad-distanza "il fuq mill-veloċità tal-qsim minn post għall-ieħor."

"Mod normali tal-kalkolu bil-mod *D*" (l-applikazzjoni doppja tat-tariffa):

Il-kalkolu tan-noll imsejjes fuq l-applikazzjoni simultanja tat-tariffa taż-żmien u t-tariffa tad-distanza fuq il-vjaġġ kollu.

"Pposizzjoni tal-ħidma"

Il-modi differenti li fihom tassimetru jwettaq il-partijiet differenti tal-funzjonament tiegħu. Il-posizzjonijiet tal-ħidma jingħarfu bl-indikazzjonijiet li ġejjin:

"Għall-Kiri": Il-pożizzjoni tal-ħidma li fiha l-kalkolu tan-noll jiġi ddiżabbiltat

"Mikri": Il-pożizzjoni tal-ħidma li fiha jsir il-kalkolu tan-noll fuq il-bażi ta' impost inizjali possibbli u tariffa tad-distanza koperta u/jew taż-żmien tal-vjaġġ

"Imwaqqaf": Il-pożizzjoni tal-ħidma li fiha jiġi indikat in-noll mistħoqq għall-vjaġġ u jiġi ddiżabbiltat il-kalkolu tan-noll imsejjes fuq iż-żmien.

IL-ĦTIĠIET TAD-DISINN

1. It-tassimetru għandu jkun iddisinjat sabiex jikkalkola d-distanza u jkejjel it-tul taż-żmien tal-vjaġġ.

2. It-tassimetru għandu jkun iddisinjat sabiex jikkalkola u juri n-noll, li jiżdied fi skaluni egwali għar-riżoluzzjoni ffissata mill-Istat Membru fil-pożizzjoni tal-ħidma "Mikri". It-tassimetru għandu jkun iddisinjat ukoll sabiex juri l-valur finali tal-vjaġġ fil-pożizzjoni tal-ħidma "Imwaqqaf".

([1]) Il-ġeneratur tas-sinjal tad-distanza huwa barra mill-iskop ta' din id-Direttiva.

▼B

3. Tassimetru għandu jkun jista' japplika l-modi *S* u *D* tal-kalkolu normali. Għandu jkun possibbli li jagħżel bejn dawn il-modi tal-kalkolu b'arranġament fiż-żgur.

4. Tassimetru għandu jkun jista' jforni l-informazzjoni li ġejja permezz ta' *interface/s* approprjat/i fiż-żgur:

— il-pożizzjoni tal-ħidma:

"Għall-Kiri", "Mikri" jew "Imwaqqaf";

— l-informazzjoni tat-totalizzatur skond il-paragrafu 15.1;

— tagħrif ġenerali: il-kostanti tal-ġeneratur tas-sinjal tad-distanza, id-data ta' meta jiġi żgurat, l-identifikatur tat-*taxi*, iż-żmien reali, l-indikazzjoni tat-tariffa;

— it-tagħrif dwar in-noll għal vjaġġ; it-total impost, in-noll, il-kalkolu tan-noll, l-impost supplimentari, id-data, iż-żmien tal-bidu, iż-żmien tat-tmiem, id-distanza vvjaġġata;

— it-tagħrif dwar it-tariffa/i: il-parametri tat-tariffa/i.

Il-leġislazzjoni nazzjonali tista' teħtieġ ċerti mezzi sabiex tiġi kkonnettjata ma' l-*interface/s* ta' tassimetru. Meta jkun meħtieġ dan il-mezz; għandu jkun possibbli, b'arranġament fiż-żgur, li tiġi inibita awtomatikament il-ħidma tat-tassimetru għar-raġunijiet tan-nuqqas tal-preżenza jew il-funzjonament mhux proprju tal-mezz meħtieġ.

5. Jekk rilevanti, għandu jkun possibbli li tassimetru jiġi aġġustat għall-kostanti tal-ġeneratur tas-sinjal tad-distanza li miegħu jrid jiġi kkonnettjat u jiżgura l-aġġustament.

IL-KONDIZZJONIJIET IRRATATI TAL-ĦIDMA

6.1. Il-klassi mekkanika ambjentali li tapplika hija l-*M3*.

6.2. Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma għall-istrument, b'mod partikolari;

— firxa minima tat-temperatura ta' 80ºĊ għall-ambjent klimatiku;

— il-limiti tal-provvista ta' l-enerġija *DC* li għaliha l-istrument kien iddisinjat.

L-IŻBALJI MASSIMI PERMISSIBBLI (iż-ŻMPijiet)

7. Iż-ŻMP, bl-esklużjoni ta' kull żball minħabba l-applikazzjoni tat-tassimetru f'*taxi*, huma:

— Għaż-żmien li jkun għadda: ± 0,1 %

il-valur minimu tal-ŻMP: 0,2*s*;

— Għad-distanza vvjaġġata: ± 0,2 %

il-valur minimu taż-ŻMP: 4 m;

— Għall-kalkolu tan-noll: ± 0,1 %

il-minimu, inkluż it-tneħħija tax-xtur: li jikkorrispondi maċ-ċifra l-inqas sinifikanti ta' l-indikazzjoni tan-noll.

L-EFFETT PERMISSIBBLI TAD-DISTURBANZI

8. L-immunità elettro-manjetika

8.1. Il-Klassi elettro-manjetika li tapplika hija l-*E3*.

8.2. Iż-ŻMP stabbilit fil-paragrafu 7 għandu jiġi rrispettat ukoll fil-preżenza ta' disturbanza elettro-manjetika.

▼B

IN-NUQQAS TAL-PROVVEDIMENRT FIL-PROVVISTA TA' L-ENERĠIJA

9. Fil-każ ta' tnaqqis fil-provvista tal-voltaġġ sa valur taħt il-limitu ta' isfel tal-ħidma kif speċifikat mill-fabbrikant, it-tassimetru għandu:

— jissokta jaħdem b'mod korrett jew jibda l-funzjonament korrett tiegħu mill-ġdid mingħajr it-telf ta' l-informazzjoni disponibbli qabel ma jaqa' l-voltaġġ jekk il-waqgħa tal-voltaġġ tkun temporanja, jiġifieri qabel ma titqabbad il-magna.

— iħassar kejl eżistenti u jirritorna għall-pożizzjoni "Għall-Kiri" jekk il-waqgħa tal-voltaġġ tkun għal perjodu itwal taż-żmien.

ĦTIĠIET OĦRA

10. Il-kondizzjonijiet rigward il-kompatibbiltà bejn it-tassiimetru u l-ġeneratur tas-sinjal tad-distanza għandhom jiġu speċifikati mill-fabbrikant tat-tassimetru.

11. Jekk ikun hemm impost supplimentari għal servizz *extra*, imdaħħal missewwieq bil-kmand manwali, dan għandu jiġi eskluż min-noll muri. Madankollu, f'dan il-każ, tassimetru jista' juri temporanjament il-valur tan-noll blażimpost supplimentari inkluż.

12. Jekk in-noll jiġi kkalkolat skond il-mod *D* tal-kalkolu, tassimetru jista' jkollu mod addizzjonali tal-wiri li fih jiġu murija biss id-distanza u t-tul taż-żmien totali tal-vjaġġ fiż-żmien reali.

13. Il-valuri kollha murija lill-passiġġier għandhom ikunu identifikati kif jixraq. Dawn il-valuri kif ukoll l-identifikazzjoni tagħhom għandhom ikunu jistgħu jinqraw biċ-ċar f'kondizzjonijiet ta' bin-nhar u ta' bil-lejl.

14.1. Jekk in-noll li jrid jitħallas jew il-miżuri li jridu jittieħdu kontra l-użu frawdolenti jistgħu jiġu affettwati mill-għażla tal-funzjonalità minn fissar ipprogrammat minn qabel jew mill-arranġament liberu ta' l-informazzjoni, għandu jkun possibbli li l-istrument jiġi żgurat u jiddaħħlu l-arranġamenti u l-informazzjoni.

14.2. Il-possibbiltajiet ta' l-assigurazzjoni disponibbli f'tassimetru għandhom ikunu hekk illi tkun possibbli s-sigurezza separata ta' l-arranġamenti.

14.3. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafu 8.3 ta' l-Anness I japplikaw ukoll għat-tariffi.

15.1. Tassimetru għandu jiġi mgħammar b'totalizzaturi li ma jistgħus jiġu rranġati mill-gdid għar-regoli kollha li ġejjin:

— Id-distanza totali vvjaġġata mit-*taxi*;

— Id-distanza totali vvjaġġata meta mikrija;

— In-numru totali tal-kirjiet;

— L-ammonti totali tal-flus impost bħala supplimenti;

— L-ammont totali tal-flus impost bħala noll,

Il-valuri ttotalizzati għandhom jinkludu l-valuri ffrankati skond il-paragrafu 9 fuq il-kondizzjonijiet tat-telf tal-provvista ta' l-enerġija.

15.2. Jekk jiġi skonnettjat mill-enerġija, tassimetru għandu jippermetti l-valuri ttotalizzati li jiġu maħżuna għal sena bil-għan li jinqraw il-valuri mit-tassimetru għal medju ieħor.

15.3. Għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex jipprevjienu l-wiri tal-valuri ttotalizati milli jintużaw sabiex iqarrqu lill-passiġġieri.

16. Il-bidla awtomatka tat-tariffi hija permessa minħabba:

— id-distanza tal-vjaġġ;

▼B

— duration of the trip;

— it-tul taż-żmien tal-vjaġġ;

— il-ħin tal-jum;

— id-data;

— il-jum tal-ġimgħa.

17. Jekk il-proprjetajiet tat-*taxi* huma importanti għall-korrettezza tat-tassimetru, it-tassimetru għandu jipprovdi l-mezzi sabiex jiżgura l-konnessjoni tat-tassimetru mat-*taxi* li fiha jkun istallat.

18. Għall-għan tat-testijiet wara l-istallazzjoni, it-tassimetru għandu jkun imgħammar bil-possibbiltà li jittestja separatament l-eżattezza tal-kejl tal-ħin u tad-distanza u l-eżattezza tal-kalkolu.

19. Tassimetru u l-istruzzjonijiet ta' istallazzjoni tiegħu speċifikati mill-fabbrikant għandhom ikunu hekk illi, jekk stallat skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, jiġu eskluży b'mod suffiċjenti l-bidliet frawdolenti tas-sinjal tal-kejl li jirrappreżenta d-distanza vvjaġġata.

20. Il-ħtieġa ġenerali essenzali li tittratta l-użu frawdolenti għandha tiġi mwettqa hekk illi jiġu protetti l-interessi tal-klijent, ta' min iħaddem lis-sewwieq u ta' l-awtoritajiet fiskali.

21. Tassimetru għandu jkun iddisinjat hekk illi jista' jirrispetta ż-ŻMPijiet mingħajr aġġustament matul perjodu taż-żmien ta' sena ta' l-użu normali.

22. It-tassimetru għandu jkun imgħmmar b'arloġġ tal-ħin reali li permezz tiegħu jinżammu l-ħin tal-jum u d-data fejn il-wieħed jew it-tnejn jistgħu jintużaw għal bidla awtomatika tat-tariffi. Il-ħtriġiet ta' l-arloġġ tal-ħin reali huma:

— Iż-żamma tal-ħin għandu jkollha eżattezza ta' 0,02 %;

— Il-possibbiltà tal-korrezzjoni ta' l-arloġġ ma għandhiex tkun iktar minn 2 minuti fil-ġimgħa, Il-korrezzjoni għall-ħin tas-sajf u l-ħin tax-xitwa għandha titwettaq b'mod awtomatiku;

— Għandha tiġi pprevenuta l-korrezzjoni, awtomatika jew manwali, matul vjaġġ.

23. Il-valuri tad-distanza vvjaġġata u tal-ħin li jgħaddi, meta murija jew stampati skond din id-Direttiva, għandhom jużaw l-unitajet li ġejjin:

Id-distanza vvjaġġata:

— fir-Renju Unit u l-Irlanda: sad-data li trid triġi ffissata mill-Istati Membri skond l-Artikolu (1)(b) tad-Direttiva 80/181/KEE: il-kilometrei jew il-mili;

— fl-Istati Membri l-oħra kollha: il-kilometri.

Il-Ħin imgħoddi:

— is-sekondi, il-minuti jew is-sigħat, kif jista' jixraq, fil-waqt li tinżamm fil-moħħ ir-riżoluzzjoni meħtieġa u l-ħtieġa li jiġu pprevenuti n-nuqqasijiet tal-fehim.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew H1.

▼B

ANNESS MI-008

IL-KEJL MATERJALI

Il-KAPITOLU I - Il-kejl matejrali tal-tul

Il-ħtiġiet essenzali rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan il-kapitolu, japplikaw għall-kejl materjali tat-tul, iddefiniti hawn taħt. Madankollu, il-ħtieġa li tiġi formita kopja tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tista' tiġi interpretata bħala li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għal kull wieħed mill-istrumenti individwali.

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Kejl materjali tat-tul" Strument li jkun fih il-marki ta' skala li d-distanzi tiegħu jingħataw f'unitajiet legali tat-tul.

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

Il-Kondizzjonijiet tar-Riferiment

1.1. Għat-tejpijiet tal-kejl egwali għal ħames metri jew ikbar, l-iżbalji massimi permissibbli (ŻMPijiet) iridu jiġu sodisfatti meta jiġu applikati qawwa trattiva ta' ħamsin *newton* jew valuri oħra tal-qawwa kif speċifikati mill-fabbrikant u mmarkati kif jixraq fuq it-tejp tal-kejl, jew fil-każ li jkun jinħtieġ kejl riġidu jew semi-riġidu.

1.2. It-temperatura tar-riferiment hija 20ºĊ għajr jekk speċifikat xorta oħra mill-fabbrikant u mmarkata fuq il-kejl kif jixraq.

Iż-ŻMPijiet

2. Iż-ŻMP, pożittiv jew negattiv f'mm, bejn żewġ marki mhux konsekuttivi ta' l-iskala huwa ($a + bL$), fejn:

— il-L huwa l-valur tat-tul bix-xur imneħħija sal-metru sħiħ li jkun imiss; u

— il-a u l-b huma mogħtija fit-Tabella ta' hawn taħt.

Meta intervall terminali ikun ikkonfinat minn wiċċ, jiġi miżjud iż-ŻMP għal kull distanza li tibda minn dan il-punt bil-valur ta' $ċ$ mogħti fit-Tabella 1.

Tabella 1

Il-Klassi ta' l-Eżattezza	a (mm)	(b)	$ċ$ (mm)
I	0,1	0,1	0,1
II	0,3	0,2	0,2
III.	0,6	0,4	0,3
D — klassi speċjali għat-tejpijiet tal-kejl tal-għads ([1]) Sa u jinkludu 30 m ([2])	1,5	żero	żero
S — klassi speċjali għat-tejpijiet li jorbtu t-tankijiet Għal kull tul ta' 30 m meta t-tejp ikun sostnut fuq wiċċ ċatt	1,5	żero	żero

([1]) Japplika għall-għaqdiet tal-piż tat-tejp/għads.
([2]) Jekk it-tul nominali tat-tejp jaqbeż it-30 m, għandu jiġi permess 0,75 mm għal kull 30 m tat-tul tat-tejp.

It-tejpijiet tal-għads jistgħu jkunu wkoll tal-Klassijiet I jew II u f'dan il-każ kull tul bejn żewġ marki ta' l-iskala, li waħda minnhom tkun fuq iċ-ċomba tal-għads u l-oħra fuq it-tejp, iż-ŻMP huwa ta' ± 0,6 mm meta l-applikazzjoni tal-formola tagħti valur ta' inqas minn 0.6 mm.

▼B

Iż-ŻMP għat tul bejn marki konsekuttivi ta' l-iskala, u d-differenza massima permissibbli bejn żewġ intervalli konsekuttivi, huma mogħtija fit-Tabella 2 ta' hawn taħt.

Tabella 2

It-Tul *i* ta' l-intervall	Iż-ŻMP jew id-differenza f'millimetri skond il-klassi ta' l-eżattezza		
	I	II	III.
i = 1 mm	0,1	0,2	0,3
1 mm < i = 1 ċm	0,2	0,4	0,6

Meta riga tkun tat-tip li tintena, il-minkeb għandu jkun hekk illi ma jikkawża l-ebda żbalji supplimentarji għal dawk ta' hawn fuq, li jaqbżu: iż-0,3 mm għall-Klassi II u ż-0,5 mm għall-Klassi III.

Il-Materjali

3.1. Il-materjali wżati għall-kejl tal-materjali għandhom ikunu hekk illi l-varjazzjonijiet fit-tul minħabba l-eskursjonijiet tat-temperatura sa ± 8ºĊ dwar it-temperatura tar-riferiment ma jaqbżux iż-ŻMP. Dan ma japplikax għall-kejl tal-Klassi S u l-Klassi D meta l-fabbrikant ikun beħsiebu li għandhom jiġu applikati korrezjonijiet għall-espansjoni termika rigward il-qari osservat meta meħtieġ.

3.2. Il-kejl magħmul minn materjal li l-qisien tiegħu jista' jvarja materjalment meta ssoġġettat għal firxa wiesgħa ta' umdità relattiva, jista' jiġi inkluż biss fil-Klassijiet II jew III.

Il-marki

4. Il-valur nominali għandu jiġi mmarkat fuq il-kejl. L-iskali millimetriċi għandhom jiġu nnumerati għal kull ċentimetru u l-kejl b'intervalli ta' iktar minn 2 ċm fuq l-iskala għandu jkollu l-marki kollha ta' l-iskala nnumerati.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + *F* jew *B* + *D* jew *H* jew *G*.

Il-KAPITOLU II - Il-kejl li jaqdi l-kapaċità

Il-ħtiġiet essenzali rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformità elenkati f'dan il-kapitolu, japplikaw għall-kejl li jaqdi l-kapaċità ddefiniti hawn taħt. Madankollu, il-ħtieġa li tiġi formita kopja tad-dikjarazzjonijiet tal-konformita tista' tiġi interpretata bħala li tapplika għal lott jew kunsinna iktar milli għal kull wieħed mill-istrumenti individwali. Ukoll, ma għandhiex tapplika l-ħtieġa li l-istrument iġorr it-tagħrif rigward l-eżattezza tiegħu.

ID-DEFINIZZJONIJIET

“Kejl li jaqdi l-kapaċità”

Kejl tal-kapaċità (bħal kejl ta' tazza tax-xorb, ta' buqar jew ta' ħolqa) iddisinjat sabiex jistabbilixxi volum speċifiku ta' likwidu (għajr prodott farmaċewtiku) li jinbigħ għall-konsum fil-pront.

“Kejl lineari”

Kejl li jservi kapaċità mmarkata b'linja sabiex jindika kapaċità nominali.

“Kejl sax-xifer” Kejl li jservi kapaċità li l-volum tiegħu tal-kapaċità huwa egwali għall-kapaċità nominali.

▼B

“Kejl tat-trasferiment”

Kejl li jservi kapaċità li minnu jkun maħsub li l-likwidu jitferragħ qabel il-konsum.

“Kapaċità”

Il-kapaċità hija l-volum intern għall-kejl sax-xifer jew il-volum intern sal-marka tal-mili tal-kejlijiet lineari

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

1. *Il-Kondizzjonijiet tar-Riferiment*

1.1. It-Temperatura: it-temperatura tar-riferiment għall-kejl tal-kapaċità hija 20ºĊ.

1.2. Il-pożizzjoni għall-indikazzjoni korretta: wieqfa mingħajr appoġġ fuq wiċċ invell.

2. *Iż-ŻMPijiet*

Tabella 1

	Lineari	Sax-Xifer
Il-Kejl tat-trasferiment		
< 100 ml	± 2 ml	– 0 + 4 ml
= 100 ml	± 3 %	– 0 + 6 %
Il-Kejl li jaqdi		
< 200 ml	± 5 %	– 0 + 10 %
= 200 ml	± 5 ml + 2,5 %	– 0 + 10 ml + 5 %

3. *Il-Materjali*

Il-kejl li jaqdi l-kapaċità għandu jkun ta' materjal riġidu biżżejjed u stabbli fil-qisien għalbiex iżomm il-kapaċità ġewwa ż-ŻMP.

4. *Il-għamla*

4.1. Il-kejl tat-trasferiment għandu jkun iddisinjat hekk illi bidla fil-kontenut egwali għaż-ŻMP tikkawża bidla fil-livell ta' mill-inqas 2 mm mix-xifer jew mill-marka tal-mili.

4.2. Kejl tat-trasferiment għandu jkun iddisinjat hekk illi ma jiġix impedut skarigu mill-likwidu li jkun qiegħed jitkejjel.

5. *Il-marki*

5.1. Il-kapaċità nominali ddikjarata għandha tiġi mmarkata biċ-ċar u mingħajr ma tista' titħassar fuq il-kejl.

5.2. Il-kejl li jaqdi l-kapaċità jista' jiġi mmarkat ukoll b'sa tliet kapaċitajiet ċari u li jistgħu jingħarfu minn xulxin, li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jwassal għal-konfużjoni bejniethom.

5.3. Il-marki kollha tal-mili għandhom ikunu ċari u jtulu biżżejjed fiż-żmien sabiex jiġguraw illi ż-ŻMPijiet ma jinqabżux waqt l-użu.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

A1 jew *F1* jew *D1* jew *E1* jew *B* + *E* jew *B* + *D* jew *H*.

▼B

ANNESS MI-009

L-ISTRUMENTI LI JKEJLU L-QISIEN

Il-ħtiġiet essenzali rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformitàà elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għall-istrumenti tal-kejl tal-qisien tat-tipi ddefiniti hawn taħt.

ID-DEFINIZZJONIJIET

“Strument li jkejjel it-tul”

Strument li jkejjel it-tul iservi sabiex jistabbilixxi t-tul tal-materjali tat-tip tal-ħbula (p.e. it tessuti, il-faxex, iċ-ċwiemi) matul il-moviment tal-għalf tal-prodott li jrid jitkejjel.

“Strumenti li jkejlu l-firxa”

Strument li jkejjel il-firxa jservi sabiex jistabbilixxi l-firxa ta' l-oġġetti ta' għamla irregolari, p.e. il-ġild.

“Strumenti tal-kejl multi-dimensjonali”

Strument tal-kejl multi-dimensjonali li jservi sabiex jistabbilixxi it-tul tat-truf (it-tul, il-għoli, il-wisa') ta' l-iżgħar solidu rettangolari mdawwar mill-parallogrammi kontenuti fi prodott.

KAPITROLU I - Il-ħtiġiet komuni għall-istrumenti kollha tal-kejl multi-dimensjonali

L-immunita elettro-manjetika

1. L-effett ta' disturbanza elettro-manjetika fuq strument tal-kejl multi-dimensjonali għandu jkun hekk illi:

   — il-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla kif iddefinit fil-paragrafu 2.3; jew

   — ikun impossibbli li jitwettaq kull kejl; jew

   — jeżistu varjazzjonijiet monetarji fil-kejl li ma jistgħux jiġu interpretati, immemorizzati jew tramessi bħala riżultat tal-kejl; jew

   — jeżistu varjazzjonijiet severi biżżejjed fir-riżultat tal-kejl sabiex jiġu nnotati minn dawk kollha interessati fir-riżultat tal-kejl.

2. Il-valur kritiku tal-bidla huwa egwali għal intervall wieħed fl-iskala.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

Għall-istrumenti mekkaniċi jew elettro-mekkaniċi

F1 jew *E1* jew *D1* jew *B* + *F* jew *B* + *E* jew *B* + *D* jew *H* jew *H1* jew *G*.

Għall-istrumenti elettroniċi jew is-sistemi li jkun fihom is-*software*:

B + *F* jew *B* + *D* jew *H1* jew *G*.

Il-KAPITOLU II - L-istrumenti li jkejlu t-tul

Il-karatteristiċi tal-prodott li jrid jitkejjel

1. It-tessuti huma kkaratterizzati bil-fattur *K* tal-karatterizzazzjoni. Dan il-fattur iqis kemm jiġġebbed it-tessut u l-firxa tal-qawwa għal kull unità tal-prodott imkejjel u huwa ddefinit bil-formola li ġejja:

   $K = \varepsilon (G_A + 2{,}2\ N/m^2)$, fejn

   l- ε huwa l-elongazzjoni relattiva ta' kampjun tad-drapp wiesa' 1 mm fil-qawwa tensili ta' 10 *N*,

   G_A huwa l-qawwa tal-piż għal kull firxa ta' unità għall-kampjun tad-drpp N/m^2.

▼B

Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim

2.1. I l - f i r x a

Id-dimensjonijiet u l-fattur *K*, meta japplikaw, ġewwa l-firxa speċifikata għall-istrument mill-fabbrikant. Il-firxiet tal-fattur *K* huma mogħtija fit-Tabella 1:

Tabella 1

Il-Grupp	Il-Firxa tal-*K*	Il-Prodott
I	$0 < K < 2 \times 10^{-2} N/m^2$	jiġġebbed ftit
II	$2 \times 10^{-2} N/m^2 < K < 8 \times 10^{-2} N/m^2$	jiġġebbed medju
III	$8 \times 10^{-2} N/m^2 < K < 24 \times 10^{-2} N/m^2$	jiġġebbed ħafna
IV	$24 \times 10^{-2} N/m^2 < K$	jiġġebbed ħafna ħafna

2.2. Meta l-oġġett imkejjel ma jiġix ittrasportat mill-istrument tal-kejl, il-veloċità tiegħu trid tkun ġewwa l-firxa speċifikata għall-istrument mill-fabbrikant.

2.3. Jekk ir-riżultat tal-kejl jiddependi mill-ħxuna, il-kondizzjoni tal-wiċċ u l-kwalità tal-kunsinna (p.e. minn roll kbir jew minn munzell), il-limitazzonijiet korrispondenti jiġu speċifikati mill-fabbrikant.

Iż-ŻMPijiet

3. L - I s t r u m e n t

Tabella 2

Il-Klassi ta' l-eżattezza	Iż-ŻMP
I	0,125 %, imma mhux inqas minn 0,005 L_m
II	0,25 %, imma mhux inqas minn 0,01 L_m
III	0,05 %, imma mhux inqas minn 0,02 L_m

Fejn il-*Lm* huwa t-tul minimu li jista' jitkejjel, jiġifieri l-iżgħar tul speċifikat mill-fabbrikant li għalih l-istrument ikun maħsub li jrid jintuża.

Il-valur tat-tul veru tat-tipi differenti ta' materjali għandu jitkejjel bl-użu ta' l-istrumenti xierqa (p.e. it-tejpijiet talkejl tat-tul). B'ħekk, il-materjal li jkun sejjer jitkejjel għandu jiġi mifrux dritt u mingħajr tiġbid fuq qiegħ xieraq (p.e. mejda xierqa).

Ħtiġiet oħra

4. L-istrumentri jridu jiżguraw illi l-prodott jitkejjel mingħajr tiġbid skond il-kapaċità tat-tiġbid li għaliha l-istrument ikun iddisinjat.

Il-KAPITOLU III - L-istrumenti li jkejlu l-firxa

Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim

1.1. I l - f i r x a

Id-dimensjonijiet ġewwa l-firxa speċifikata għall-istrument mill-fabbrikant.

1.2. I l - K o n d i z z j o n i t a l - p r o d o t t

Il-fabbrikant għandu jispeċifika l-limitazzjonijiet ta' l-istrumenti minħabba l-veloċità, u l-ħxuna tal-kondizzjonijiet tal-wiċċ jekk rilevanti, tal-prodott,

▼B

Iż-ŻMPijiet

2. L-Istrument

Iż-ŻMP huwa 1,0 %, imma mhux inqas minn 1 dm^2.

Ħtiġijiet oħra

3. Il-Preżentazzjoni tal-prodott

Fil-każ li l-prodott jinġibed lura jew jitwaqqaf, ma għandux ikun possibbli li jkun hemm żball tal-kejl jew il-wiri jrid jiġi mneħħi.

4. L-intervall ta' l-iskala

L-istrumenti jrid ikollhom intervall fl-ikala ta' 1,0 dm^2. B'żieda ma' dan, irid ikun possibbli li jkun hemm intervall ta' l-iskala ta 0,01 dm^2 għall-għanijiet tat-testijiet.

Il-KAPITOLU IV - L-istrumenti tal-kejl multi-dimensjonali

Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim

1.1. Il-firxa

Id-dimensjonijiet ġewwa l-firxa speċifikata għall-istrument mill-fabbrikant.

1.2. Id-dimensjoni minima

Il-limitu ta' isfel tad-dimensjoni minima għall-valuri kollha ta' l-intervall ta' l-iskala huwa mogħti fit-Tabella 1.

Tabella 1

L-Intervall ta' l-iskala (d)	Id-dimensjoni minima (min) (il-limitu ta' isfel)
d = 20 ċm	10 d
2 ċm < d = 10 ċm	20 d
10 ċm < d	50 d

1.3. Il-veloċità tal-prodott

Il-veloċità trid tkun ġewwa l-firxa speċifikata għall-istrument mill-fabbrikant.

IŻ-ŻMP

2. L-Istrument

Iż-ŻMO huwa ± 1,0 d.

▼B

ANNESS MI-010

L-ANALIZZATURI TAL-GASSIJIET MIT-TUBI TA' L-EMISSJONI

Il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I, il-ħtiġiet speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri ta' l-istima tal-konformita elenkati f'dan l-Anness, japplikaw għall-analizzaturi tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni iddefiniti hawn taħt, maħsuba għall-ispezzjon u l-manutenzjoni professjonali tal-vetturi bil-magna fl-użu.

ID-DEFINIZZJONIJIET

"Analizzatur tal-gasijiet mit-tubi ta' l-emissjoni":

Analizzatur tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni huwa strument tal-kejl li jservi sabiex jistabbilixxi l-frazzjonijiet tal-volum ta' komponenti speċifikati tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni tal-magna ta' vettura bil-magna li taqbad bil-berqa fil-livell ta' l-umdità tal-kampjun analizzat.

Dawn il-komponenti tal-gassijiet huma l-monossidu tal-karbonju (CO), id-dijossidu tal-karbonju (CO_2), l-ossiġenu (O_2) u l-idrokarboni (HC)

Il-kontenut ta' l-idrokarboni jrid jiġi espress bħala konċentrazzjoni ta' l-n-ekżsan (C_6H_{14}), imkejjel bil-metodi tat-teknika ta' l-assorbiment qrib l-*infra red*.

Il-frazzjonijiet tal-volum tal-komponenti tal-gassijiet jiġu espressi bħala perċentwal (% *vol*) għall-CO, il-CO_2 u l-O_2 u f'partijiet kull miljun (*ppm vol*).

Barra minn hekk analizzatur tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni jikkalkola l-valur tal-*lambda* mill-frazzjonijiet tal-volum tal-komponenti tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni.

"Lambda":

Il-*lambda* hija valur mingħajr dimensjonijiet rappreżentattiv ta' l-effikaċja tal-ħruq f'magna f'termini tal-proprozjon ta' l-arja/karburant fil-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni. Tiġi stabbilita b'formola standardizzata tar-riferiment.

IL-ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI

Il-Klassijiet ta' l-Istrumenti

1. Qegħdin jiġu ddefiniti żewġ klassijiet (0 u 1) għall-analizzaturi tal-gassijiet tat-tubi ta' l-emissjoni. Il-firxiet minimi rilevanti tal-kejl għal dawn il-klasijiet huma murija fit-Tabella 1.

Tabella 1

Il-klassijiet u l-firxiet tal-kejl

Il-Parametru	Il-Klassijiet 0 u I
Il-Frazzjon tal-CO	minn 0 sa 5 % *vol*
Il-Frazzjon tal-CO_2	minn 0 sa 16 % *vol*
Il-Frazzjon tal-HC	minn 0 sa 2 000*ppm vol*
Il-Frazzjon ta' l-O_2	minn 0 sa 21 % *vol*
λ	(minn 0,8 sa 1,2)

Il-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma;

2. Il-valuri tal-kondizzjonijiet irratati tal-ħidma għandhom jiġu speċifikati mill-fabbrikant kif ġej:

2.1. Għall-kwantitajiet ta' influwenza klimatika jew mekkanika:

— Firxa minima tat-temperatura ta' 35ºĊ għall-ambjent klimatiku;

— Il-klassi mekkanika ambjentali li tapplika hija l-*M1*.

▼B

2.2. Għall-kwantitajiet ta' influwenza ta' l-enerġija l-elettrika:

— Il-firxa tal-voltaġġ u tal-frekwenza għall-provvista tal-voltaġġ *AC*;

— Il-limiti tal-provvista tal-voltaġġ *DC*.

2.3. Għall-pressjoni ta' mad-dwar:

— Il-valuri minimi u massimi tal-pressjoni tal-mad-dwar huma għaż-żewġ klassijiet: p_{min} = 860 *hPa*, p_{max} > = 1 060*hPa*.

L-iżbalji massimi permissibbli (iż-ŻMPijiet)

3. Iż-ŻMPijiet huma ddefiniti kif ġej:

3.1. Għal kull wieħed mill-frazzjonijiet imkejla, il-valur massimu permess għall-iżball taħt kondizzjonijiet irratati tal-ħidma skond il-paragafu 1.1. ta' l-Anness I huwa ikbar miż-żewġ valuri murija fit-Tabella 2. Il-valuri assoluti huma espressi fi % *vol* jew *ppm vol*, il-valuri perċentwali huma perċentwal tal-valur veru.

Tabella 2

L-MPEs

Il-Parametru	Il-Klassi 0	Il-Klassi I
Il-Frazzjon tal-CO	± 0,03 % *vol* ± 5 %	± 0,06 % *vol* ± 5 %
Il-Frazzjon tal-CO_2	± 0,5 % *vol* ± 5 %	± 0,5 % *vol* ± 5 %
Il-Frazzjon tal-HC	± 10 *ppm vol* ± 5 %	± 12 *ppm vol* ± 5 %
Il-Frazzjon ta' l-O_2	± 0,1 % *vol* ± 5 %	± 0,1 % *vol* ± 5 %

3.2. Iż-ŻMP fuq il-kalkolu tal-*lambda* huwa 0,3 %. Il-valur veru konvenzjonali huwa kkalkolat skond il-formola ddefinita fil-punt 5.3.7.3 ta' l-Anness I mad-Direttiva 98/69/KE tal-Parlamentr Ewropew u tal-Kunsill li għandha x'taqsam mal-miżuri li jridu jittieħdu kontra l-inkwinament ta' l-arja mill-emissjonijiet mill-vetturi bil-magna u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ([1]).

Għal dan il-għan, il-valuri murija mill-istrument jintużaw għall-kalkolu.

L-effett pemissibbli tad-disturbanzi

4. Għal kull waħda mill-frazzjonijiet tal-volum imkejla bl-istrument, il-valur kritiku tal-bidla huwa egwali għaż-ŻMP għall-parametru interessat.

5. L-effett ta' disturbanza elettro-manjetika għandu jkun hekk illi:

— jew il-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla stabbilit fil-paragrafy 4;

— jew il-preżentazzjoni tar-riżultat tal-kejl tkun hekk illi ma tistax tittieħed bħala riżultat validu.

Htiġijiet oħra

6. Ir-riżoluzzjoni għandha tkun egwali għal jew ta' ordni waħda tal-kobor ogħla mill-valuri murija fit-Tabella 3.

([1]) ĠU L 350, tat-28.12.1998, p. 17.

▼B

Tabella 3

Ir-riżoluzzjoni

	Il-CO	Il-CO_2	Il-O_2	Il-HC
Il-Klassi 0 u l-Klassi I	0,01 % *vol*	0,1 % *vol*	([1])	ppm vol

([1]) 0,01 % *vol* għall-valuri tal-miżurand taħt l-4 % jew egwali għalih, inkella 0.1 % *vol*.

Il-valur tal-*lambda* għandu jiġi muri b'riżoluzzjoni ta' 0,001.

7. Id-devjazzjoni *standard* għal 20 kejl ma għandiex tkun ikbar minn terz tal-modulu taż-ŻMP għal kull wieħed mill-frazzjonijiet tal-volum tal-gassijiet applikabbli.

8. Sabiex jitkeju l-CO, il-CO_2 u l-HC, l-istrument, inkluża s-sistema speċifikata tat-tqandil tal-gassijiet. iridu jindikaw 95 % tal-valur finali kif stabbilit bil-gassijiet tal-kalibrazzjoni fi żmien 15-il sekonda wara l-bidla minn gas b'kontenut żero, p.e. l-arja pura. Sabiex jitkejjel l-O_2, l-istrument taħt kondizzjonijiet simili jrid jindika valur li jiddifferixxi b'inqas mon 0,1 % vol miż-żero fi żmien 60 sekonda wara l-bidla minn arja pura għal ġass ħieles mill-ossiġenu.

9. Il-komponenti fil-gass mit-tubi ta' l-emissjoni, għajr il-komponenti li l-valuri tagħhom huma bla ħsara għall-kejl, ma għandhomx jaffettwaw ir-riżultati tal-kejl b'iktar min-nofs il-modulu taż-ŻMPijiet meta dawn il-komponenti jkunu preżenti fil-frazzjoniet li ġejjin tal-volum massimu:

   6 % *vol* CO,

   16 % *vol* CO_2,

   10 % *vol* O_2,

   5 % *vol* H_2,

   0,3 % *vol* NO,

   2 000 ppm vol HC (bħala n-ekżan)

   fwar ta' l-ilma sas-saturazzjoni.

10. Analizzatur tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni għandu jkollu l-faċilità ta' aġġustament li tipprovdi l-ħidmiet għall-fissar fuq iż-żero, il-kalibrazzjoni tal-gass u l-aġġustament intern. Il-faċilità ta' l-aġġustament għall-fissar fuq iż-żero u l-aġġustament intern għandhom ikunu awtomatiċi.

11. Għall-faċilitajiet awtomatiċi jew semi-awtomatiċi ta' l-aġġustament, l-istrument ma għandux ikun kapaċi jieħu kejl sakemm ma jkunux saru l-aġġustamenti.

12. Analizzatur tal-gassijiet mit-tubu ta' l-emissjoni għandu jikxef il-fdalijiet idrokarbonji fis-sistema tat-tqandil tal-gassijiet. Ma għandux ikun possibbli li jitwettaq kejl jekk il-fdalijiet idrokarbonji, preżenti qabel kull kejl, jaqbżu l-20 *ppm vol*.

13. Analizzatur tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni għandu jkollu mezz sabiex jagħraf b'mod awtomatiku kull nuqqas ta' funzjonament tas-sensur tal-kanal ta' l0-ossiġenu minħabba t-taħsir bl-użu jew qasma fil-linja tal-konnessjoni.

14. Jekk l-analizzatur tal-gassijiet mit-tubi ta' l-emissjoni jkun kapaċi jaħdem b'karburanti differenti (p.e. bil-petrol jew bil-gass illikwefat), għandu jkun hemm il-possibbiltà li jingħażlu koeffiċjenti xierqa għall-kalkolu tal-*lambda* mingħajr ambigwità li tirrigwarda l-formola approprjata.

L-ISTIMA TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-istima tal-konformità riferiti fl-Artikolu 9 li l-fabbrikant ikun jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew H1.